PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/2145(INI)

15.10.2008

EMENDI
1 - 237

Abbozz ta' rapport
Giusto Catania
(PE409.461v03-00)

dwar il-qagħda tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea 2004-2007
(2007/2145(INI))

AM_Com_NonLegReport

Emenda 1
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Titolu tar-rapport

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Abbozz ta' Rapport dwar il-qagħda tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea 2004-***2007***	Abbozz ta' Rapport dwar il-qagħda tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea 2004-***2008***

Or. it

Emenda 2
Mary Lou McDonald

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-innovazzjonijiet li ftehmu dwarhom il-gvernijiet tal-Istati Membri fit-13 ta' Diċembru 2007 billi ffirmaw it-Trattat ta' Liżbona, u li l-ewwel fosthom hemm imniżżel li l-Karta tingħata natura li torbot legalment, kif ukoll l-obbligu ta' sħubija mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali,	***imħassra***

Or. en

Emenda 3
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill	- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill

2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità , u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol,	2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità, u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, ***u għall-Konvenzjoni ta' Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa,***

Or. en

Emenda 4
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 9 a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	- wara li kkunsidra r-rapporti tiegħu dwar iż-żjarat liċ-ċentri tad-detenzjoni għall-immigranti f'qagħda irregolari,

Or. fr

Emenda 5
Mary Lou McDonald, Claude Moraes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 13 a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	- wara li kkunsidra l-adozzjoni tad-dikjarazzjoni bil-miktub 0111/2007 biex tintemm il-problema tan-nies li m'għandhomx fejn joqogħdu,

Or. en

Emenda 6
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-Parlament Ewropew, bħala rappreżentant elett direttament miċ-ċittadini tal-Unjoni, jemmen fir-responsabilità importanti tiegħu fit-twettiq ta' dawn il-prinċipji, b'mod partikolari minħabba li, fis-sitwazzjoni attwali li jinsabu fiha t-Trattati, id-dritt għal appell individwali quddiem il-ġurisdizzjonijiet Komunitarji għadu limitat ferm,	B. billi l-Parlament Ewropew, bħala rappreżentant elett direttament miċ-ċittadini tal-Unjoni ***u garanti tad-drittijiet tagħhom***, jemmen fir-responsabilità importanti tiegħu fit-twettiq ta' dawn il-prinċipji, b'mod partikolari minħabba li, fis-sitwazzjoni attwali li jinsabu fiha t-Trattati, id-dritt għal appell individwali quddiem il-ġurisdizzjonijiet Komunitarji għadu limitat ferm,

Or. fr

Emenda 7
Stefano Zappalà, Mario Mauro, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-Parlament Ewropew, bħala rappreżentant elett direttament miċ-ċittadini tal-Unjoni, jemmen fir-responsabilità importanti tiegħu fit-twettiq ta' dawn il-prinċipji, b'mod partikolari minħabba li, fis-sitwazzjoni attwali li jinsabu fiha t-Trattati, id-dritt għal appell individwali quddiem il-ġurisdizzjonijiet Komunitarji għadu limitat ferm,	B. billi l-Parlament Ewropew, bħala rappreżentant elett direttament miċ-ċittadini tal-Unjoni, jemmen fir-responsabilità importanti tiegħu fit-twettiq ta' dawn il-prinċipji, b'mod partikolari minħabba li, fis-sitwazzjoni attwali li jinsabu fiha t-Trattati, id-dritt għal appell individwali quddiem il-ġurisdizzjonijiet Komunitarji ***u l-Ombudsman Ewropew*** għadu limitat ferm,

Or. it

Emenda 8
Mary Lou McDonald

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi t-Trattat ta' Liżbona li qed jiġi rratifikat jirreferi b'mod espliċitu għall-Karta, u jagħtiha l-istess valur ġuridiku tat-trattati,	***imħassra***

Or. en

Emenda 9
Mary Lou McDonald, Claude Moraes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-aċċess għal djar adegwati huwa dritt fundamentali tal-bniedem u l-aċċess għal post ta' kenn sikwit huwa l-ewwel pass lejn soluzzjonijiet ta' djar adegwati u sostenibbli għal persuni li jkunu ta' faqar bla tarf u li jiġu esklużi; billi kull xitwa persuni jmutu ffriżati fl-UE kollha minħabba n-nuqqas ta' akkomodazzjoni ta' emerġenza u ta' servizzi fil-komunità (outreach services) li jaħsbu għall-bżonnijiet tagħhom,

Or. en

Emenda 10
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jiġbed l-attenzjoni li l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali jinvolvi miżuri f'livelli differenti (internazzjonali, Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali) u jisħaq fuq is-sehem li jistgħu jagħtu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni prattika u l-promozzjoni ta' drittijiet bħal dawn;

Or. it

Emenda 11
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jenfasizza li l-Artikolu 7 tat-Trattati tal-UE jaħseb għal proċedura Ewropea sabiex jiġi żgurat li ma jsirx ksur sistematiku u serju tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali fl-UE, iżda li proċedura bħal din qatt ma ntużat minkejja l-fatt li jsir ksur fl-Istati Membri tal-UE, kif ġie ppruvat mis-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE biex iwaqqfu mekkaniżmu ta' monitoraġġ kif ukoll sett ta' kriterji oġġettivi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 7 tat-TEU;

Or. en

Emenda 12
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jieħdu azzjoni - b'konformità mal-Artikolu 7 tat-TEU - fuq il-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali Taljana ilha tiffunzjona x-xhur bla ma nħatru l-imħallfin kollha u li l-kumitat għall-monitoraġġ tal-midja fil-Parlament Taljan għadu ma ġiex elett, biex b'hekk qiegħda tiġi mfixkla l-ħidma għall-iskrutinju demokratiku li għandha ssir;

Or. en

Emenda 13
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li għalkemm it-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati *membri* jistgħu jintużaw bħala sors ta' ispirazzjoni għall-Qorti tal-Ġustizzja fit-tfassil tal-ġurisprudenza fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, l-Istati Membri ma jistgħux jużaw il-fatt li l-Karta tagħti livell ta' ħarsien iktar baxx għal ċerti drittijiet mill-garanziji offerti fil-kostituzzjoni tagħhom stess sabiex inaqqsu l-livell ta' aħħar;	4. Jenfasizza li għalkemm it-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati *Membri* jistgħu jintużaw bħala sors ta' ispirazzjoni għall-Qorti tal-Ġustizzja fit-tfassil tal-ġurisprudenza fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, ***il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tikkostitwixxi l-bażi komuni għad-drittijiet minimi, u li*** l-Istati Membri ma jistgħux jużaw il-fatt li l-Karta tagħti livell ta' ħarsien iktar baxx għal ċerti drittijiet mill-garanziji offerti fil-kostituzzjoni tagħhom stess sabiex inaqqsu l-livell ta' aħħar;

Or. fr

Emenda 14
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li għalkemm it-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati *membri* jistgħu jintużaw bħala sors ta' ispirazzjoni għall-Qorti tal-Ġustizzja fit-tfassil tal-ġurisprudenza fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, l-Istati Membri ma jistgħux jużaw il-fatt li l-Karta tagħti livell ta' ħarsien iktar baxx għal ċerti drittijiet mill-garanziji offerti fil-kostituzzjoni tagħhom stess sabiex inaqqsu l-livell ta' dawn tal-aħħar;	4. Jenfasizza li għalkemm it-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati *Membri* ***u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali*** jistgħu jintużaw bħala sors ta' ispirazzjoni għall-Qorti tal-Ġustizzja fit-tfassil tal-ġurisprudenza fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, l-Istati Membri ma jistgħux jużaw il-fatt li l-Karta tagħti livell ta' ħarsien iktar baxx għal ċerti drittijiet mill-garanziji offerti fil-kostituzzjoni tagħhom stess sabiex inaqqsu l-livell ta' dawn tal-aħħar;

Or. en

Emenda 15
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jenfasizza li l-imħallfin fl-Istati Membri għandhom sehem importanti x'jagħtu fl-infurzar tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-istati biex idaħħlu sistema ta' taħriġ kontinwu għall-imħallfin nazzjonali dwar is-sistemi għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali;

Or. it

Emenda 16
Maria da Assunção Esteves

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li politika attiva dwar id-drittijiet ma tistax tiġi limitata għal dawk il-każijiet li jieħdu l-akbar espożizzjoni pubblika u li l-ksur serju tad-drittijiet mhuwiex suġġett għall-iskrutinju pubbliku kritiku f'istituzzjonijiet magħluqa għaż-żgħażagħ, għall-anzjani u għall-morda kif ukoll fil-ħabsijiet; jenfasizza li l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea għandhom jiżguraw li jkun hemm monitoraġġ mill-esperti dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien f'istituzzjonijiet magħluqa bħal dawn, kemm għal dawk li huma regolamenti kif ukoll għall-prattiki;

Or. pt

Emenda 17
Kinga Gál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jilqa' l-ħolqien tal-Aġenzija li huwa l-ewwel pass biex jiġu sodisfatti t-talbiet tal-Parlament Ewropew sabiex jiġi stabbilit qafas regolamentari u istituzzjonali integrat li jagħmel li l-Karta tkun effettiva u jiżgura l-konformità mas-sistema mwaqqfa mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; ifakkar madankollu li r-rapport annwali ġenerali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem magħmul min-Netwerk Ewropew ta' Esperti Indipendenti fil-qasam	7. Jilqa' l-ħolqien tal-Aġenzija li huwa l-ewwel pass biex jiġu sodisfatti t-talbiet tal-Parlament Ewropew sabiex jiġi stabbilit qafas regolamentari u istituzzjonali integrat li jagħmel li l-Karta tkun effettiva u jiżgura l-konformità mas-sistema mwaqqfa mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; ifakkar madankollu li r-rapport annwali ġenerali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem magħmul min-Netwerk Ewropew ta' Esperti Indipendenti fil-qasam

tad-Drittijiet tal-Bniedem, li kien jiġi ppubblikat sal-2005, kien jeżamina l-applikazzjoni tad-drittijiet kollha rikonoxxuti mill-Karta f'kull wieħed mill-Istati Membri***, u jinsab għalhekk imħasseb minħabba l-fatt li l-mandat illimitat tal-Aġenzija u x-xoljiment tan-Netwerk jistgħu jeskludu mill-kamp ta' investigazzjoni sistematika numru ta' oqsma importanti tal-politika tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Ewropa, b'mod partikolari l-politiki kontra t-terroriżmu, it-trattament ħażin u l-użu tas-saħħa min-naħa tal-pulizija, id-dritt għal sentenza ġusta, il-vjolenza kontra n-nisa u t-traffikar tal-Bnedmin***;	tad-Drittijiet tal-Bniedem, li kien jiġi ppubblikat sal-2005, kien jeżamina l-applikazzjoni tad-drittijiet kollha rikonoxxuti mill-Karta f'kull wieħed mill-Istati Membri;

Or. en

Emenda 18
Stefano Zappalà, Mario Mauro, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jilqa' l-ħolqien tal-Aġenzija li huwa l-ewwel pass biex jiġu sodisfatti t-talbiet tal-Parlament Ewropew sabiex jiġi stabbilit qafas regolamentari u istituzzjonali integrat li jagħmel li l-Karta tkun effettiva u jiżgura l-konformità mas-sistema mwaqqfa mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; ifakkar madankollu li r-rapport annwali ġenerali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem magħmul min-Netwerk Ewropew ta' Esperti Indipendenti fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem, li kien jiġi ppubblikat sal-2005, kien jeżamina l-applikazzjoni tad-drittijiet kollha rikonoxxuti mill-Karta f'kull wieħed mill-Istati Membri, u jinsab għalhekk imħasseb minħabba l-fatt li l-mandat illimitat tal-Aġenzija u x-xoljiment tan-Netwerk	7. Jilqa' l-ħolqien tal-Aġenzija li huwa l-ewwel pass biex jiġu sodisfatti t-talbiet tal-Parlament Ewropew sabiex jiġi stabbilit qafas regolamentari u istituzzjonali integrat li jagħmel li l-Karta tkun effettiva u jiżgura l-konformità mas-sistema mwaqqfa mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; ifakkar madankollu li r-rapport annwali ġenerali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem magħmul min-Netwerk Ewropew ta' Esperti Indipendenti fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem, li kien jiġi ppubblikat sal-2005, kien jeżamina l-applikazzjoni tad-drittijiet kollha rikonoxxuti mill-Karta f'kull wieħed mill-Istati Membri, u jinsab għalhekk imħasseb minħabba l-fatt li l-mandat illimitat tal-Aġenzija u x-xoljiment tan-Netwerk

jistgħu jeskludu mill-kamp ta' investigazzjoni sistematika numru ta' oqsma importanti tal-politika tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Ewropa, b'mod partikolari l-politiki kontra t-terroriżmu, ***it-trattament ħażin u l-użu tas-saħħa min-naħa tal-pulizija,*** id-dritt għal sentenza ġusta, il-vjolenza kontra n-nisa u t-traffikar *tal-Bnedmin*;	jistgħu jeskludu mill-kamp ta' investigazzjoni sistematika numru ta' oqsma importanti tal-politika tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Ewropa, b'mod partikolari l-politiki kontra t-terroriżmu, id-dritt għal sentenza ġusta, il-vjolenza kontra n-nisa u t-traffikar *tal-bnedmin*;
	Or. it

Emenda 19
Íñigo Méndez de Vigo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jilqa' l-ħolqien tal-Aġenzija li huwa l-ewwel pass biex jiġu sodisfatti t-talbiet tal-Parlament Ewropew sabiex jiġi stabbilit qafas regolamentari u istituzzjonali integrat li jagħmel li l-Karta tkun effettiva u jiżgura l-konformità mas-sistema mwaqqfa mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; ifakkar madankollu li r-rapport annwali ġenerali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem magħmul min-Netwerk Ewropew ta' Esperti Indipendenti fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem, li kien jiġi ppubblikat sal-2005, kien jeżamina l-applikazzjoni tad-drittijiet kollha rikonoxxuti mill-Karta f'kull wieħed mill-Istati Membri, u jinsab għalhekk imħasseb minħabba l-fatt li l-mandat illimitat tal-Aġenzija u x-xoljiment tan-Netwerk jistgħu jeskludu mill-kamp ta' investigazzjoni sistematika numru ta' oqsma importanti tal-politika tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Ewropa, b'mod partikolari l-politiki kontra t-terroriżmu, it-trattament ħażin u l-użu tas-saħħa min-naħa tal-pulizija, id-dritt għal sentenza ġusta, il-	7. Jilqa' l-ħolqien tal-Aġenzija li huwa l-ewwel pass biex jiġu sodisfatti t-talbiet tal-Parlament Ewropew sabiex jiġi stabbilit qafas regolamentari u istituzzjonali integrat li jagħmel li l-Karta tkun effettiva u jiżgura l-konformità mas-sistema mwaqqfa mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; ifakkar madankollu li r-rapport annwali ġenerali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem magħmul min-Netwerk Ewropew ta' Esperti Indipendenti fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem, li kien jiġi ppubblikat sal-2005, kien jeżamina l-applikazzjoni tad-drittijiet kollha rikonoxxuti mill-Karta f'kull wieħed mill-Istati Membri, u jinsab għalhekk imħasseb minħabba l-fatt li l-mandat illimitat tal-Aġenzija u x-xoljiment tan-Netwerk jistgħu jeskludu mill-kamp ta' investigazzjoni sistematika numru ta' oqsma importanti tal-politika tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Ewropa, b'mod partikolari l-politiki kontra t-terroriżmu, it-trattament ħażin u l-użu tas-saħħa min-naħa tal-pulizija, id-dritt għal sentenza ġusta, il-

vjolenza kontra n-nisa u t-traffikar *tal-Bnedmin*;	vjolenza kontra n-nisa u t-traffikar *tal-bnedmin**, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-faqar bla tarf u l-esklużjoni soċjali***;

Or. fr

Emenda 20
Carlo Casini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza, f'dak li jikkonċerna l-mandat limitat tal-Aġenzija, li l-kwistjonijiet relatati mad-Drittijiet tal-Bniedem ma jistgħux jiġu maqsuma b'mod artifiċjali f'termini ta' oqsma tal-ewwel, it-tieni u t-tielet pilastru, hekk kif l-Istati Membri għażlu li jiddefinixxu l-qasam ta' kompetenzi tal-Unjoni Ewropea, għaliex id-drittijiet fundamentali jikkostitwixxu totalità indiviżibbli u huma interdipendenti; iqis li huwa għalhekk neċessarju li l-Kummissjoni u l-Kunsill, b'koperazzjoni mal-Aġenzija, l-ewwelnett ikollhom ħarsa ġenerali tal-preokkupazzjonijiet fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Istati Membri ***lil hinn mill-qafas strettament Ewropew, u mingħajr ma jillimitaw ruħhom għas-suġġetti attwali tal-Unjoni Ewropea, u lanqas għall-istrumenti ġuridiċi u politiċi speċifiċi tagħha,*** billi jidentifikaw il-problemi rikorrenti u attwali fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Istati Membri u billi jqisu l-mekkaniżmi eżistenti kollha fil-livell internazzjonali u f'dak Ewropew;	8. Jenfasizza, f'dak li jikkonċerna l-mandat limitat tal-Aġenzija, li l-kwistjonijiet relatati mad-Drittijiet tal-Bniedem ma jistgħux jiġu maqsuma b'mod artifiċjali f'termini ta' oqsma tal-ewwel, it-tieni u t-tielet pilastru, hekk kif l-Istati Membri għażlu li jiddefinixxu l-qasam ta' kompetenzi tal-Unjoni Ewropea, għaliex id-drittijiet fundamentali jikkostitwixxu totalità indiviżibbli u huma interdipendenti; iqis li huwa għalhekk neċessarju li l-Kummissjoni u l-Kunsill, b'koperazzjoni mal-Aġenzija, l-ewwelnett ikollhom ħarsa ġenerali tal-preokkupazzjonijiet fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Istati Membri billi jidentifikaw il-problemi rikorrenti u attwali fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Istati Membri u billi jqisu l-mekkaniżmi eżistenti kollha fil-livell internazzjonali u f'dak Ewropew;

Or. it

Emenda 21
Carlo Casini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Jieħu f'idejh li jiżgura s-segwitu*** għall-ħidma tal-Aġenzija fl-Unjoni Ewropea ***u li jittratta l-kwistjonijiet marbuta mad-Drittijeit tal-Bniedem li ma jaqgħux fil-qasam ta' kompetenza tal-Aġenzija u jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel l-istess skont l-irwol tagħha ta' gwardjan tat-Trattati***;	10. ***Jisħaq fuq l-importanza tas-segwitu*** għall-ħidma tal-Aġenzija fl-Unjoni Ewropea***; jilqa' d-dritt għat-talba li l-Aġenzija tippubblika l-kundizzjonijiet u l-opinjonijiet dwar suġġetti tematiċi speċifiċi***;

Or. it

Emenda 22
Maria Grazia Pagano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jitlob ***lill-Kunsill biex fir-Rapporti Annwali futuri tiegħu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-dinja, jinkludi wkoll analiżi tas-sitwazzjoni fid-dinja kif ukoll ta' dik f'kull wieħed mill-Istati Membri***; iqis li analiżi konġunta bħal din tenfasizza l-impenn ekwivalenti tal-Unjoni għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem kemm ġo fiha stess kif ukoll lil hinn mill-fruntieri tagħha, b'tali mod li jiġi evitat approċċ differenti skont il-każ (standard doppju);	11. Jitlob***, barra mir-rapport annwali tal-Kunsill fuq id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, biex il-Parlament jippreżenta rapporti annwali dwar il-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem f'kull Stat Membru, ibbażat fuq studji speċifiċi mitluba mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali***; iqis li analiżi konġunta bħal din tenfasizza l-impenn ekwivalenti tal-Unjoni għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem kemm ġo fiha stess kif ukoll lil hinn mill-fruntieri tagħha, b'tali mod li jiġi evitat approċċ differenti skont il-każ (standard doppju);

Or. it

Emenda 23
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jitlob lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex l-istituti nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem ***stabbiliti fil-kuntest tal-"Prinċipji ta' Pariġi" tan-Nazzjonijiet Uniti*** jingħataw status ta' indipendenza fir-rigward tas-setgħat eżekuttivi, kif ukoll li jingħataw biżżejjed riżorsi finanzjarji, partikolarment billi jitqies il-fatt li waħda mill-funzjonijiet ta' dawn l-entitajiet hija li jirrevedu l-politiki tad-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex jipprevenu n-nuqqasijiet u jissuġġerixxu titjib, billi huwa ovvju li l-effikaċja titkejjel l-ewwel permezz tal-prevenzjoni, u mhux biss permezz tas-sejba ta' soluzzjonijiet għall-problemi;	12. ***Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex iwaqqfu entitajiet nazzjonali awtorevoli u indipendenti biex jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali skont "il-Prinċipji ta' Pariġi" tan-Nazzjonijiet Uniti;*** Jitlob lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex l-istituti nazzjonali ***eżistenti*** tad-Drittijiet tal-Bniedem jingħataw status ta' indipendenza fir-rigward tas-setgħat eżekuttivi, kif ukoll li jingħataw biżżejjed riżorsi finanzjarji, partikolarment billi jitqies il-fatt li waħda mill-funzjonijiet ta' dawn l-entitajiet hija li jirrevedu l-politiki tad-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex jipprevenu n-nuqqasijiet u jissuġġerixxu titjib, billi huwa ovvju li l-effikaċja titkejjel l-ewwel permezz tal-prevenzjoni, u mhux biss permezz tas-sejba ta' soluzzjonijiet għall-problemi;

Or. it

Emenda 24
Maria Grazia Pagano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jitlob lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex l-istituti nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem stabbiliti fil-kuntest tal-"Prinċipji ta' Pariġi" tan-Nazzjonijiet Uniti jingħataw status ta' indipendenza fir-rigward tas-setgħat eżekuttivi, kif ukoll li jingħataw biżżejjed riżorsi finanzjarji,	12. Jitlob lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex l-istituti nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem stabbiliti fil-kuntest tal-"Prinċipji ta' Pariġi" tan-Nazzjonijiet Uniti jingħataw status ta' indipendenza fir-rigward tas-setgħat eżekuttivi, kif ukoll li jingħataw biżżejjed riżorsi finanzjarji,

partikolarment billi jitqies il-fatt li waħda mill-funzjonijiet ta' dawn l-entitajiet hija li jirrevedu l-politiki tad-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex jipprevenu n-nuqqasijiet u jissuġġerixxu titjib, billi huwa ovvju li l-effikaċja titkejjel l-ewwel permezz tal-prevenzjoni, u mhux biss permezz tas-sejba ta' soluzzjonijiet għall-problemi;	partikolarment billi jitqies il-fatt li waħda mill-funzjonijiet ta' dawn l-entitajiet hija li jirrevedu l-politiki tad-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex jipprevenu n-nuqqasijiet u jissuġġerixxu titjib, billi huwa ovvju li l-effikaċja titkejjel l-ewwel permezz tal-prevenzjoni, u mhux biss permezz tas-sejba ta' soluzzjonijiet għall-problemi; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri biex iwaqqfu l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem imsemmijin aktar 'il fuq, jekk dan għadhom m'għamluhx;***
	Or. it

Emenda 25
Maria Grazia Pagano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Ifakkar li huwa jqis bħala essenzjali mill-aspett politiku li l-kunċett ta' promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jiġi integrat fost l-objettivi li għandhom jintlaħqu, meta jkun qed jiġi *semplifikat* jew riorganizzat l-acquis communautaire; jitlob li kull politika ġdida, proposta leġiżlattiva u programm ikunu akkumpanjati minn studju tal-impatt fil-qasam tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, u li din l-evalwazzjoni tkun tagħmel parti integrali mill-ġustifikazzjoni tal-proposta;	14. Ifakkar li huwa jqis bħala essenzjali mill-aspett politiku li l-kunċett ta' promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jiġi integrat fost l-objettivi li għandhom jintlaħqu, meta jkun qed jiġi *simplifikat* jew riorganizzat l-acquis communautaire; jitlob li kull politika ġdida, proposta leġiżlattiva u programm ikunu akkumpanjati minn studju tal-impatt fil-qasam tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, u li din l-evalwazzjoni tkun tagħmel parti integrali mill-ġustifikazzjoni tal-proposta***, u jittama li l-Istati Membri jadottaw strumenti simili għall-evalwazzjoni tal-impatt fit-traspożizzjoni sussegwenti tal-liġi Komunitarja fil-liġi domestika***;
	Or. it

Emenda 26
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Ifakkar li huwa jqis bħala essenzjali mill-aspett politiku li l-kunċett ta' promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jiġi integrat fost l-objettivi li għandhom jintlaħqu, meta jkun qed jiġi *semplifikat* jew riorganizzat l-acquis communautaire; jitlob li kull politika ġdida, proposta leġiżlattiva u programm ikunu akkumpanjati minn studju tal-impatt fil-qasam tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, u li din l-evalwazzjoni tkun tagħmel parti integrali mill-ġustifikazzjoni tal-proposta;	14. Ifakkar li huwa jqis bħala essenzjali mill-aspett politiku li l-kunċett ta' promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jiġi integrat fost l-objettivi li għandhom jintlaħqu, meta jkun qed jiġi *simplifikat* jew riorganizzat l-acquis communautaire; jitlob li kull politika ġdida, proposta leġiżlattiva u programm ikunu akkumpanjati minn studju tal-impatt fil-qasam tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, u li din l-evalwazzjoni tkun tagħmel parti integrali mill-ġustifikazzjoni tal-proposta***, u jittama li l-Istati Membri jadottaw strumenti simili għall-evalwazzjoni tal-impatt fit-traspożizzjoni sussegwenti tal-liġi Komunitarja fil-liġi domestika***;

Or. it

Emenda 27
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jitlob lill-Presidenzi tal-Kunsill sabiex jorganizzaw il-Forum tal-NGOs tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'tali mod li s-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet Ewropej ikun jista' jkollhom disskussjonijiet fil-fond dwar il-kwistjonijiet relatati mad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Istati Membri; jenfasizza li dan il-Forum għandu jkun miftuħ għall-ikbar parteċipazzjoni possibbli;	***imħassar***

Or. en

Emenda 28
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Ifakkar l-irwol maġġuri tal-istituzzjonijiet u tal-mekkaniżmi ta' kontroll tal-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll fid-diversi Konvenzjonijiet tagħha; jitlob immedjatament lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Aġenzija sabiex jibbażaw ruħhom fuq din l-esperjenza, u biex iqisu dawn il-mekkaniżmi biex jinkluduhom fil-proċeduri ta' ħidma f'netwerk u jagħmlu użu mill-istandards żviluppati mill-Kunsill tal-Ewropa u mir-riżultati tanġibbli l-oħra tal-ħidma tiegħu; jieħu l-impenn li jisfrutta l-potenzjalità kollha tal-Memorandum ta' ftehima bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni Ewropea;	17. Ifakkar l-irwol maġġuri tal-istituzzjonijiet u tal-mekkaniżmi ta' kontroll tal-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll fid-diversi Konvenzjonijiet tagħha; jitlob immedjatament ***lill-Istati Membri tal-UE,*** lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Aġenzija sabiex jibbażaw ruħhom fuq din l-esperjenza, u biex iqisu dawn il-mekkaniżmi biex jinkluduhom fil-proċeduri ta' ħidma f'netwerk u jagħmlu użu mill-istandards żviluppati mill-Kunsill tal-Ewropa u mir-riżultati tanġibbli l-oħra tal-ħidma tiegħu; jieħu l-impenn li jisfrutta l-potenzjalità kollha tal-Memorandum ta' ftehima bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni Ewropea;

Or. it

Emenda 29
Maria Grazia Pagano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Ifakkar l-irwol maġġuri tal-istituzzjonijiet u tal-mekkaniżmi ta' kontroll tal-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll fid-diversi Konvenzjonijiet tagħha; jitlob immedjatament lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Aġenzija sabiex jibbażaw ruħhom fuq	17. Ifakkar l-irwol maġġuri tal-istituzzjonijiet u tal-mekkaniżmi ta' kontroll tal-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll fid-diversi Konvenzjonijiet tagħha; jitlob immedjatament lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Aġenzija, ***kif ukoll lill-Istati Membri***

din l-esperjenza, u biex iqisu dawn il-mekkaniżmi biex jinkluduhom fil-proċeduri ta' ħidma f'netwerk u jagħmlu użu mill-istandards żviluppati mill-Kunsill tal-Ewropa u mir-riżultati tanġibbli l-oħra tal-ħidma tiegħu; jieħu l-impenn li jisfrutta l-potenzjalità kollha tal-Memorandum ta' ftehima bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni Ewropea;	***nnifishom,*** sabiex jibbażaw ruħhom fuq din l-esperjenza, u biex iqisu dawn il-mekkaniżmi biex jinkluduhom fil-proċeduri ta' ħidma f'netwerk u jagħmlu użu mill-istandards żviluppati mill-Kunsill tal-Ewropa u mir-riżultati tanġibbli l-oħra tal-ħidma tiegħu; jieħu l-impenn li jisfrutta l-potenzjalità kollha tal-Memorandum ta' ftehima bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni Ewropea;
	Or. it

Emenda 30
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iqis li għalkemm l-Unjoni Ewropea mhijiex parti firmatarja minnha nnifisha, meta l-Istati Membri ***kollha*** ssieħbu mal-konvenzjonijiet u strumenti ġuridiċi internazzjonali l-oħra fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, dan ħolqilha obbligu li tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet tagħhom u, jekk ikun il-każ, għar-rakkomandazzjonijiet li jkunu ġew ifformulati mill-entitajiet maħluqa minnhom, sakemm il-liġi tal-Unjoni ma tkunx toffri protezzjoni ekwivalenti jew ogħla; jixtieq li l-Qorti tal-Ġustizzja tissieħeb ma' approċċ bħal dan permezz tal-ġurisprudenza tagħha;	20. Iqis li għalkemm l-Unjoni Ewropea mhijiex parti firmatarja minnha nnifisha, meta l-Istati Membri ssieħbu mal-konvenzjonijiet u strumenti ġuridiċi internazzjonali l-oħra fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, dan ħolqilha obbligu li tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet tagħhom u, jekk ikun il-każ, għar-rakkomandazzjonijiet li jkunu ġew ifformulati mill-entitajiet maħluqa minnhom, sakemm il-liġi tal-Unjoni ma tkunx toffri protezzjoni ekwivalenti jew ogħla; jixtieq li l-Qorti tal-Ġustizzja tissieħeb ma' approċċ bħal dan permezz tal-ġurisprudenza tagħha;
	Or. en

Emenda 31
Sarah Ludford, Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Titolu bejn Paragrafi 21 u 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Drittijiet tal-Bniedem u Sigurtà	Drittijiet tal-bniedem***, libertà,*** sigurtà ***u ġustizzja***

Or. en

Emenda 32
Sarah Ludford

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jenfasizza l-bżonn li jiġu evalwati u rrispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet individwali, skont l-iżvilupp tal-kompetenzi tal-Unjoni; iqis għalhekk li ż-żewġ objettivi ta' rispett tad-drittijiet fundamentali u ta' żgurar tas-sigurtà kollettiva huma kompatibbli, u li politiki adegwati jistgħu jevitaw sitwazzjoni fejn approċċ ripressiv ikun ta' theddida għal-libertajiet individwali;	22. Jenfasizza l-bżonn li jiġu evalwati u rrispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet individwali, skont l-iżvilupp tal-kompetenzi tal-Unjoni; iqis għalhekk li ż-żewġ objettivi ta' rispett tad-drittijiet fundamentali u ta' żgurar tas-sigurtà kollettiva huma ***mhux biss*** kompatibbli ***imma wkoll interdipendenti***, u li politiki adegwati jistgħu jevitaw sitwazzjoni fejn approċċ ripressiv ikun ta' theddida għal-libertajiet individwali;

Or. en

Emenda 33
Sarah Ludford

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jemmen li l-iżvilupp ta' żona ġudizzjarja Ewropea msejjes fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għandu jkun ibbażat fuq is-salvagwardji proċedurali ekwivalenti fl-UE kollha u r-rispett għad-

drittijiet fundamentali kif enfasizzati permezz tal-Artikolu 6 tat-TUE; jitlob li tiġi adottata malajr miżura leġiżlattiva adegwata dwar id-drittijiet tal-individwi fil-proċedimenti kriminali; jitlob lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-Mandat ta' Arrest Ewropew u miżuri oħra ta' rikonoxximent reċiproku jiġu applikati b'konformità mal-istandards tal-UE tad-drittijiet tal-bniedem, b'tali mod li n-nuqqas ta' konformità ma' dawn l-istandards jistgħu jkunu raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni;

Or. en

Emenda 34
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jesprimi thassib għall-għadd kbir ta' każijiet ta' ksur tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jinvolvu Stati Membri tal-UE[1] u jħeġġiġhom biex jeżegwixxu deċiżjonijiet relatati u biex jindirizzaw in-nuqqasijiet strutturali u l-ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem bl-introduzzjoni tar-riformi meħtieġa;

Or. en

[1] ***Ir-Rapport Annwali 2007 tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u b'mod partikulari s-sentenzi ta' każijiet ta' ksur bejn l-1999 u l-2007 (fost l-Istati Membri tal-UE l-Italja tiġi l-ewwel b'1,322 każ) u skont l-artikolu miksur (id-dewmien fil-proċedimenti huwa l-artikolu li jinkiser l-aktar mill-Istati Membri tal-UE: 948 sentenza li jirrigwardaw l-Italja); ara http://www.echr.coe.int/NR/rdonlyres/59F27500-FD1B-4FC5-8F3F-F289B4A03008/0/Annual_Report_2007.pdf***

Emenda 35
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Huwa mħasseb dwar il-fatt li koperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu spiss wasslet għal tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-libertajiet fundamentali, u jqis li l-UE għandha tkun iktar iebsa fl-azzjonijiet internazzjonali tagħha biex tippromwovi strateġija reali bbażata fuq ir-rispett sħiħ tal-istandards internazzjonali u tal-obbligi fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem; iqis li strateġija bħal din għandha tqis il-kontroll ġudizzjarju effettiv tas-servizzi ta' tagħrif sabiex jiġi evitat li informazzjoni miksuba bit-tortura jew permezz ta' trattament krudili jew kundizzjonijiet oħra li ma jissodisfawx ir-regoli internazzjonali fir-rigward tad-Drittijiet tal-Bniedem tintuża bħala element ta' prova fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji, inkluż fil-fażi preparatorja tal-każ;	24. Huwa mħasseb dwar il-fatt li koperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu spiss wasslet għal tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-libertajiet fundamentali, u jqis li l-UE għandha tkun iktar iebsa fl-azzjonijiet internazzjonali tagħha biex tippromwovi strateġija reali bbażata fuq ir-rispett sħiħ tal-istandards internazzjonali u tal-obbligi fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem***, kif ukoll il-protezzjoni tad-dejta personali u l-privatezza skont l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta***; iqis li strateġija bħal din għandha tqis il-kontroll ġudizzjarju effettiv tas-servizzi ta' tagħrif sabiex jiġi evitat li informazzjoni miksuba bit-tortura jew permezz ta' trattament krudili jew kundizzjonijiet oħra li ma jissodisfawx ir-regoli internazzjonali fir-rigward tad-Drittijiet tal-Bniedem tintuża bħala element ta' prova fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji, inkluż fil-fażi preparatorja tal-każ;

Or. fr

Emenda 36
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Huwa mħasseb dwar il-fatt li koperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu spiss wasslet għal tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni tad-	24. Huwa mħasseb dwar il-fatt li koperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu spiss wasslet għal tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni tad-

Drittijiet tal-Bniedem u tal-libertajiet fundamentali, u jqis li l-UE għandha tkun iktar iebsa fl-azzjonijiet internazzjonali tagħha biex tippromwovi strateġija reali bbażata fuq ir-rispett sħiħ tal-istandards internazzjonali u tal-obbligi fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem; iqis li strateġija bħal din għandha tqis il-kontroll ġudizzjarju effettiv tas-servizzi ta' tagħrif sabiex jiġi evitat li informazzjoni miksuba bit-tortura jew permezz ta' trattament krudili jew kundizzjonijiet oħra li ma jissodisfawx ir-regoli internazzjonali fir-rigward tad-Drittijiet tal-Bniedem tintuża bħala element ta' prova fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji, inkluż fil-fażi preparatorja tal-każ;	Drittijiet tal-Bniedem u tal-libertajiet fundamentali, u jqis li l-UE għandha tkun iktar iebsa fl-azzjonijiet internazzjonali tagħha biex tippromwovi strateġija reali bbażata fuq ir-rispett sħiħ tal-istandards internazzjonali u tal-obbligi fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem***, kif ukoll tal-protezzjoni tal-privatezza, b'mod partikulari, id-dejta personali***; iqis li strateġija bħal din għandha tqis il-kontroll ġudizzjarju effettiv tas-servizzi ta' tagħrif sabiex jiġi evitat li informazzjoni miksuba bit-tortura jew permezz ta' trattament krudili jew kundizzjonijiet oħra li ma jissodisfawx ir-regoli internazzjonali fir-rigward tad-Drittijiet tal-Bniedem tintuża bħala element ta' prova fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji, inkluż fil-fażi preparatorja tal-każ;
	Or. en

Emenda 37
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Huwa mħasseb bil-fatt li l-koperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu wasslet biex jitnaqqar id-dritt fundamentali tal-privatezza, tal-protezzjoni tad-dejta u tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni; iħeġġeġ lill-Kunsill biex jadotta d-Deċiżjoni ta' Qafas dwar il-Protezzjoni tad-Dejta fit-tielet pilastru, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-PE;
	Or. en

Emenda 38
Sarah Ludford

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Huwa mħasseb bil-fatt li l-koperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu qiegħda twassal għat-tnaqqir tad-dritt fundamentali tal-privatezza, tal-protezzjoni tad-dejta u tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni, bħall-ftehimiet PNR bejn l-UE u l-Istati Uniti jew prinċipji ta' protezzjoni tad-dejta mhux adegwati, u li r-riskju għall-UE hu li ddaħħal miżuri ta' sorveljanza ġeneralizzata u profiling taċ-ċittadini li ma jkunux konformi mal-istandards tal-UE tad-drittijiet tal-bniedem u n-nuqqas ta' evalwazzjoni xierqa fuq l-effikaċja tagħhom; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kunsill biex jadotta d-Deċiżjoni ta' Qafas dwar il-Protezzjoni tad-Dejta fit-tielet pilastru, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew għal standards ogħla;

Or. en

Emenda 39
Stefano Zappalà, Mario Mauro, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jitlob immedjatament lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Riżoluzzjoni tal-14 ta' Frar 2007 dwar l-użu allegat ta' pajjiżi Ewropej min-naħa taċ-CIA (Central Intelligence Agency -	***imħassar***

Aġenzja Ċentrali Amerikana tat-Tagħrif) għat-trasport u ż-żamma illegali ta' priġunieri , bil-għan li jinkixef l-irwol tal-Istati Membri fil-prattika illegali tar-restituzzjonijiet illegali;

Or. it

Emenda 40
Kinga Gál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jitlob immedjatament lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Riżoluzzjoni tal-14 ta' Frar 2007 dwar l-użu allegat ta' pajjiżi Ewropej min-naħa taċ-CIA (Central Intelligence Agency - Aġenzja Ċentrali Amerikana tat-Tagħrif) għat-trasport u ż-żamma illegali ta' priġunieri[1]***, bil-għan li jinkixef l-irwol tal-Istati Membri fil-prattika illegali tar-restituzzjonijiet illegali***;	25. Jitlob immedjatament lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Riżoluzzjoni tal-14 ta' Frar 2007 dwar l-użu allegat ta' pajjiżi Ewropej min-naħa taċ-CIA (Central Intelligence Agency - Aġenzja Ċentrali Amerikana tat-Tagħrif) għat-trasport u ż-żamma illegali ta' priġunieri[1];

Or. en

Emenda 41
Sarah Ludford, Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jieħdu inizjattiva diplomatika qawwija mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti sabiex jiġi żgurat li

[1] ĠU C 287 E, 29.11.2007, p. 309

Guatanamo tingħalaq, li l-priġunieri jiġu pproċessati skont il-liġi tal-Istati Uniti u li ħadd ma jintbagħat lura lejn pajjiżi fejn hemm ir-riskju li jista' jkun ittorturat jew li jiġi ttrattat ħażin;

Or. en

Emenda 42
Søren Bo Søndergaard

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jiddeplora l-isfida u n-nuqqas ta' implimentazzjoni min-naħa tal-UE tal-verdett tal-Qorti Ewropea tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Diċembru 2006 u s-sentenza tal-Qorti Britannika tal-Appell favur il-Mujahedin tal-Poplu tal-Iran (PMOI) tas-7 ta' Mejju 2008.

Or. en

Emenda 43
Maria Grazia Pagano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma tagħha biex tippreżenta proposta ta' pakkett leġiżlattiv, li jkun jinkludi fost l-oħrajn il-proposta, li s'issa kienet ġiet posposta, biex tiġi estiża l-portata tad-Direttiva 2000/43/KE għall-forom kollha l-oħra ta' diskriminazzjoni, billi b'hekk timplimenta l-Artikolu 21 tal-Karta, li jagħti marġni ta' ħidma ikbar minn dak li jagħti l-Artikolu 13 tat-Trattat	***imħassar***

li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, minħabba li fih huma msemmija każijiet kumplimentari ta' diskriminazzjoni - il-kulur tal-ġilda, l-oriġini soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza, il-proprjetà jew it-twelid jerġa' jinsisti fuq il-fatt li, meta jingħata trattament preferenzjali fil-livell leġiżlattiv lil ċerti tipi ta' diskriminazzjoni, dan iwassal għall-ħolqien ta' tip ta' ġerarkija bejn dawn it-tipi differenti, u dan m'għandux iseħħ;

Or. it

Emenda 44
Carlo Casini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma tagħha biex tippreżenta proposta ta' pakkett leġiżlattiv, li jkun jinkludi fost l-oħrajn il-proposta, li s'issa kienet ġiet posposta, biex tiġi estiża l-portata tad-Direttiva 2000/43/KE għall-forom kollha l-oħra ta' diskriminazzjoni, ***billi b'hekk timplimenta*** l-Artikolu 21 tal-Karta, li jagħti marġni ta' ħidma ikbar minn dak li jagħti l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, minħabba li fih huma msemmija każijiet kumplimentari ta' diskriminazzjoni - il-kulur tal-ġilda, l-oriġini soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza, il-proprjetà jew it-twelid jerġa' jinsisti fuq il-fatt li, meta jingħata trattament preferenzjali fil-livell leġiżlattiv lil ċerti tipi ta' diskriminazzjoni, dan iwassal għall-ħolqien	30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma tagħha biex tippreżenta proposta ta' pakkett leġiżlattiv, li jkun jinkludi fost l-oħrajn il-proposta, li s'issa kienet ġiet posposta, biex tiġi estiża l-portata tad-Direttiva 2000/43/KE għall-forom kollha l-oħra ta' diskriminazzjoni, ***filwaqt li tqis*** l-Artikolu 21 tal-Karta, li jagħti marġni ta' ħidma ikbar minn dak li jagħti l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, minħabba li fih huma msemmija każijiet kumplimentari ta' diskriminazzjoni: il-kulur tal-ġilda, l-oriġini soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza, il-proprjetà jew it-twelid; jerġa' jinsisti fuq il-fatt li, meta jingħata trattament preferenzjali fil-livell leġiżlattiv lil ċerti tipi ta' diskriminazzjoni, dan iwassal għall-ħolqien ta' tip ta' ġerarkija bejn dawn it-tipi

ta' tip ta' ġerarkija bejn dawn it-tipi differenti, u dan m'għandux iseħħ;	differenti, u dan m'għandux iseħħ;

Or. it

Emenda 45
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. *Jistieden* lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma tagħha biex tippreżenta proposta ta' pakkett leġiżlattiv, li jkun jinkludi fost l-oħrajn il-proposta, li s'issa kienet ġiet posposta, biex tiġi estiża l-portata tad-Direttiva 2000/43/KE għall-forom kollha l-oħra ta' diskriminazzjoni, billi b'hekk timplimenta l-Artikolu 21 tal-Karta, li jagħti marġni ta' ħidma ikbar minn dak li jagħti l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, minħabba li fih huma msemmija każijiet kumplimentari ta' diskriminazzjoni - il-kulur tal-ġilda, l-oriġini soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza, il-proprjetà jew it-twelid jerġa' jinsisti fuq il-fatt li, meta jingħata trattament preferenzjali fil-livell leġiżlattiv lil ċerti tipi ta' diskriminazzjoni, dan iwassal għall-ħolqien ta' tip ta' ġerarkija bejn dawn it-tipi differenti, u dan m'għandux iseħħ;	30. ***Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali bbażata fuq l-Artikolu 13 tat-Trattat KE, imma*** *jistieden* lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma tagħha biex tippreżenta proposta ta' pakkett leġiżlattiv, li jkun jinkludi fost l-oħrajn il-proposta, li s'issa kienet ġiet posposta, biex tiġi estiża l-portata tad-Direttiva 2000/43/KE għall-forom kollha l-oħra ta' diskriminazzjoni, billi b'hekk timplimenta l-Artikolu 21 tal-Karta, li jagħti marġni ta' ħidma ikbar minn dak li jagħti l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, minħabba li fih huma msemmija każijiet kumplimentari ta' diskriminazzjoni: il-kulur tal-ġilda, l-oriġini soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza, il-proprjetà jew it-twelid; jerġa' jinsisti fuq il-fatt li, meta jingħata trattament preferenzjali fil-livell leġiżlattiv lil ċerti tipi ta' diskriminazzjoni, dan iwassal għall-ħolqien ta' tip ta' ġerarkija bejn dawn it-tipi differenti, u dan m'għandux iseħħ;

Or. fr

Emenda 46
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma tagħha biex tippreżenta proposta ta' pakkett leġiżlattiv, li jkun jinkludi fost l-oħrajn il-proposta, li s'issa kienet ġiet posposta, biex tiġi estiża l-portata tad-Direttiva 2000/43/KE għall-forom kollha l-oħra ta' diskriminazzjoni, billi b'hekk timplimenta l-Artikolu 21 tal-Karta, li jagħti marġni ta' ħidma ikbar minn dak li jagħti l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, minħabba li fih huma msemmija każijiet kumplimentari ta' diskriminazzjoni - il-kulur tal-ġilda, l-oriġini soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza, il-proprjetà jew it-twelid ***jerġa' jinsisti fuq il-fatt li, meta jingħata trattament preferenzjali fil-livell leġiżlattiv lil ċerti tipi ta' diskriminazzjoni, dan iwassal għall-ħolqien ta' tip ta' ġerarkija bejn dawn it-tipi differenti, u dan m'għandux iseħħ***;	30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma tagħha biex tippreżenta proposta ta' pakkett leġiżlattiv, li jkun jinkludi fost l-oħrajn il-proposta, li s'issa kienet ġiet posposta, biex tiġi estiża l-portata tad-Direttiva 2000/43/KE għall-forom kollha l-oħra ta' diskriminazzjoni, billi b'hekk timplimenta l-Artikolu 21 tal-Karta, li jagħti marġni ta' ħidma ikbar minn dak li jagħti l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, minħabba li fih huma msemmija każijiet kumplimentari ta' diskriminazzjoni: il-kulur tal-ġilda, l-oriġini soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza, il-proprjetà jew it-twelid;

Or. en

Emenda 47
Sarah Ludford, Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. ***Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma tagħha biex tippreżenta proposta ta' pakkett leġiżlattiv, li jkun jinkludi fost l-oħrajn il-proposta, li s'issa***	30. ***Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva li timplimenta l-prinċipju tal-ugwaljanza lil hinn mill-impjiegi, u li biha*** tiġi estiża l-portata tad-Direttiva

kienet ġiet posposta, biex tiġi estiża l-portata tad-Direttiva 2000/43/KE għall-forom kollha l-oħra ta' diskriminazzjoni, billi b'hekk timplimenta l-Artikolu 21 tal-Karta, li jagħti marġni ta' ħidma ikbar minn dak li jagħti l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, minħabba li fih huma msemmija każijiet kumplimentari ta' diskriminazzjoni - il-kulur tal-ġilda, l-oriġini soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza, il-proprjetà jew it-twelid jerġa' jinsisti fuq il-fatt li, meta jingħata trattament preferenzjali fil-livell leġiżlattiv lil ċerti tipi ta' diskriminazzjoni, dan iwassal għall-ħolqien ta' tip ta' ġerarkija bejn dawn it-tipi differenti, u dan m'għandux iseħħ;

2000/43/KE għall-forom kollha l-oħra ta' diskriminazzjoni, billi b'hekk timplimenta l-Artikolu 21 tal-Karta, li jagħti marġni ta' ħidma ikbar minn dak li jagħti l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, minħabba li fih huma msemmija każijiet kumplimentari ta' diskriminazzjoni: il-kulur tal-ġilda, l-oriġini soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza, il-proprjetà jew it-twelid; jerġa' jinsisti fuq il-fatt li, meta jingħata trattament preferenzjali fil-livell leġiżlattiv lil ċerti tipi ta' diskriminazzjoni, dan iwassal għall-ħolqien ta' tip ta' ġerarkija bejn dawn it-tipi differenti, u dan m'għandux iseħħ;

Or. en

Emenda 48
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma tagħha biex tippreżenta proposta ta' pakkett leġiżlattiv, li jkun jinkludi fost l-oħrajn il-proposta, li s'issa kienet ġiet posposta, biex tiġi estiża l-portata tad-Direttiva 2000/43/KE għall-forom kollha l-oħra ta' diskriminazzjoni, billi b'hekk timplimenta l-Artikolu 21 tal-Karta, li jagħti marġni ta' ħidma ikbar minn dak li jagħti l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, minħabba li fih huma msemmija każijiet kumplimentari ta' diskriminazzjoni - il-kulur tal-ġilda, l-oriġini soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-	30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma tagħha biex tippreżenta proposta ta' pakkett leġiżlattiv, li jkun jinkludi fost l-oħrajn il-proposta, li s'issa kienet ġiet posposta, biex tiġi estiża l-portata tad-Direttiva 2000/43/KE għall-forom kollha l-oħra ta' diskriminazzjoni, billi b'hekk timplimenta l-Artikolu 21 tal-Karta, li jagħti marġni ta' ħidma ikbar minn dak li jagħti l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, minħabba li fih huma msemmija każijiet kumplimentari ta' diskriminazzjoni: il-kulur tal-ġilda, l-oriġini soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-

appartenenza għal minoranza, il-proprjetà jew it-twelid jerġa' jinsisti fuq il-fatt li, meta jingħata trattament preferenzjali fil-livell leġiżlattiv lil ċerti tipi ta' diskriminazzjoni, dan iwassal għall-ħolqien ta' tip ta' ġerarkija bejn dawn it-tipi differenti, u dan m'għandux iseħħ;	appartenenza għal minoranza, il-proprjetà jew it-twelid; jerġa' jinsisti fuq il-fatt li, meta jingħata trattament preferenzjali fil-livell leġiżlattiv lil ċerti tipi ta' diskriminazzjoni, dan iwassal għall-ħolqien ta' tip ta' ġerarkija bejn dawn it-tipi differenti, u dan m'għandux iseħħ; ***jilqa', għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni li tinkludi r-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni msemmija fl-Artikolu 13;***
	Or. en

Emenda 49
Sarah Ludford, Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jiddispjaċih li d-direttiva proposta tħalli vojt sostanzjali fil-protezzjoni legali kontra d-diskriminazzjoni, partikolarment permezz ta' kwantità wiesgħa ta' eċċezzjonijiet relatati mal-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika, l-attivitajiet ekonomiċi, l-istatus taż-żwieġ u tal-familja u d-drittijiet ta' riproduzzjoni, l-edukazzjoni u r-reliġjon; huwa mħasseb dwar il-fatt li, aktar milli tiġi pprojbita d-diskriminazzjoni, dawn il-"klawsoli ta' ħruġ" effettivament jistgħu jservu biex jikkodifikaw prattiki diskriminatorji eżistenti, partikolarment kontra n-nisa u l-persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali u transsesswali (LGBT); ifakkar lill-Kummissjoni li d-direttiva għandha tkun konformi mal-każistika eżistenti fil-qasam tad-drittijiet LGBT, partikolarment is-sentenza Maruko;
	Or. en

Emenda 50
Carlo Casini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jistieden lill-Kummissjoni biex ***tinvolvi*** lill-Aġenzija ***fil-proċess leġiżlattiv Komunitarju kontra d-diskriminazzjoni, b'tali mod illi tingħata*** rwol importanti billi tkun sors regolari ta' informazzjoni attwali u preċiża, rilevanti għat-tfassil ta' leġiżlazzjonijiet kumplimentari, u billi jintalab il-parir tagħha sa mill-fażi preparatorja tat-tfassil tal-abbozzi ta' atti leġiżlattivi;	31. Jistieden lill-Kummissjoni biex ***tippermetti*** lill-Aġenzija rwol importanti billi tkun sors regolari ta' informazzjoni attwali u preċiża, rilevanti għat-tfassil ta' leġiżlazzjonijiet kumplimentari, u billi jintalab il-parir tagħha sa mill-fażi preparatorja tat-tfassil tal-abbozzi ta' atti leġiżlattivi;

Or. it

Emenda 51
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kunsill biex ***jagħmel dak kollu li jista' biex wieħed jasal għal ftehima dwar il-proposta*** tal-Kummissjoni fir-rigward ta' deċiżjoni ta' qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ta' ksenofobija permezz tal-liġi kriminali; ifakkar l-opinjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2007, li kienet favur il-proposta; jitlob lill-Kummissjoni biex, wara konsultazzjoni mal-Aġenzija, tipproponi att leġiżlattiv simili rigward il-ġlieda kontra l-omofobija;	32. Jistieden lill-Kunsill biex ***minnufih jadotta l-proposta*** tal-Kummissjoni fir-rigward ta' deċiżjoni ta' qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ta' ksenofobija permezz tal-liġi kriminali***, barra l-ftehima politika ta' Diċembru 2007***; ifakkar l-opinjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2007, li kienet favur il-proposta; jitlob lill-Kummissjoni biex, wara konsultazzjoni mal-Aġenzija, tipproponi att leġiżlattiv simili rigward il-ġlieda kontra l-omofobija;

Or. fr

Emenda 52
Carlo Casini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kunsill biex jagħmel dak kollu li jista' biex wieħed jasal għal ftehima dwar il-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward ta' deċiżjoni ta' qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ta' ksenofobija permezz tal-liġi kriminali; ifakkar l-opinjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2007, li kienet favur il-proposta; ***jitlob lill-Kummissjoni biex, wara konsultazzjoni mal-Aġenzija, tipproponi att leġiżlattiv simili rigward il-ġlieda kontra l-omofobija;***	32. Jistieden lill-Kunsill biex jagħmel dak kollu li jista' biex wieħed jasal għal ftehima dwar il-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward ta' deċiżjoni ta' qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ta' ksenofobija permezz tal-liġi kriminali; ifakkar l-opinjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2007, li kienet favur il-proposta; ***jitlob lill-Kummissjoni biex, wara konsultazzjoni mal-Aġenzija, tipproponi att leġiżlattiv simili rigward il-ġlieda kontra l-omofobija;***

Or. it

Emenda 53
Konrad Szymański

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kunsill biex jagħmel dak kollu li jista' biex wieħed jasal għal ftehima dwar il-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward ta' deċiżjoni ta' qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ta' ksenofobija permezz tal-liġi kriminali; ifakkar l-opinjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2007, li kienet favur il-proposta; ***jitlob lill-Kummissjoni biex, wara konsultazzjoni mal-Aġenzija, tipproponi att leġiżlattiv simili rigward il-***	32. Jistieden lill-Kunsill biex jagħmel dak kollu li jista' biex wieħed jasal għal ftehima dwar il-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward ta' deċiżjoni ta' qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ta' ksenofobija permezz tal-liġi kriminali; ifakkar l-opinjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2007, li kienet favur il-proposta;

ġlieda kontra l-omofobija;

Or. pl

Emenda 54
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jinsab imħasseb dwar il-livell baxx ta' għarfien tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fl-Istati Membri u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex jiżdied dan l-għarfien; fl-istess ħin jenfasizza l-fatt li leġiżlazzjoni mhijiex effikaċi ħlief jekk iċ-ċittadini jkollhom aċċess faċli għall-qrati, peress li s-sistema ta' protezzjoni prevista mid-direttivi kontra d-diskriminazzjoni tiddependi fuq inizjattivi meħuda mill-vittmi;	33. Jinsab imħasseb dwar il-livell baxx ta' għarfien tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fl-Istati Membri u ***jinnota li, sabiex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, iċ-ċittadini tal-Unjoni għandu jkollhom rikors għal-leġiżlazzjoni Ewropea f'dan il-qasam***; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex jiżdied dan l-għarfien; fl-istess ħin jenfasizza l-fatt li leġiżlazzjoni mhijiex effikaċi ħlief jekk iċ-ċittadini jkollhom aċċess faċli għall-qrati, peress li s-sistema ta' protezzjoni prevista mid-direttivi kontra d-diskriminazzjoni tiddependi fuq inizjattivi meħuda mill-vittmi;

Or. fr

Emenda 55
Edit Bauer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Josserva li t-tkabbir reċenti tal-UE żied madwar mitt grupp ta' popolazzjonijiet minoritarji mal-ħamsin li diġà kien hemm fl-UE-15 u jenfasizza li minħabba l-perċentwali baxxa ta' immigranti, refuġjati u barranin ta' pajjiżi terzi residenti u	37. Josserva li t-tkabbir reċenti tal-UE żied madwar mitt grupp ***- fil-biċċa l-kbira tagħhom nazzjonali -*** ta' popolazzjonijiet minoritarji mal-ħamsin li diġà kien hemm fl-UE-15 u jenfasizza li minħabba l-perċentwali baxxa ta' immigranti, refuġjati

minħabba l-preżenza ta' minoranzi awtoktoni ("tradizzjonali") iktar viżibbli fl-Istati Membri ċentrali u tal-Lvant, il-politiki migratorji u ta' integrazzjoni f'dawn il-pajjiżi huma separati minn dawk rigward il-minoranzi;

u barranin ta' pajjiżi terzi residenti u minħabba l-preżenza ta' minoranzi awtoktoni ("tradizzjonali") iktar viżibbli fl-Istati Membri ċentrali u tal-Lvant, il-politiki migratorji u ta' integrazzjoni f'dawn il-pajjiżi huma separati minn dawk rigward il-minoranzi;

Or. en

Emenda 56
Edit Bauer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jenfasizza li ma hemmx kriterji komuni għad-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali fil-politika Komunitarja, u lanqas ma hemm definizzjoni komuni tal-UE fir-rigward tal-appartenenza għal minoranza nazzjonali; jirrakkomanda li din id-definizzjoni tiġi stabbilita fil-livell Ewropew fuq il-bażi *tar-rakkomandazzjoni* 1201 tal-Kunsill tal-Ewropa ***(1998);***	38. Jenfasizza li***, għalkemm il-protezzjoni tal-minoranzi hija fost il-kriterji ta' Kopenħagen,*** ma hemmx ***la*** kriterji komuni ***u lanqas standards minimi*** għad-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali fil-politika Komunitarja, u lanqas ma hemm definizzjoni komuni tal-UE fir-rigward tal-appartenenza għal minoranza nazzjonali; jirrakkomanda li din id-definizzjoni tiġi stabbilita fil-livell Ewropew fuq il-bażi *tar-Rakkomandazzjoni* 1201 tal-Kunsill tal-Ewropa ***(1993);***

Or. en

Emenda 57
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jenfasizza li ma hemmx kriterji komuni għad-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali fil-politika Komunitarja, u lanqas ma hemm	38. ***Iqis li l-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi xi drabi teħtieġ miżuri pożittivi u drittijiet speċifiċi għal persuni li***

definizzjoni komuni tal-UE fir-rigward tal-appartenenza għal minoranza nazzjonali; jirrakkomanda li din id-definizzjoni tiġi stabbilita fil-livell Ewropew ***fuq il-bażi tar-rakkomandazzjoni 1201 tal-Kunsill tal-Ewropa (1998)***;	***jagħmlu sehem mill-minoranzi, b'mod partikulari, fil-qasam tal-edukazzjoni u tal-użu tal-lingwi; jistieden lill-Istati Membri biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Karta Ewropea tal-Lingwi Reġjonali u ta' Minoranza kif ukoll il-Konvenzjoni ta' Qafas għall-Protezzjoni tal-Minoranzi Nazzjonali, jekk dan għad m'għamluhx, kif ukoll biex jirtiraw ir-riservi u d-dikjarazzjonijiet restrittivi preċedenti;*** jenfasizza li ma hemmx kriterji komuni għad-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali fil-politika Komunitarja, u lanqas ma hemm definizzjoni komuni tal-UE fir-rigward tal-appartenenza għal minoranza nazzjonali; jirrakkomanda li din id-definizzjoni tiġi stabbilita fil-livell Ewropew;
	Or. en

Emenda 58
Sarah Ludford, Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	38a. Jenfasizza f'dan il-kuntest li aktar u aktar ċittadini tal-UE qegħdin jiċċaqalqu minn Stat Membru għal ieħor u li dawn għandhom igawdu d-drittijiet previsti mit-Trattati rigward l-istatus tagħhom ta' ċittadini tal-UE, b'mod partikulari għal dik li hi l-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet lokali u Ewropej kif ukoll għall-moviment liberu; jitlob lill-Istati Membri biex jikkonformaw bis-sħiħ mad-Direttiva 2004/38/KE dwar il-moviment liberu u lill-istituzzjonijiet tal-UE biex ikomplu jieħdu azzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej fl-UE kollha;
	Or. en

Emenda 59
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	38a. Jisħaq fuq l-importanza tal-protezzjoni u l-promozzjoni tal-lingwi reġjonali jew tal-minoranzi, filwaqt li jinnota li d-dritt li wieħed jitkellem u jieħu l-edukazzjoni tiegħu bil-lingwa nattiva huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali l-aktar bażiċi; u jilqa' b'sodisfazzjon l-attivitajiet ta' Stati Membri għall-approvazzjoni ta' djalogu bejn il-kulturi u r-reliġjonijiet, li huwa importanti ħafna biex wieħed igawdi bis-sħiħ id-drittijiet tal-minoranzi kulturali u reliġjużi;

Or. en

Emenda 60
Edit Bauer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	38b.Iqis li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-awtogovernanza huma l-iktar modi effikaċi biex jiġu trattati l-problemi tal-komunitajiet nazzjonali tradizzjonali ta' minoranza, filwaqt li jiġu segwiti l-aħjar prattiki li hemm fl-Unjoni, jinkoraġġixxi l-użu ta' tipi adattati ta' soluzzjonijiet bl-awtogovernanza (awtonomiji personali u kulturali, territorjali, reġjonali) ibbażati fuq il-ftehim bejn il-komunitajiet ta' maġġoranza u ta' minoranza filwaqt li tiġi osservata l-integrità sovrana u territorjali tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 61
Edit Bauer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38 c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	38c. Jenfasizza li l-politika ta' multilingwiżmu tal-UE għandha thares u ġġib 'il quddiem il-lingwi reġjonali u ta' minoranza permezz ta' finanzjament partikulari u programmi speċifiċi li jmorru mal-Programm ta' Tagħlim għal Matul il-Ħajja;

Or. en

Emenda 62
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Iqis li l-persuni mingħajr stat, li jgħixu permanentement fl-Istati Membri, jinsabu f'sitwazzjoni unika fl-Unjoni Ewropea, billi ċerti Stati Membri jimponu fuqhom esiġenzi mhux ġustifikati jew li mhumiex strettament neċessarji, u dan huwa diskriminatorju, meta titqies is-sitwazzjoni taċ-ċittadini tal-grupp maġġoritarju; jitlob għalhekk lill-Istati Membri kkonċernati biex jirratifikaw il-*konvenzjonijiet* tan-Nazzjonijiet Uniti *relatati* mal-istatus tal-persuni mingħajr stat u dwar it-tnaqqis tal-każijiet ta' persuni mingħajr stat (1954, 1961); jitlob lill-Istati Membri, li l-aċċess tagħhom għal sovranità ġdida jew l-irkupru tagħha *seħħet* fis-snin 90, biex jittrattaw lill-persuni kollha li kienu jgħixu fit-	39. Iqis li l-persuni mingħajr stat, li jgħixu permanentement fl-Istati Membri, jinsabu f'sitwazzjoni unika fl-Unjoni Ewropea, billi ċerti Stati Membri jimponu fuqhom esiġenzi mhux ġustifikati jew li mhumiex strettament neċessarji, u dan huwa diskriminatorju, meta titqies is-sitwazzjoni taċ-ċittadini tal-grupp maġġoritarju; jitlob għalhekk lill-Istati Membri kkonċernati biex jirratifikaw il-*Konvenzjoni* tan-Nazzjonijiet Uniti *relatata* mal-istatus tal-persuni mingħajr stat u dwar it-tnaqqis tal-każijiet ta' persuni mingħajr stat (1954, 1961); jitlob lill-Istati Membri, li l-aċċess tagħhom għal sovranità ġdida jew l-irkupru tagħha *seħħ* fis-snin 90, biex jittrattaw lill-persuni kollha li kienu jgħixu fit-territorju

territorju tagħhom qabel din is-sovranità bl-istess mod illi jittrattaw il-gruppi maġġoritarji tagħhom, u jistedinhom isibu b'mod sistematiku soluzzjonijiet ġusti, ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, għall-problemi ffaċċjati mill-persuni kollha li jisfaw vittmi ta' prattiki diskriminatorji;

tagħhom qabel din is-sovranità bl-istess mod illi jittrattaw il-gruppi maġġoritarji tagħhom, u jistedinhom isibu b'mod sistematiku soluzzjonijiet ġusti, ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, għall-problemi ffaċċjati mill-persuni kollha li jisfaw vittmi ta' prattiki diskriminatorji; ***jikkundanna, b'mod partikulari, il-prattiki tat-tħassir deliberat ta' residenti permanenti reġistrati fl-Unjoni Ewropea u jistieden lill-gvernijiet ikkonċernati biex jieħdu miżuri effikaċi ħalli jroddu lura l-istatus lil dawn il-persuni mingħajr stat.***

Or. en

Emenda 63
Stefano Zappalà, Mario Mauro, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Iqis li l-persuni mingħajr stat, li jgħixu permanentement fl-Istati Membri, jinsabu f'sitwazzjoni ***unika*** fl-Unjoni Ewropea, ***billi ċerti Stati Membri jimponu fuqhom esiġenzi mhux ġustifikati jew li mhumiex strettament neċessarji, u dan huwa diskriminatorju, meta titqies is-sitwazzjoni taċ-ċittadini tal-grupp maġġoritarju***; jitlob għalhekk lill-Istati Membri kkonċernati biex jirratifikaw il-*konvenzjonijiet* tan-Nazzjonijiet Uniti *relatati* mal-istatus tal-persuni mingħajr stat u dwar it-tnaqqis tal-każijiet ta' persuni mingħajr stat (1954, 1961); jitlob lill-Istati Membri, li l-aċċess tagħhom għal sovranità ġdida jew l-irkupru tagħha *seħħet* fis-snin 90, biex jittrattaw lill-persuni kollha li kienu jgħixu fit-territorju tagħhom qabel din is-sovranità bl-istess mod illi jittrattaw il-gruppi maġġoritarji tagħhom, u jistedinhom isibu b'mod sistematiku soluzzjonijiet ġusti,	39. Iqis li l-persuni mingħajr stat, li jgħixu permanentement fl-Istati Membri, jinsabu f'sitwazzjoni ***speċifika*** fl-Unjoni Ewropea, ***u*** jitlob għalhekk lill-Istati Membri kkonċernati biex jirratifikaw il-*Konvenzjoni* tan-Nazzjonijiet Uniti *relatata* mal-istatus tal-persuni mingħajr stat u dwar it-tnaqqis tal-każijiet ta' persuni mingħajr stat (1954, 1961); jitlob lill-Istati Membri, li l-aċċess tagħhom għal sovranità ġdida jew l-irkupru tagħha *seħħ* fis-snin 90, biex jittrattaw lill-persuni kollha li kienu jgħixu fit-territorju tagħhom qabel din is-sovranità bl-istess mod illi jittrattaw il-gruppi maġġoritarji tagħhom, u jistedinhom isibu b'mod sistematiku soluzzjonijiet ġusti, ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, għall-problemi ffaċċjati mill-persuni kollha li jisfaw vittmi ta' prattiki diskriminatorji;

ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, għall-problemi ffaċċjati mill-persuni kollha li jisfaw vittmi ta' prattiki diskriminatorji;

Or. it

Emenda 64
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Iqis li l-persuni mingħajr stat, li jgħixu permanentement fl-Istati Membri, jinsabu f'sitwazzjoni unika fl-Unjoni Ewropea, billi ċerti Stati Membri jimponu fuqhom esiġenzi mhux ġustifikati jew li mhumiex strettament neċessarji, u dan huwa diskriminatorju, meta titqies is-sitwazzjoni taċ-ċittadini tal-grupp maġġoritarju; jitlob għalhekk lill-Istati Membri kkonċernati biex jirratifikaw il-*konvenzjonijiet* tan-Nazzjonijiet Uniti *relatati* mal-istatus tal-persuni mingħajr stat u dwar it-tnaqqis tal-każijiet ta' persuni mingħajr stat (1954, 1961); jitlob lill-Istati Membri, li l-aċċess tagħhom għal sovranità ġdida jew l-irkupru tagħha *seħħet* fis-snin 90, biex jittrattaw lill-persuni kollha li kienu jgħixu fit-territorju tagħhom qabel din is-sovranità ***bl-istess mod illi jittrattaw il-gruppi maġġoritarji tagħhom***, u jistedinhom isibu b'mod sistematiku soluzzjonijiet ġusti, ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, għall-problemi ffaċċjati mill-persuni kollha li jisfaw vittmi ta' prattiki diskriminatorji;	39. Iqis li l-persuni mingħajr stat, li jgħixu permanentement fl-Istati Membri, jinsabu f'sitwazzjoni unika fl-Unjoni Ewropea, billi ċerti Stati Membri jimponu fuqhom esiġenzi mhux ġustifikati jew li mhumiex strettament neċessarji, u dan huwa diskriminatorju, meta titqies is-sitwazzjoni taċ-ċittadini tal-grupp maġġoritarju; jitlob għalhekk lill-Istati Membri kkonċernati biex jirratifikaw il-*Konvenzjoni* tan-Nazzjonijiet Uniti *relatata* mal-istatus tal-persuni mingħajr stat u dwar it-tnaqqis tal-każijiet ta' persuni mingħajr stat (1954, 1961); jitlob lill-Istati Membri, li l-aċċess tagħhom għal sovranità ġdida jew l-irkupru tagħha *seħħ* fis-snin 90, biex jittrattaw lill-persuni kollha li kienu jgħixu fit-territorju tagħhom qabel din is-sovranità ***mingħajr diskriminazzjoni***, u jistedinhom isibu b'mod sistematiku soluzzjonijiet ġusti, ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, għall-problemi ffaċċjati mill-persuni kollha li jisfaw vittmi ta' prattiki diskriminatorji;

Or. en

Emenda 65
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Iqis li l-komunità ta' Roma teħtieġ protezzjoni speċjali, minħabba li wara t-tkabbir tal-Unjoni, din saret waħda mill-ikbar minoranzi tal-UE; jenfasizza li din il-komunità storikament ġiet marġinalizzata u ma tħallietx tiżviluppa f'ċerti oqsma prinċipali, minħabba problemi ta' diskriminazzjoni u ta' esklużjoni fir-rigward tagħha, li saru dejjem iktar b'saħħithom;	40. Iqis li l-komunità ta' Roma teħtieġ protezzjoni speċjali, minħabba li wara t-tkabbir tal-Unjoni, din saret waħda mill-ikbar minoranzi tal-UE; jenfasizza li din il-komunità storikament ġiet marġinalizzata u ma tħallietx tiżviluppa f'ċerti oqsma prinċipali, minħabba problemi ta' diskriminazzjoni***, stigma*** u ta' esklużjoni fir-rigward tagħha, li saru dejjem iktar b'saħħithom;

Or. en

Emenda 66
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Iqis li l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni tal-komunitajiet ta' Roma huma fatti li seħħew minkejja l-istrumenti ġuridiċi, politiċi u finanzjarji stabbiliti fil-livell Ewropew sabiex din il-problema tingħeleb; josserva li l-isforzi b'mod imxerred u mhux ikkoordinat tal-Unjoni u tal-Istati Membri s'issa għadhom ma wasslux għal titjib strutturali u sostenibbli tas-sitwazzjoni tar-Roma, partikolarment fl-oqsma prinċipali bħall-aċċess għall-edukazzjoni, għall-alloġġ u għall-impjieg, u dan jikkostitwixxi falliment rikonoxxut pubblikament;	41. Iqis li l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni tal-komunitajiet ta' Roma huma fatti li seħħew minkejja l-istrumenti ġuridiċi, politiċi u finanzjarji stabbiliti fil-livell Ewropew sabiex din il-problema tingħeleb; josserva li l-isforzi b'mod imxerred u mhux ikkoordinat tal-Unjoni u tal-Istati Membri s'issa għadhom ma wasslux għal titjib strutturali u sostenibbli tas-sitwazzjoni tar-Roma, partikolarment fl-oqsma prinċipali bħall-aċċess għall-edukazzjoni, ***għas-saħħa,*** għall-alloġġ u għall-impjieg, u dan jikkostitwixxi falliment rikonoxxut pubblikament;

Or. fr

Emenda 67
Lívia Járóka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ globali tan-non-diskriminazzjoni, ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, u li jirrefletti d-dimensjoni Ewropea tad-diskriminazzjoni kontra r-Roma; iqis li strateġija ta' qafas tal-Unjoni Ewropea għall-integrazzjoni tar-Roma għandu jkollha l-għan li ssolvi l-problemi li ġejjin:	43. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ globali***, soċjoekonomiku u msejjes fuq l-azzjonijiet*** tan-non-diskriminazzjoni, ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, u li jirrefletti d-dimensjoni Ewropea tad-diskriminazzjoni kontra r-Roma; iqis li strateġija ta' qafas tal-Unjoni Ewropea għall-integrazzjoni tar-Roma għandu jkollha l-għan li ssolvi l-problemi li ġejjin ***b'mod ikkomplikat***:
- is-segregazzjoni tar-Roma fl-aċċess għall-alloġġ, l-esklużjoni tagħhom mill-impjieg ***u*** mit-tagħlim ***pubbliku***,	- is-segregazzjoni tar-Roma fl-aċċess għall-alloġġ, l-esklużjoni tagħhom mill-impjieg***,*** mit-tagħlim ***ta' kwalità*** u ***mill-kura tas-saħħa***,
- ***in-nuqqas ta' rispett*** frekwenti tad-drittijiet tagħhom, min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi u tas-sottorappreżentanzi politiċi,	- ***il-ksur*** frekwenti tad-drittijiet tagħhom, min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi u tas-sottorappreżentanzi politiċi,
- il-garanziji assolutament mhux biżżejjed kontra d-diskriminazzjoni razzjali fil-livell lokali, u programmi adegwati ta' integrazzjoni li mhumiex biżżejjed;	- ***is-sentimenti mifruxa kontra r-Roma,*** il-garanziji assolutament mhux biżżejjed kontra d-diskriminazzjoni razzjali fil-livell lokali, u programmi adegwati ta' integrazzjoni li mhumiex biżżejjed;

Or. en

Emenda 68
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ globali tan-non-diskriminazzjoni, ibbażat fuq id-	43. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ globali tan-non-diskriminazzjoni, ibbażat fuq id-

Drittijiet tal-Bniedem, u li jirrefletti d-dimensjoni Ewropea tad-diskriminazzjoni kontra r-Roma; iqis li strateġija ta' qafas tal-Unjoni Ewropea għall-integrazzjoni tar-Roma għandu jkollha l-għan li ssolvi l-problemi li ġejjin:

- is-segregazzjoni tar-Roma fl-aċċess għall-alloġġ, l-esklużjoni tagħhom mill-impjieg u mit-tagħlim pubbliku,

- in-nuqqas ta' rispett frekwenti tad-drittijiet tagħhom, min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi u tas-sottorappreżentanzi politiċi,

- il-garanziji assolutament mhux biżżejjed kontra d-diskriminazzjoni razzjali fil-livell lokali, u programmi adegwati ta' integrazzjoni li mhumiex biżżejjed; diskriminazzjoni fil-kura tas-saħħa, inkluża l-isterilizzazzjoni furzata u n-nuqqas ta' informazzjoni adegwata dwar l-ippjanar familjari u l-aċċess għall-kontraċezzjoni;

- diskriminazzjoni min-naħa tal-pulizija, partikolarment f'każijiet (intenzjonali) ta' sparar, nirien, swat u vjolenza oħra, li ma jsirx stħarriġ imparzjali dwarhom u li ħadd ma jiġi kkastigat għalihom; il-profili razzjali - fost l-oħrajn permezz tat-teħid ta' marki tas-swaba' u forom oħra ta' elaborazzjoni ta' profili - u setgħat kbar diskrezzjonali tal-pulizija, li jagħtu lok għal abbużi mingħajr konsegwenzi dixxiplinari; programmi ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni relatati man-non-diskriminazzjoni mill-pulizija, li spiss hemm nuqqas kbir tagħhom;

Drittijiet tal-Bniedem, u li jirrefletti d-dimensjoni Ewropea tad-diskriminazzjoni kontra r-Roma; iqis li strateġija ta' qafas tal-Unjoni Ewropea għall-integrazzjoni tar-Roma għandu jkollha l-għan li ssolvi l-problemi li ġejjin:

- is-segregazzjoni tar-Roma fl-aċċess għall-alloġġ ***u l-edukazzjoni***, l-esklużjoni tagħhom mill-impjieg u mit-tagħlim pubbliku,

- in-nuqqas ta' rispett frekwenti tad-drittijiet tagħhom, min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi u tas-sottorappreżentanzi politiċi,

- il-garanziji assolutament mhux biżżejjed kontra d-diskriminazzjoni razzjali fil-livell lokali, u programmi adegwati ta' integrazzjoni li mhumiex biżżejjed; diskriminazzjoni fil-kura tas-saħħa, inkluża l-isterilizzazzjoni furzata u n-nuqqas ta' informazzjoni adegwata dwar l-ippjanar familjari u l-aċċess għall-kontraċezzjoni;

- diskriminazzjoni min-naħa tal-pulizija, partikolarment f'każijiet (intenzjonali) ta' sparar, nirien, swat u vjolenza oħra, li ma jsirx stħarriġ imparzjali dwarhom u li ħadd ma jiġi kkastigat għalihom; il-profili razzjali - fost l-oħrajn permezz tat-teħid ta' marki tas-swaba' u forom oħra ta' elaborazzjoni ta' profili - u setgħat kbar diskrezzjonali tal-pulizija, li jagħtu lok għal abbużi mingħajr konsegwenzi dixxiplinari; programmi ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni relatati man-non-diskriminazzjoni mill-pulizija, li spiss hemm nuqqas kbir tagħhom;

- il-qagħda vulnerabbli b'mod partikulari tan-nisa tar-Roma, li huma suġġetti għal bosta xejriet ta' diskriminazzjoni;

Or. fr

Emenda 69
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ globali tan-non-diskriminazzjoni, ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, u li jirrefletti d-dimensjoni Ewropea tad-diskriminazzjoni kontra r-Roma; iqis li strateġija ta' qafas tal-Unjoni Ewropea għall-integrazzjoni tar-Roma għandu jkollha l-għan li ssolvi l-problemi li ġejjin:	43. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ globali tan-non-diskriminazzjoni, ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, u li jirrefletti d-dimensjoni Ewropea tad-diskriminazzjoni kontra r-Roma; iqis li strateġija ta' qafas tal-Unjoni Ewropea għall-integrazzjoni tar-Roma għandu jkollha l-għan li ssolvi l-problemi li ġejjin ***billi tipprovdi pjan direzzjonali għall-Istati Membri li jistabilixxi għanijiet u prijoritajiet, li jissinkronizza l-politiki fl-Unjoni u jħaffef il-proċessi tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni:***
- is-segregazzjoni tar-Roma fl-aċċess għall-alloġġ, l-esklużjoni tagħhom mill-impjieg ***u*** mit-tagħlim pubbliku,	- is-segregazzjoni tar-Roma fl-aċċess għall-alloġġ, ***il-ksur mifrux ta' drittijiet tal-bniedem bħall-iżgumbrament furzat u*** l-esklużjoni tagħhom mill-impjieg, mit-tagħlim pubbliku ***u mill-għajnuna soċjali billi jiġu żviluppati politiki bil-għan li jipprovdu djar soċjali aktar sikuri għal familji mħallta, jiġu infurzati liġijiet kontra d-diskriminazzjoni u billi jiġu żviluppati politiki biex jinstab tarf tal-livelli għolja tal-qgħad (billi n-nies jiġu mħajra jaħdmu għal rashom, billi jitfasslu skemi ta' mikrokreditu u politiki ta' diversità; billi jittieħdu miżuri pożittivi biex jiġu integrati fil-politiki rilevanti tal-UE; billi jtejbu l-koperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-prattiki t-tajba dwar kwistjonijiet li jolqtu lir-Roma),***
- in-nuqqas ta' rispett frekwenti tad-drittijiet tagħhom, min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi u tas-sottorappreżentanzi politiċi,	- in-nuqqas ta' rispett frekwenti tad-drittijiet tagħhom, ***l-esklużjoni soċjali tagħhom minħabba l-irvellijiet vjolenti, il-ferment soċjali, l-attakki razzjali, il-migrazzjoni tal-massa u l-antiżingariżmu*** min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi u tas-sottorappreżentanzi politiċi,
- il-garanziji assolutament mhux biżżejjed	- il-garanziji assolutament mhux biżżejjed

kontra d-diskriminazzjoni razzjali fil-livell lokali, u programmi adegwati ta' integrazzjoni li mhumiex biżżejjed; diskriminazzjoni fil-kura tas-saħħa, inkluża l-isterilizzazzjoni furzata ***u*** *n-nuqqas* ta' informazzjoni adegwata dwar l-ippjanar familjari u l-aċċess għall-kontraċezzjoni;	kontra d-diskriminazzjoni razzjali fil-livell lokali, u programmi adegwati ta' integrazzjoni li mhumiex biżżejjed; diskriminazzjoni fil-kura tas-saħħa, inkluża l-isterilizzazzjoni furzata***, is-segregazzjoni,*** *in-nuqqas* ta' informazzjoni adegwata dwar l-ippjanar familjari u l-aċċess għall-kontraċezzjoni***, kif ukoll il-ksur frekwenti tad-drittijiet tan-nisa tar-Roma***;
- diskriminazzjoni min-naħa tal-pulizija, partikolarment f'każijiet (intenzjonali) ta' sparar, nirien, swat u vjolenza oħra, li ma jsirx stħarriġ imparzjali dwarhom u li ħadd ma jiġi kkastigat għalihom; il-profili razzjali - fost l-oħrajn permezz tat-teħid ta' marki tas-swaba' u forom oħra ta' elaborazzjoni ta' profili - u setgħat kbar diskrezzjonali tal-pulizija, li jagħtu lok għal abbużi mingħajr konsegwenzi dixxiplinari; programmi ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni relatati man-non-diskriminazzjoni mill-pulizija, li spiss hemm nuqqas kbir tagħhom;	- diskriminazzjoni min-naħa tal-pulizija, partikolarment f'każijiet (intenzjonali) ta' sparar, nirien, swat u vjolenza oħra, li ma jsirx stħarriġ imparzjali dwarhom u li ħadd ma jiġi kkastigat għalihom; il-profili razzjali - fost l-oħrajn permezz tat-teħid ta' marki tas-swaba' u forom oħra ta' elaborazzjoni ta' profili - u setgħat kbar diskrezzjonali tal-pulizija, li jagħtu lok għal abbużi mingħajr konsegwenzi dixxiplinari; programmi ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni relatati man-non-diskriminazzjoni mill-pulizija, li spiss hemm nuqqas kbir tagħhom;
Or. en	

Emenda 70
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jaime Mayor Oreja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ globali tan-non-diskriminazzjoni, ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, u li jirrefletti d-dimensjoni Ewropea tad-diskriminazzjoni kontra r-Roma; iqis li strateġija ta' qafas tal-Unjoni Ewropea għall-integrazzjoni tar-Roma għandu jkollha l-għan li ssolvi l-problemi li ġejjin:	43. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ globali tan-non-diskriminazzjoni, ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, u li jirrefletti d-dimensjoni Ewropea tad-diskriminazzjoni kontra r-Roma; iqis li strateġija ta' qafas tal-Unjoni Ewropea għall-integrazzjoni tar-Roma għandu jkollha l-għan li ssolvi l-problemi li ġejjin:
- is-segregazzjoni tar-Roma fl-aċċess għall-alloġġ, l-esklużjoni tagħhom mill-impjieg u mit-tagħlim pubbliku,	- is-segregazzjoni tar-Roma fl-aċċess għall-alloġġ, l-esklużjoni tagħhom mill-impjieg u mit-tagħlim pubbliku,
- in-nuqqas ta' rispett frekwenti tad-	- in-nuqqas ta' rispett frekwenti tad-

drittijiet tagħhom, min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi u tas-sottorappreżentanzi politiċi,	drittijiet tagħhom, min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi u tas-sottorappreżentanzi politiċi,
- il-garanziji assolutament mhux biżżejjed kontra d-diskriminazzjoni razzjali fil-livell lokali, u programmi adegwati ta' integrazzjoni li mhumiex biżżejjed; diskriminazzjoni ***fil-kura tas-saħħa,*** inkluża l-isterilizzazzjoni furzata ***u n-nuqqas ta' informazzjoni adegwata dwar l-ippjanar familjari u l-aċċess għall-kontraċezzjoni****;*	- il-garanziji assolutament mhux biżżejjed kontra d-diskriminazzjoni razzjali fil-livell lokali, u programmi adegwati ta' integrazzjoni li mhumiex biżżejjed; diskriminazzjoni inkluża l-isterilizzazzjoni furzata ***u l-aċċess mhux sodisfaċenti għall-kura tas-saħħa****,*
- skriminazzjoni min-naħa tal-pulizija, partikolarment f'każijiet (intenzjonali) ta' sparar, nirien, swat u vjolenza oħra, li ma jsirx stħarriġ imparzjali dwarhom u li ħadd ma jiġi kkastigat għalihom; il-profili razzjali - fost l-oħrajn permezz tat-teħid ta' marki tas-swaba' u forom oħra ta' elaborazzjoni ta' profili - u setgħat kbar diskrezzjonali tal-pulizija, li jagħtu lok għal abbużi mingħajr konsegwenzi dixxiplinari; programmi ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni relatati man-non-diskriminazzjoni mill-pulizija, li spiss hemm nuqqas kbir tagħhom;	- diskriminazzjoni min-naħa tal-pulizija, partikolarment f'każijiet (intenzjonali) ta' sparar, nirien, swat u vjolenza oħra, li ma jsirx stħarriġ imparzjali dwarhom u li ħadd ma jiġi kkastigat għalihom; il-profili razzjali - fost l-oħrajn permezz tat-teħid ta' marki tas-swaba' u forom oħra ta' elaborazzjoni ta' profili - u setgħat kbar diskrezzjonali tal-pulizija, li jagħtu lok għal abbużi mingħajr konsegwenzi dixxiplinari; programmi ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni relatati man-non-diskriminazzjoni mill-pulizija, li spiss hemm nuqqas kbir tagħhom;

Or. en

Emenda 71
Stefano Zappalà, Mario Mauro, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ globali tan-non-diskriminazzjoni, ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, u li jirrefletti d-dimensjoni Ewropea tad-diskriminazzjoni kontra r-Roma; iqis li strateġija ta' qafas tal-Unjoni Ewropea għall-integrazzjoni tar-Roma għandu jkollha l-għan li ssolvi l-problemi li ġejjin:	43. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ globali tan-non-diskriminazzjoni, ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, u li jirrefletti d-dimensjoni Ewropea tad-diskriminazzjoni kontra r-Roma; iqis li strateġija ta' qafas tal-Unjoni Ewropea għall-integrazzjoni tar-Roma għandu jkollha l-għan li ssolvi l-problemi li ġejjin:
- ***is-segregazzjoni tar-Roma fl-aċċess***	- ***l-aċċess*** għall-alloġġ, ***għall-kura tas-***

għall-alloġġ, ***l-esklużjoni tagħhom mill-impjieg*** u *mit-tagħlim* pubbliku,

- ***in-nuqqas ta' rispett frekwenti*** tad-drittijiet tagħhom***, min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi*** u ***tas-sottorappreżentanzi politiċi***,

- il-garanziji ***assolutament mhux biżżejjed*** kontra d-diskriminazzjoni razzjali fil-livell lokali, u programmi adegwati ta' integrazzjoni ***li mhumiex biżżejjed***; ***diskriminazzjoni fil-kura tas-saħħa, inkluża l-isterilizzazzjoni furzata u n-nuqqas ta' informazzjoni adegwata dwar l-ippjanar familjari u l-aċċess għall-kontraċezzjoni;***

- diskriminazzjoni min-naħa tal-pulizija, partikolarment f'każijiet (intenzjonali) ta' sparar, nirien, swat u vjolenza oħra, li ma jsirx stħarriġ imparzjali dwarhom u li ħadd ma jiġi kkastigat għalihom; il-profili razzjali - fost l-oħrajn permezz tat-teħid ta' marki tas-swaba' u forom oħra ta' elaborazzjoni ta' profili - u setgħat kbar diskrezzjonali tal-pulizija, li jagħtu lok għal abbużi mingħajr konsegwenzi dixxiplinari; programmi ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni relatati man-non-diskriminazzjoni mill-pulizija, li spiss hemm nuqqas kbir tagħhom;

saħħa u għat-tilqim obbligatorju, l-inklużjoni fid-dinja tal-impjieg u *tat-tagħlim* pubbliku,

- ***ir-rikonoxximent*** tad-drittijiet tagħhom u ***tar-rappreżentanza politika tagħhom***,

- il-garanziji kontra d-diskriminazzjoni razzjali fil-livell lokali, u programmi adegwati ta' integrazzjoni;

Or. it

Emenda 72
Kinga Gál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ globali tan-non-diskriminazzjoni, ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, u li jirrefletti d-dimensjoni Ewropea tad-diskriminazzjoni kontra r-Roma; iqis li strateġija ta' qafas tal-Unjoni Ewropea għall-	43. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ globali tan-non-diskriminazzjoni, ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, u li jirrefletti d-dimensjoni Ewropea tad-diskriminazzjoni

integrazzjoni tar-Roma għandu jkollha l-għan li ssolvi l-problemi ***li ġejjin***:

- is-segregazzjoni tar-Roma fl-aċċess għall-alloġġ, l-esklużjoni tagħhom mill-impjieg u mit-tagħlim pubbliku,

- in-nuqqas ta' rispett frekwenti tad-drittijiet tagħhom, min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi u tas-sottorappreżentanzi politiċi,
- il-garanziji assolutament mhux biżżejjed kontra d-diskriminazzjoni razzjali fil-livell lokali, u programmi adegwati ta' integrazzjoni li mhumiex biżżejjed;
diskriminazzjoni fil-kura tas-saħħa, inkluża l-isterilizzazzjoni furzata u n-nuqqas ta' informazzjoni adegwata dwar l-ippjanar familjari u l-aċċess għall-kontraċezzjoni;
diskriminazzjoni min-naħa tal-pulizija, partikolarment f'każijiet (intenzjonali) ta' sparar, nirien, swat u vjolenza oħra, li ma jsirx stħarriġ imparzjali dwarhom u li ħadd ma jiġi kkastigat għalihom; il-profili razzjali - fost l-oħrajn permezz tat-teħid ta' marki tas-swaba' u forom oħra ta' elaborazzjoni ta' profili - u setgħat kbar diskrezzjonali tal-pulizija, li jagħtu lok għal abbużi mingħajr konsegwenzi dixxiplinari; programmi ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni relatati man-non-diskriminazzjoni mill-pulizija, li spiss hemm nuqqas kbir tagħhom;

kontra r-Roma; iqis li strateġija ta' qafas tal-Unjoni Ewropea għall-integrazzjoni tar-Roma għandu jkollha l-għan li ssolvi l-problemi ***attwali***:

- is-segregazzjoni tar-Roma fl-aċċess għall-alloġġ, l-esklużjoni tagħhom mill-impjieg u mit-tagħlim pubbliku,
- in-nuqqas ta' rispett frekwenti tad-drittijiet tagħhom, min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi u tas-sottorappreżentanzi politiċi,
- il-garanziji assolutament mhux biżżejjed kontra d-diskriminazzjoni razzjali fil-livell lokali, u programmi adegwati ta' integrazzjoni li mhumiex biżżejjed;

Or. en

Emenda 73
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43 - ir-raba' inċiż

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
- diskriminazzjoni min-naħa tal-pulizija, partikolarment f'każijiet (intenzjonali) ta' sparar, nirien, swat u vjolenza oħra, ***li ma jsirx stħarriġ imparzjali dwarhom u li ħadd ma jiġi kkastigat għalihom; il-profili razzjali - fost l-oħrajn permezz tat-teħid ta' marki tas-swaba' u forom oħra ta' elaborazzjoni ta' profili - u setgħat kbar***	- diskriminazzjoni min-naħa tal-pulizija, partikolarment f'każijiet (intenzjonali) ta' sparar, nirien, swat u vjolenza oħra,

diskrezzjonali tal-pulizija, li jagħtu lok għal abbużi mingħajr konsegwenzi dixxiplinari; programmi ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni relatati man-non-diskriminazzjoni mill-pulizija, li spiss hemm nuqqas kbir tagħhom;

Or. en

Emenda 74
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. Jistieden lill-Istati Membri biex iżidu r-rispett, il-protezzjoni u l-implimentazzjoni tad-drittijiet elenkati fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa u jitlob lill-Istati Membri kkonċernati biex itemmu r-riżervi tagħhom u jirratifikaw il-Protokoll Fakultattiv ta' din il-Konvenzjoni,	44. Jistieden lill-Istati Membri biex iżidu r-rispett, il-protezzjoni u l-implimentazzjoni tad-drittijiet elenkati fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa u jitlob lill-Istati Membri kkonċernati biex itemmu r-riżervi tagħhom u jirratifikaw il-Protokoll Fakultattiv ta' din il-Konvenzjoni, ***filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jagħmlu ħilithom biex jonoraw l-impenji tagħhom li ħadu fid-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u fil-Pjattaforma għal Azzjoni tar-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa f'Beijing tal-1995;***

Or. en

Emenda 75
Maria Robsahm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-UE biex permezz ta' miżuri effiċjenti,

jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni diretta u indiretta tan-nisa fl-oqsma kollha. Minkejja leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u sforzi oħra, id-diskriminazzjoni kontra n-nisa hija mifruxa u ħafna drabi skużata fl-Istati Membri tal-UE. Ħafna drabi, il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u/jew l-implimentazzjoni tagħha mhijiex biżżejjed biex in-nisa jitħarsu mid-diskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 76
Michael Cashman, Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-UE biex jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni multipla. Ħafna nisa jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla, għal raġunijiet ta' sess u fl-istess ħin għal raġuni oħra, pereżempju l-identità etnika, reliġjuża jew sesswali;

Or. en

Emenda 77
Maria Robsahm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44b. Jistieden lill-Istati Membri u lill-UE biex jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni multipla. Ħafna nisa jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla, għal raġunijiet

ta' sess u fl-istess ħin għal raġuni oħra, pereżempju l-identità etnika, reliġjuża jew sesswali;

Or. en

Emenda 78
Michael Cashman, Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44b. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jeliminaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-kwistjonijiet kollha marbuta maż-żwieġ, mas-sħubijiet u ma' relazzjonijiet oħra marbuta mal-familja;

Or. en

Emenda 79
Maria Robsahm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44 c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44c. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jeliminaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-kwistjonijiet kollha marbuta maż-żwieġ, mas-sħubijiet u ma' relazzjonijiet oħra marbuta mal-familja;

Or. en

Emenda 80
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jappella sabiex tingħata attenzjoni speċjali lis-sitwazzjoni tan-nisa li jappartjenu għal minoranzi etniċi u dik ta' immigranti nisa, peress li l-marġinalizzazzjoni tagħhom hija msaħħa mid-diskriminazzjoni multipla kemm minn barra l-komunitajiet tagħhom, kif ukoll fi ħdanhom; jirrakkomanda l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali integrati b'mod li tiġi ffaċċjata b'mod effettiv id-diskriminazzjoni multipla, fuq kollox meta diversi entitajiet jieħdu f'idejhom il-problemi marbuta mad-diskriminazzjoni fi Stat Membru partikolari;	45. Jappella sabiex tingħata attenzjoni speċjali lis-sitwazzjoni tan-nisa li jappartjenu għal minoranzi etniċi u dik ta' immigranti nisa, peress li l-marġinalizzazzjoni tagħhom hija msaħħa mid-diskriminazzjoni multipla kemm minn barra l-komunitajiet tagħhom, kif ukoll fi ħdanhom; jirrakkomanda l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali integrati b'mod li tiġi ffaċċjata b'mod effettiv id-diskriminazzjoni multipla, fuq kollox meta diversi entitajiet jieħdu f'idejhom il-problemi marbuta mad-diskriminazzjoni fi Stat Membru partikolari; ***u jinnota l-ħtieġa li tkun miġġielda d-diskriminazzjoni tan-nisa anzjani u li tingħata spinta lill-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol (i.e. permezz ta' programmi ta' tagħlim tul il-ħajja) meta jitqiesu l-vulnerabilità tagħhom u l-għadd dejjem jiżdied tagħhom fl-Unjoni;***

Or. en

Emenda 81
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jenfasizza li l-vjolenza kontra n-nisa minħabba s-sess tagħhom, partikolarment il-vjolenza domestika, għandha tkun rikonoxxuta u miġġielda, fil-livell Ewropew u nazzjonali, peress li din tikkostitwixxi ksur mifrux tad-drittijiet tan-	46. Jenfasizza li l-vjolenza kontra n-nisa minħabba s-sess tagħhom, partikolarment il-vjolenza domestika, għandha tkun rikonoxxuta u miġġielda, fil-livell Ewropew u nazzjonali, peress li din tikkostitwixxi ksur mifrux tad-drittijiet tan-

nisa u ta' spiss sottovalutat, u jitlob għalhekk lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri adegwati u effikaċi bil-għan li jiggarantixxu lin-nisa ħajja protetta minn kull vjolenza, billi titqies kif xieraq id-Dikjarazzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza Kontra n-Nisa;[1] ***jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta leġiżlattiva bil-għan li tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa u li jiġu protetti l-vittmi;***	nisa u ta' spiss sottovalutat, u jitlob għalhekk lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri adegwati u effikaċi bil-għan li jiggarantixxu lin-nisa ħajja protetta minn kull vjolenza, billi titqies kif xieraq id-Dikjarazzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza Kontra n-Nisa;[1]

Or. en

Emenda 82
Maria Robsahm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-UE biex jirrikonoxxu u jittrattaw l-isfruttament sesswali fil-forom kollha tiegħu. L-Istati Membri li mhumiex konformi mal-leġiżlazzjoni miftiehma tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin għandhom jinżammu responsabbli[2]. L-Istati Membri għandhom jirratifikaw il-Protokoll għall-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar tan-Nies, Speċjalment tan-Nisa u tat-Tfal, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali, u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin.

[1] Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa, adottata fl-20 ta' Diċembru 1993.

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar fi bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti, Deċiżjoni ta' qafas 2002.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet tal-vittmi tat-traffikar, filwaqt li jisfidaw id-domanda għan-nisa li huma vittmi tat-traffikar għall-isfruttament sesswali;

Or. en

Emenda 83
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	46a. Itenni l-istedina tiegħu lill-Istati Membri biex jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Azzjoni kontra it-Traffikar tal-Bnedmin filwaqt li jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Traffikar tal-Bnedmin, billi dawn il-prattiki jikkostitwixxu vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem;

Or. en

Emenda 84
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jenfasizza l-bżonn li tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika tad-dritt għas-saħħa *ġenesika* u sesswali u jistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu edukazzjoni sesswali adegwata, informazzjoni u servizzi kunfidenzjali ta' għoti ta' pariri, u li jiffaċilitaw il-metodi ta'	47. Jenfasizza l-bżonn li tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika tad-dritt għas-saħħa *riproduttiva* u sesswali u jistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu edukazzjoni sesswali adegwata, informazzjoni u servizzi kunfidenzjali ta' għoti ta' pariri, u li jiffaċilitaw il-metodi ta'

kontraċezzjoni sabiex jiġu evitati *tqala* mhux mixtieqa u *abborti* illegali u riskjużi;	kontraċezzjoni sabiex jiġu evitati *tqaliet* mhux mixtieqa u *aborti* illegali u riskjużi ***kif ukoll biex jipprovdu protezzjoni għall-ġenitur li jrabbi t-tfal waħdu li jkun vulnerabbli għall-esklużjoni soċjali***;

Or. en

Emenda 85
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jenfasizza l-bżonn li tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika tad-dritt għas-saħħa *ġenesika* u sesswali u jistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu edukazzjoni sesswali adegwata, informazzjoni u servizzi kunfidenzjali ta' għoti ta' pariri, u li jiffaċilitaw il-metodi ta' kontraċezzjoni sabiex jiġu evitati *tqala* mhux mixtieqa u *abborti* illegali u riskjużi;	47. Jenfasizza l-bżonn li tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika tad-dritt għas-saħħa *riproduttiva* u sesswali u jistieden lill-Istati Membri biex ***jiżguraw li n-nisa jistgħu jibbenefikaw għalkollox mid-drittijiet tagħhom rigward is-Saħħa Riproduttiva u Sesswali, u li jkollhom aċċess għal abort sikur u legali jekk meħtieġ (b'konformità mar-riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa tas-16 ta' April 2008) billi*** jistabbilixxu edukazzjoni sesswali adegwata, informazzjoni u servizzi kunfidenzjali ta' għoti ta' pariri, u li jiffaċilitaw il-metodi ta' kontraċezzjoni sabiex jiġu evitati *tqaliet* mhux mixtieqa u *aborti* illegali u riskjużi;

Or. en

Emenda 86
Carlo Casini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jenfasizza l-bżonn ***li tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika tad-dritt għas-saħħa ġenesika u sesswali u jistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu edukazzjoni sesswali adegwata, informazzjoni u servizzi kunfidenzjali ta' għoti ta' pariri, u li jiffaċilitaw il-metodi ta' kontraċezzjoni sabiex jiġu evitati tqala mhux mixtieqa u abborti illegali u riskjużi***;	47. Jenfasizza l-bżonn ***ta' edukazzjoni sesswali inkluża l-edukazzjoni dwar l-imħabba, il-familja u r-rispett għall-ħajja; jitlob li l-aborti jiġu evitati mhux biss permezz ta' tnissil responsabbli iżda wkoll, matul it-tqala, permezz tal-għoti ta' kull għajnuna meħtieġa sabiex it-tqala tkun tista' tasal sa tmiemha***;

Or. it

Emenda 87
Mario Mauro, Stefano Zappalà, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jenfasizza l-bżonn li tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika tad-dritt għas-saħħa ***ġenesika u sesswali*** u jistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu edukazzjoni sesswali adegwata, informazzjoni u servizzi kunfidenzjali ta' għoti ta' pariri***, u li jiffaċilitaw il-metodi ta' kontraċezzjoni sabiex jiġu evitati tqala mhux mixtieqa u abborti illegali u riskjużi***;	47. Jenfasizza l-bżonn li tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika tad-dritt għas-saħħa u jistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu edukazzjoni sesswali adegwata, informazzjoni u servizzi kunfidenzjali ta' għoti ta' pariri ***kif ukoll biex jiġġieldu kontra l-prattika tal-mutilazzjoni ġenitali femminili***;

Or. it

Emenda 88
Michael Cashman, Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	47a. Jistieden lill-Istati Membri biex jiggarantixxu s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi għan-nisa kollha. In-nisa jridu jingħataw id-dritt li jagħżlu liberament jekk ikollhomx tfal u meta. In-nisa kollha jrid ikollhom id-dritt u l-aċċess għal servizzi tal-għoti tal-pariri u għal kura tas-saħħa kunfidenzjali u żviluppati sew fir-rigward tal-maternità, ikun xi jkun l-istatus ta' residenza tagħhom. In-nisa kollha jrid ikollhom aċċess b'xejn għal metodi ta' kontraċezzjoni u abort sikuri;

Or. en

Emenda 89
Maria Robsahm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	47a. Jistieden lill-Istati Membri biex jiggarantixxu s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi għan-nisa kollha. In-nisa jridu jingħataw id-dritt li jagħżlu liberament jekk ikollhomx tfal u meta. In-nisa kollha jrid ikollhom id-dritt u l-aċċess għal servizzi tal-għoti tal-pariri u għal kura tas-saħħa kunfidenzjali u żviluppati sew fir-rigward tal-maternità, ikun xi jkun l-istatus ta' residenza tagħhom. In-nisa kollha jrid ikollhom aċċess b'xejn għal metodi ta' kontraċezzjoni u abort sikuri;

Or. en

Emenda 90
Maria Robsahm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	47b. Jenfasizza li n-nisa ta' minoranzi etniċi għandhom ikunu żgurati l-aċċess għall-fondi pubbliċi, ikun xi jkun l-istatus legali tagħhom, sabiex ikun jista' jkollhom aċċess għal servizzi u għal drittijiet tas-saħħa b'mod sikur, ugwali u li jirrispetta l-valuri kulturali tagħhom, partikolarment fir-rigward tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi. Għandu jkun adottat qafas legali Ewropew biex tkun żgurata l-integrità fiżika tat-tfajliet mill-mutilazzjoni ġenitali femminili fil-komunitajiet li jwettquha;

Or. en

Emenda 91
Maria Robsahm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jenfasizza illi, għalkemm sar xi progress f'dak li jikkonċerna l-impjieg tan-nisa u minkejja l-livell għoli ta' edukazzjoni tagħhom, huma għadhom qed jitħallsu inqas mill-irġiel għall-istess impjieg, u huma inqas preżenti fil-postijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u għadhom qed jitqiesu b'suspett min-naħa tal-persuni li jimpjegaw, minħabba raġunijiet ta' tqala u ta' maternità;	48. Jenfasizza illi, għalkemm sar xi progress f'dak li jikkonċerna l-impjieg tan-nisa u minkejja l-livell għoli ta' edukazzjoni tagħhom, huma għadhom qed jitħallsu inqas mill-irġiel għall-istess impjieg, u huma inqas preżenti fil-postijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u għadhom qed jitqiesu b'suspett min-naħa tal-persuni li jimpjegaw, minħabba raġunijiet ta' tqala u ta' maternità; ***Id-differenza fis-salarji tal-irġiel u n-nisa trid tiġi indirizzata serjament biex ikunu ggarantiti l-indipendenza ekonomika tan-nisa kif ukoll l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa***

fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 92
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jenfasizza illi, għalkemm sar xi progress f'dak li jikkonċerna l-impjieg tan-nisa u minkejja l-livell għoli ta' edukazzjoni tagħhom, huma għadhom qed jitħallsu inqas mill-irġiel għall-istess impjieg, u huma inqas preżenti fil-postijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u għadhom qed jitqiesu b'suspett min-naħa tal-persuni li jimpjegaw, minħabba raġunijiet ta' tqala u ta' maternità;	48. Jenfasizza illi, għalkemm sar xi progress f'dak li jikkonċerna l-impjieg tan-nisa u minkejja l-livell għoli ta' edukazzjoni tagħhom, huma għadhom ***miġbura f'ċerti professjonijiet,*** qed jitħallsu inqas mill-irġiel għall-istess impjieg, u huma inqas preżenti fil-postijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u għadhom qed jitqiesu b'suspett min-naħa tal-persuni li jimpjegaw, minħabba raġunijiet ta' tqala u ta' maternità;

Or. en

Emenda 93
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
50. Jinsisti dwar il-ħtieġa li n-nisa jkunu appoġġjati fil-karriera professjonali tagħhom; jagħfas lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu kemm il-liv tal-ġenituri maqsum kif ukoll il-liv tal-missirijiet, u li l-ispejjeż ta' maternità u ta' liv tal-ġenituri jiġu mutwalizzati, sabiex in-nisa ma jibqgħux jirrappreżentaw ħaddiema li jiswew iktar flus milli jiswew l-irġiel;	50. Jinsisti dwar il-ħtieġa li n-nisa jkunu appoġġjati fil-karriera professjonali tagħhom; jagħfas lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu kemm il-liv tal-ġenituri maqsum kif ukoll il-liv tal-missirijiet, u li l-ispejjeż ta' maternità u ta' liv tal-ġenituri jiġu mutwalizzati, sabiex in-nisa ma jibqgħux jirrappreżentaw ħaddiema li jiswew iktar flus milli jiswew l-irġiel; ***u jenfasizza l-ħtieġa ta' kampanji***

ta' għarfien biex ikunu evitati l-istereotipi tal-ġeneru filwaqt li jenfasizza l-importanza li jkunu garantiti kundizzjonijiet ta' xogħol flessibbli, li jiżdied l-aċċess għas-servizzi li jieħdu ħsieb it-tfal kif ukoll li tkun iggarantita l-parteċipazzjoni sħiħa fl-iskemi tal-pensjonijiet għan-nisa bit-tfal;

Or. en

Emenda 94
Stefano Zappalà, Mario Mauro, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
50. Jinsisti dwar il-ħtieġa li n-nisa jkunu appoġġjati fil-karriera professjonali tagħhom; jagħfas lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu kemm il-liv tal-ġenituri maqsum kif ukoll il-liv tal-missirijiet, u li l-ispejjeż ta' maternità u ta' liv tal-ġenituri jiġu mutwalizzati, sabiex in-nisa ma jibqgħux jirrappreżentaw ħaddiema li jiswew iktar flus milli jiswew l-irġiel;	50. Jinsisti dwar il-ħtieġa li n-nisa jkunu appoġġjati fil-karriera professjonali tagħhom***, anke permezz ta' politiki proattivi biex jinstab bilanċ bejn il-ħajja privata, tax-xogħol u tal-familja***; jagħfas lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu kemm il-liv tal-ġenituri maqsum kif ukoll il-liv tal-missirijiet, u li l-ispejjeż ta' maternità u ta' liv tal-ġenituri jiġu mutwalizzati, sabiex in-nisa ma jibqgħux jirrappreżentaw ħaddiema li jiswew iktar flus milli jiswew l-irġiel;

Or. it

Emenda 95
Maria Robsahm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 52 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	52a. Jagħraf li l-aċċess mhux indaqs tan-nisa għar-riżorsi ekonomiċi fis-suq tax-

	xogħol idgħajjef l-aċċess tagħhom għall-protezzjoni soċjali, partikolarment għad-drittijiet tal-pensjoni, u għaldaqstant ir-rata tan-nisa f'riskju li jkunu fqar meta jkunu anzjani hija akbar mir-rata tal-irġiel. Sabiex tkun evitata d-diskriminazzjoni kontra n-nisa, huwa kruċjali li l-individwalizzazzjoni tad-drittijiet jkunu ggarantiti f'sistemi ta' potezzjoni soċjali u mhux ibbażati fuq l-unità tal-familja. Iż-żmien mgħoddi barra mis-suq tax-xogħol formali għal raġunijiet ta' kura, għandu jitqies fil-kalkolu tad-drittijiet sħaħ tal-pensjoni, fil-forma ta' unitajiet ta' "żmien ta' kreditu";

Or. en

Emenda 96
Maria Robsahm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
53. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea jkunu konxji mil-liġijiet eżistenti u mill-konvenzjonijiet soċjali fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi fis-soċjetà tal-pajjiżi ospitanti, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet diskriminatorji, li jirriżultaw minn nuqqas ta' fehma tal-kuntest ġuridiku u soċjali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 97
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jaime Mayor Oreja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
53. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea jkunu konxji mil-liġijiet eżistenti u mill-konvenzjonijiet soċjali fil-qasam tal-ugwaljanza bejn ***is-sessi fis-soċjetà tal-pajjiżi ospitanti***, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet diskriminatorji, li jirriżultaw minn nuqqas ta' fehma tal-kuntest ġuridiku u soċjali;	53. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea ***kif ukoll iċ-ċittadini tal-UE*** jkunu konxji mil-liġijiet eżistenti u mill-konvenzjonijiet soċjali fil-qasam tal-ugwaljanza bejn ***l-irġiel u n-nisa***, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet diskriminatorji, li jirriżultaw minn nuqqas ta' fehma tal-kuntest ġuridiku u soċjali;

Or. en

Emenda 98
Sarah Ludford

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
54. Jitlob lill-Istati Membri biex jirrifjutaw l-invokazzjoni tad-drawwa, tat-tradizzjonijiet jew ta' kwalunkwe kunsiderazzjoni reliġjuża oħra biex jiġġustifikaw xi forma ta' vjolenza kontra n-nisa, jew inkella l-adozzjoni ta' politiki li jistgħu jipperikolaw ħajjithom;	54. Jitlob lill-Istati Membri biex jirrifjutaw l-invokazzjoni tad-drawwa, tat-tradizzjonijiet jew ta' kwalunkwe kunsiderazzjoni reliġjuża oħra biex jiġġustifikaw xi forma ta' ***diskriminazzjoni, oppressjoni jew*** vjolenza kontra n-nisa, jew inkella l-adozzjoni ta' politiki li jistgħu jipperikolaw ħajjithom;

Or. en

Emenda 99
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 54 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	54a. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq studju dwar id-diskriminazzjoni ta' persuni li jgħixu waħedhom, partikolarment fir-rigward tat-trattament fiskali, tas-sigurtà soċjali, tas-servizzi pubbliċi, tas-servizzi tas-saħħa u tal-alloġġ;

Or. en

Emenda 100
Mario Mauro, Stefano Zappalà, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
55. Iqis li l-kummenti diskriminatorji fformulati minn responsabbli politiċi jew reliġjużi kontra l-persuni omosesswali jżidu l-mibgħeda u l-vjolenza, u jitlob lill-entitajiet rispettivi li jmexxu biex jikkundannaw dawn il-kummenti;	***imħassar***

Or. it

Emenda 101
Konrad Szymański

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
55. Iqis li l-kummenti diskriminatorji fformulati minn responsabbli politiċi jew reliġjużi kontra l-persuni omosesswali jżidu l-mibgħeda u l-vjolenza, u jitlob lill-entitajiet rispettivi li jmexxu biex jikkundannaw dawn il-kummenti;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 102
Kinga Gál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
55. Iqis li l-kummenti diskriminatorji ***fformulati minn responsabbli politiċi jew reliġjużi*** kontra l-persuni omosesswali jżidu *l-mibgħeda* u l-vjolenza, u jitlob lill-entitajiet rispettivi li jmexxu biex jikkundannaw dawn il-kummenti;	55. Iqis li l-kummenti diskriminatorji kontra l-persuni omosesswali jżidu *l-mibegħda* u l-vjolenza, u jitlob lill-entitajiet rispettivi li jmexxu biex jikkundannaw dawn il-kummenti;

Or. en

Emenda 103
Carlo Casini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
55. Iqis li l-kummenti diskriminatorji fformulati minn responsabbli politiċi ***jew reliġjużi*** kontra l-persuni omosesswali jżidu *l-mibgħeda* u l-vjolenza, u jitlob lill-entitajiet rispettivi li jmexxu biex jikkundannaw dawn il-kummenti;	55. Iqis li l-kummenti diskriminatorji fformulati minn responsabbli politiċi ***estremisti*** kontra l-persuni omosesswali jżidu *l-mibegħda* u l-vjolenza, u jitlob lill-entitajiet rispettivi li jmexxu biex jikkundannaw dawn il-kummenti;

Or. it

Emenda 104
Carlo Casini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
56. ***Jilqa'*** l-pubblikazzjoni tal-ewwel rapport tematiku tal-Aġenzija, stabbilit fuq talba tiegħu u li jittratta "l-omofobija u d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentament sesswali fl-Istati Membri";	56. ***Jinnota*** l-pubblikazzjoni tal-ewwel rapport tematiku tal-Aġenzija, stabbilit fuq talba tiegħu u li jittratta "l-omofobija u d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentament sesswali fl-Istati Membri";

Or. it

Emenda 105
Sarah Ludford

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
56. Jilqa' l-pubblikazzjoni tal-ewwel rapport tematiku tal-Aġenzija, stabbilit fuq talba tiegħu u li jittratta "l-omofobija u d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentament sesswali fl-Istati Membri";	56. Jilqa' l-pubblikazzjoni tal-ewwel rapport tematiku tal-Aġenzija, stabbilit fuq talba tiegħu u li jittratta "l-omofobija u d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentament sesswali fl-Istati Membri" ***u jitlob lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE biex isegwu urġentement ir-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija***;

Or. en

Emenda 106
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
56. Jilqa' l-pubblikazzjoni tal-ewwel rapport tematiku tal-Aġenzija, stabbilit fuq talba tiegħu u li jittratta "l-omofobija u d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentament sesswali fl-Istati Membri";	56. Jilqa' l-pubblikazzjoni tal-ewwel rapport tematiku tal-Aġenzija, stabbilit fuq talba tiegħu u li jittratta "l-omofobija u d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentament sesswali fl-Istati Membri" ***u jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE***

biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija jew biex jiddikjaraw ir-raġunijiet tagħhom biex ma jimplimentawhomx;

Or. en

Emenda 107
Carlo Casini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
57. Ifakkar lill-Istati Membri kollha li, bi qbil mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-libertà li l-persuni jingħaqdu flimkien tista' tiġi eżerċitata, anke jekk l-opinjonijiet ta' dawk li jagħmlu użu minn dan id-dritt imorru kontra dawk tal-maġġoranza u li, għalhekk, il-projbizzjoni diskriminatorja ta' parati, kif ukoll kull nuqqas ta' rispett tal-obbligu li tingħata protezzjoni adegwata lil dawk li jipparteċipaw f'dawn il-parati, tmur kontra l-prinċipji garantiti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;	57. Ifakkar lill-Istati Membri kollha li, bi qbil mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-libertà li l-persuni jingħaqdu flimkien tista' tiġi eżerċitata, anke jekk l-opinjonijiet ta' dawk li jagħmlu użu minn dan id-dritt imorru kontra dawk tal-maġġoranza u li, għalhekk, il-projbizzjoni diskriminatorja ta' parati, kif ukoll kull nuqqas ta' rispett tal-obbligu li tingħata protezzjoni adegwata lil dawk li jipparteċipaw f'dawn il-parati, tmur kontra l-prinċipji garantiti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem***, fil-limiti stipulati mil-liġi u mill-każistika bil-għan li jitħarsu l-politika pubblika u l-prinċipji aċċettati tal-moralità***;

Or. it

Emenda 108
Sarah Ludford, Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
57. Ifakkar lill-Istati Membri kollha li, bi qbil mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea	57. Ifakkar lill-Istati Membri kollha li, bi qbil mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea

tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-libertà li l-persuni jingħaqdu flimkien tista' tiġi eżerċitata, anke jekk l-opinjonijiet ta' dawk li jagħmlu użu minn dan id-dritt imorru kontra dawk tal-maġġoranza u li, għalhekk, il-projbizzjoni diskriminatorja ta' parati, kif ukoll kull nuqqas ta' rispett tal-obbligu li tingħata protezzjoni adegwata lil dawk li jipparteċipaw f'dawn il-parati, tmur kontra l-prinċipji garantiti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;	tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-libertà li l-persuni jingħaqdu flimkien tista' tiġi eżerċitata, anke jekk l-opinjonijiet ta' dawk li jagħmlu użu minn dan id-dritt imorru kontra dawk tal-maġġoranza u li, għalhekk, il-projbizzjoni diskriminatorja ta' parati, kif ukoll kull nuqqas ta' rispett tal-obbligu li tingħata protezzjoni adegwata lil dawk li jipparteċipaw f'dawn il-parati, tmur kontra l-prinċipji garantiti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem***, mill-Artikolu 6 TUE dwar il-valuri u l-prinċipji komuni tal-UE, u mill-Karta dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE***;

Or. en

Emenda 109
Stefano Zappalà, Mario Mauro, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
57. Ifakkar lill-Istati Membri kollha li, bi qbil mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-libertà li l-persuni jingħaqdu flimkien tista' tiġi eżerċitata, anke jekk l-opinjonijiet ta' dawk li jagħmlu użu minn dan id-dritt imorru kontra dawk tal-maġġoranza u li, għalhekk, ***il-projbizzjoni diskriminatorja ta' parati, kif ukoll kull nuqqas ta' rispett tal-obbligu li tingħata protezzjoni adegwata lil dawk li jipparteċipaw f'dawn il-parati, tmur kontra*** l-prinċipji garantiti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;	57. Ifakkar lill-Istati Membri kollha li, bi qbil mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-libertà li l-persuni jingħaqdu flimkien tista' tiġi eżerċitata, anke jekk l-opinjonijiet ta' dawk li jagħmlu użu minn dan id-dritt imorru kontra dawk tal-maġġoranza u li, għalhekk, ***dak id-dritt għandu jitħares skont ir-regoli nazzjonali u*** l-prinċipji garantiti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Or. it

Emenda 110
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 57 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	57a. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li adottaw leġiżlazzjoni dwar sħubiji bejn persuni tal-istess sess biex jirrikonoxxu d-dispożizzjonijiet adottati minn Stati Membri oħra li għandhom effetti simili; jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal linji gwida għar-rikonoxximent reċiproku bejn l-Istati Membri tal-leġiżlazzjoni eżistenti sabiex ikun iggarantit li d-dritt tal-moviment ħieles fl-Unjoni Ewropea għall-koppji tal-istess sess japplika skont kundizzjonijiet ugwali għal dawk applikabbli għall-koppji eterosesswali;

Or. fr

Emenda 111
Carlo Casini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
58. Jagħfas lill-Kummissjoni biex tressaq proposti li jiżguraw li l-Istati Membri japplikaw il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għall-koppji omosesswali, kemm jekk dawn ikunu miżżewġin kif ukoll jekk ikunu fi sħubija ċivili rreġistrata, partikolarment meta huma jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu, hekk kif jidher fil-liġi tal-UE;	***imħassar***

Or. it

Emenda 112
Mario Mauro, Stefano Zappalà, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
58. Jagħfas lill-Kummissjoni biex tressaq proposti li jiżguraw li l-Istati Membri japplikaw il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għall-koppji omosesswali, kemm jekk dawn ikunu miżżewġin kif ukoll jekk ikunu fi sħubija ċivili rreġistrata, partikolarment meta huma jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu, hekk kif jidher fil-liġi tal-UE;	***imħassar***

Or. it

Emenda 113
Konrad Szymański

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
58. Jagħfas lill-Kummissjoni biex tressaq proposti li jiżguraw li l-Istati Membri japplikaw il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għall-koppji omosesswali, kemm jekk dawn ikunu miżżewġin kif ukoll jekk ikunu fi sħubija ċivili rreġistrata, partikolarment meta huma jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu, hekk kif jidher fil-liġi tal-UE;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 114
Sarah Ludford, Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 58 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	58a. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma ħadux azzjoni, biex ikun applikat il-prinċipju tal-ugwaljanza, biex jieħdu azzjoni leġiżlattiva sabiex tingħeleb id-diskriminazzjoni kontra l-koppji tal-istess sess, billi jirrikonoxxu relazzjonijiet bħal dawn;

Or. en

Emenda 115
Carlo Casini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
59. Jitlob lill-Kummissjoni biex tibda studju dwar is-sitwazzjoni tal-persuni "transgender" fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati, partikolarment fir-rigward tar-riskji ta' turment u ta' vjolenza;	***imħassar***

Or. it

Emenda 116
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
59. Jitlob lill-Kummissjoni biex tibda studju dwar is-sitwazzjoni tal-persuni	***imħassar***

"transgender" fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati, partikolarment fir-rigward tar-riskji ta' turment u ta' vjolenza;

Or. en

Emenda 117
Sarah Ludford, Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
59. *Jitlob* lill-Kummissjoni biex tibda studju dwar is-sitwazzjoni tal-persuni "transgender" fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati, partikolarment fir-rigward tar-riskji ta' turment u ta' vjolenza;	59. *Jistieden* lill-Kummissjoni ***biex tiżgura li l-Istati Membri jagħtu aż il lil persuni li jkunu qed jaħarbu mill-persekuzzjoni fuq il-bażi tal-orjentament sesswali tagħhom fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom, biex tieħu inizjattivi fil-livelli bilaterali u multilaterali biex jitwaqqfu l-persekuzzjonijiet ta' persuni fuq il-bażi tal-orjentament sesswali, u*** biex tibda studju dwar is-sitwazzjoni tal-persuni "transgender" fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati, partikolarment fir-rigward tar-riskji ta' turment u ta' vjolenza;

Or. en

Emenda 118
Kinga Gál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
60. Jagħfas lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lid-diversi livelli ta' gvern lokali, reġjonali u nazzjonali tal-Istati Membri, biex jikkoordinaw il-miżuri tagħhom għall-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u kontra l-	60. Jagħfas lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lid-diversi livelli ta' gvern lokali, reġjonali u nazzjonali tal-Istati Membri, biex jikkoordinaw il-miżuri tagħhom għall-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u kontra l-

attakki fuq il-gruppi minoritarji, inklużi r-Roma u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Istati Membri, b'tali mod illi jobbligaw rispett tal-prinċipji ta' tolleranza u ta' non-diskriminazzjoni u biex tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali, ekonomika u politika;	attakki fuq il-gruppi minoritarji, inklużi r-Roma***, il-minoranzi nazzjonali tradizzjonali*** u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Istati Membri, b'tali mod illi jobbligaw rispett tal-prinċipji ta' tolleranza u ta' non-diskriminazzjoni u biex tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali, ekonomika u politika;

Or. en

Emenda 119
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
60. Jagħfas lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lid-diversi livelli ta' gvern lokali, reġjonali u nazzjonali tal-Istati Membri, biex jikkoordinaw il-miżuri tagħhom għall-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u kontra l-attakki fuq il-gruppi minoritarji, inklużi r-Roma u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Istati Membri, b'tali mod illi jobbligaw rispett tal-prinċipji ta' tolleranza u ta' non-diskriminazzjoni u biex tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali, ekonomika u politika;	60. Jagħfas lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lid-diversi livelli ta' gvern lokali, reġjonali u nazzjonali tal-Istati Membri, biex jikkoordinaw il-miżuri tagħhom għall-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u kontra l-attakki fuq il-gruppi minoritarji, inklużi r-Roma u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Istati Membri, b'tali mod illi jobbligaw rispett tal-prinċipji ta' tolleranza u ta' non-diskriminazzjoni u biex tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali, ekonomika u politika; ***jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan, biex jiddikjaraw il-kompetenza tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali biex jirċievi u jqis komunikazzjonijiet individwali fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali;***

Or. en

Emenda 120
Kinga Gál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
61. Jagħfas lill-Istati Membri biex jikkastigaw b'determinazzjoni kull turija ta' *mibgħeda* li tiġi espressa fi programmi razzisti fil-midja u f'artikli li jxerrdu diskors intolleranti, permezz ta' reati odjużi kontra r-Roma, l-immigranti, il-barranin u l-gruppi minoritarji l-oħra, kif ukoll permezz ta' gruppi mużikali matul kunċerti neo-nazzisti, li spiss jitħallew isiru fil-pubbliku mingħajr l-ebda konsegwenza;	61. Jagħfas lill-Istati Membri biex jikkastigaw b'determinazzjoni kull turija ta' *mibegħda* li tiġi espressa fi programmi razzisti fil-midja u f'artikli li jxerrdu diskors intolleranti, permezz ta' reati odjużi kontra r-Roma, l-immigranti, il-barranin***, il-minoranzi nazzjonali tradizzjonali*** u l-gruppi minoritarji l-oħra, kif ukoll permezz ta' gruppi mużikali matul kunċerti neo-nazzisti, li spiss jitħallew isiru fil-pubbliku mingħajr l-ebda konsegwenza;

Or. en

Emenda 121
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
61. Jagħfas lill-Istati Membri biex jikkastigaw b'determinazzjoni kull turija ta' *mibgħeda* li tiġi espressa fi programmi razzisti fil-midja u f'artikli li jxerrdu diskors intolleranti, permezz ta' reati odjużi kontra r-Roma, l-immigranti, il-barranin u l-gruppi minoritarji l-oħra, kif ukoll permezz ta' gruppi mużikali matul kunċerti neo-nazzisti, li spiss jitħallew isiru fil-pubbliku mingħajr l-ebda konsegwenza;	61. Jagħfas lill-Istati Membri biex jikkastigaw b'determinazzjoni kull turija ta' *mibegħda* li tiġi espressa fi programmi razzisti fil-midja u f'artikli li jxerrdu diskors intolleranti, permezz ta' reati odjużi kontra r-Roma, l-immigranti, il-barranin u l-gruppi minoritarji l-oħra, kif ukoll permezz ta' gruppi mużikali matul kunċerti neo-nazzisti, li spiss jitħallew isiru fil-pubbliku mingħajr l-ebda konsegwenza; ***iħeġġeġ ukoll lill-partiti u lill-movimenti politiċi li jeżerċitaw influwenza qawwija fuq il-midja tal-massa biex iwaqqfu d-diskors ta' mibegħda u l-użu ta' malafama kontra l-gruppi ta' minoranza fl-Unjoni;***

Or. en

Emenda 122
Konrad Szymański

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
62. *Jitlob* ***lill-imsieħba*** soċjali ***biex jagħmlu sforz sostanzjali sabiex jeliminaw id-diskriminazzjoni*** bbażata fuq id-diżabilità jew fuq l-età u biex itejbu radikalment l-aċċess tal-persuni anzjani u tal-persuni b'diżabilità għas-suq tax-xogħol u għall-programmi ta' taħriġ;	62. *Jistieden* ***lill-Istati Membri biex iħeġġu involviment aktar b'saħħtu tal-imsieħba*** soċjali ***fit-twettiq ta' azzjonijiet bil-għan li tkun eliminata d-diskriminazzjoni*** bbażata fuq id-diżabilità jew fuq l-età u biex itejbu radikalment l-aċċess tal-persuni anzjani u tal-persuni b'diżabilità għas-suq tax-xogħol u għall-programmi ta' taħriġ;

Or. en

Emenda 123
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
62. *Jitlob* lill-imsieħba soċjali biex jagħmlu sforz sostanzjali sabiex jeliminaw id-diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabilità jew fuq l-età u biex itejbu radikalment l-aċċess tal-persuni anzjani u tal-persuni b'diżabilità għas-suq tax-xogħol u għall-programmi ta' taħriġ;	62. *Jistieden* lill-imsieħba soċjali biex jagħmlu sforz sostanzjali sabiex jeliminaw id-diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabilità jew fuq l-età u biex itejbu radikalment l-aċċess tal-persuni anzjani u tal-persuni b'diżabilità għas-suq tax-xogħol u għall-programmi ta' taħriġ; ***jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma rratifikawhomx, biex jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet u l-Protokoll Fakultattiv tagħha;***

Or. en

Emenda 124
Kinga Gál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 63

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
63. Iqis li huwa importanti li jiġi żgurat li dawk kollha li jkunu jeħtieġu kuri ġerjatriċi jew kura għal marda jew diżabilità jkollhom aċċess għal kuri u trattamenti ta' kwalità għolja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 125
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 63

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
63. Iqis li huwa importanti li jiġi żgurat li dawk kollha li jkunu jeħtieġu kuri ġerjatriċi jew kura għal marda jew diżabilità jkollhom aċċess għal kuri u trattamenti ta' kwalità għolja;	63. Iqis li huwa importanti li jiġi żgurat li dawk kollha li jkunu jeħtieġu kuri ġerjatriċi jew kura għal marda jew diżabilità jkollhom aċċess għal kuri u trattamenti ta' kwalità għolja; ***u jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikulari lill-provvediment tal-kura u lill-protezzjoni tat-tfal diżabbli;***

Or. en

Emenda 126
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
64. Ifakkar li d-drittijiet fundamentali ma jieqfux sal-bibien tal-għassa, u li japplikaw ukoll bis-sħiħ għaċ-ċittadini bl-uniformi, jiġifieri għall-istaff tal-forzi armati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 127
Mario Mauro, Stefano Zappalà, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 65

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
65. Jirrakkomanda lill-Istati Membri kollha tal-Unjoni biex jiggarantixxu lill-istaff militari tagħhom id-dritt li joħolqu assoċjazzjonijiet professjonali, jissieħbu u jipparteċipaw attivament fihom, kif ukoll li jinnegozjaw kollettivament sabiex jiddefendu l-interessi soċjali tagħhom;	***imħassar***

Or. it

Emenda 128
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 65

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
65. Jirrakkomanda lill-Istati Membri kollha tal-Unjoni biex jiggarantixxu lill-istaff militari tagħhom id-dritt li joħolqu assoċjazzjonijiet professjonali, jissieħbu u jipparteċipaw attivament fihom, kif ukoll li jinnegozjaw kollettivament sabiex jiddefendu l-interessi soċjali tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 129
Kinga Gál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 66

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
66. Jitlob lill-Istati Membri biex jagħtu lill-istaff militari attiv tagħhom id-dritt li joħorġu għall-elezzjoniijiet u li jissieħbu f'partiti politiċi demokratiċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 130
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 66

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
66. Jitlob lill-Istati Membri biex jagħtu lill-istaff militari attiv tagħhom id-dritt li joħorġu għall-elezzjoniijiet u li jissieħbu f'partiti politiċi demokratiċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 131
Mario Mauro, Stefano Zappalà, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 66

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
66. Jitlob lill-Istati Membri biex jagħtu lill-istaff militari attiv tagħhom id-dritt li joħorġu għall-elezzjoniijiet u li jissieħbu	***imħassar***

f'partiti politiċi demokratiċi;

Or. it

Emenda 132
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jaime Mayor Oreja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 66 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	66a. Jistieden lill-Istati Membri biex iżommu l-garanziji ta' aċċess għall-kura pastorali għall-persunal militari;

Or. en

Emenda 133
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jaime Mayor Oreja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 67

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
67. Jirrakkomanda lill-Istati Membri biex joħolqu istituzzjoni ċivili indipendenti, "Ombudsman", inkarigat prinċipalment milli jiggarantixxi li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati fil-forzi armati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 134
Mario Mauro, Stefano Zappalà, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 67

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
67. Jirrakkomanda lill-Istati Membri biex joħolqu istituzzjoni ċivili indipendenti, "Ombudsman", inkarigat prinċipalment milli jiggarantixxi li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati fil-forzi armati;	***imħassar***

Or. it

Emenda 135
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Titolu bejn il-paragrafi 67 u 68

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Aċċess għall-protezzjoni	Aċċess għall-protezzjoni ***internazzjonali u l-immigrazzjoni legali***

Or. fr

Emenda 136
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jaime Mayor Oreja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 68

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
68. ***Jinsab maħsud bid-destin*** tragiku tal-persuni li jmutu filwaqt li jkunu qed jipprovaw jilħqu t-territorju Ewropew, minħabba li l-mezzi ta' migrazzjoni legali lejn l-Unjoni Ewropea minn pajjiżi terzi huma kważi ineżistenti, u dan iqiegħed lill-migranti f'idejn dawk li jgħaddu n-nies minn post għall-ieħor jew f'idejn it-traffikanti, u b'hekk jissograw ħajjithom sabiex iwettqu l-vjaġġ sal-Ewropa, u dan jikkawża eluf ta' mwiet kull sena;	68. ***Jesprimi preokkupazzjoni kbira dwar id-destin*** tragiku tal-persuni li jmutu filwaqt li jkunu qed jipprovaw jilħqu t-territorju Ewropew, minħabba li l-mezzi ta' migrazzjoni legali lejn l-Unjoni Ewropea minn pajjiżi terzi huma kważi ineżistenti, u dan iqiegħed lill-migranti f'idejn dawk li jgħaddu n-nies minn post għall-ieħor jew f'idejn it-traffikanti, u b'hekk jissograw ħajjithom sabiex iwettqu l-vjaġġ sal-Ewropa, u dan jikkawża eluf ta' mwiet kull

sena;

Or. en

Emenda 137
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jaime Mayor Oreja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 69

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
69. *Jitlob* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu politiki ta' migrazzjoni ***realistiċi*** u fuq medda twila ta' żmien kif ukoll regoli iktar flessibbli għall-persuni li jitolbu l-ażil, minflok jikkonċentraw l-isforzi kollha tagħhom fuq il-prevenzjoni tal-immigrazzjoni illegali, billi jużaw numru dejjem jikber ta' miżuri ta' kontroll fil-fruntieri, li għandhom *in-nuqqas* ta' mekkaniżmi neċessarji għall-identifikazzjoni ta' persuni potenzjali li jitolbu l-ażil fil-fruntieri tal-Ewropa, u dan iwassal għal ksur tal-prinċipju tan-"non-refoulement", hekk kif imniżżel fil-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus tar-refuġjati;	69. *Jistieden* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu politiki ta' migrazzjoni ***effettivi*** u fuq medda twila ta' żmien kif ukoll regoli iktar flessibbli għall-persuni li jitolbu l-ażil, minflok jikkonċentraw l-isforzi kollha tagħhom fuq il-prevenzjoni tal-immigrazzjoni illegali, billi jużaw numru dejjem jikber ta' miżuri ta' kontroll fil-fruntieri, li għandhom *nuqqas* ta' mekkaniżmi neċessarji għall-identifikazzjoni ta' persuni potenzjali li jitolbu l-ażil fil-fruntieri tal-Ewropa, u dan iwassal għal ksur tal-prinċipju tan-"non-refoulement", hekk kif imniżżel fil-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus tar-refuġjati;

Or. en

Emenda 138
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 69

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
69. *Jitlob* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu politiki ta' migrazzjoni realistiċi u fuq medda twila ta' żmien ***kif ukoll regoli iktar flessibbli għall-persuni li jitolbu l-ażil, minflok***	69. *Jistieden* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu politiki ta' migrazzjoni realistiċi u fuq medda twila ta' żmien;

jikkonċentraw l-isforzi kollha tagħhom fuq il-prevenzjoni tal-immigrazzjoni illegali, billi jużaw numru dejjem jikber ta' miżuri ta' kontroll fil-fruntieri, li għandhom in-nuqqas ta' mekkaniżmi neċessarji għall-identifikazzjoni ta' persuni potenzjali li jitolbu l-ażil fil-fruntieri tal-Ewropa, u dan iwassal għal ksur tal-prinċipju tan-''non-refoulement'', hekk kif imniżżel fil-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus tar-refuġjati;

Or. en

Emenda 139
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 69

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
69. *Jitlob* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu politiki ta' migrazzjoni realistiċi u fuq medda twila ta' żmien kif ukoll ***regoli iktar flessibbli*** għall-persuni li jitolbu l-ażil, minflok jikkonċentraw l-isforzi kollha tagħhom fuq il-prevenzjoni tal-immigrazzjoni illegali, billi jużaw numru dejjem jikber ta' miżuri ta' kontroll fil-fruntieri, li għandhom *in-nuqqas* ta' mekkaniżmi neċessarji għall-identifikazzjoni ta' persuni potenzjali li jitolbu l-ażil fil-fruntieri tal-Ewropa, u dan iwassal għal ksur tal-prinċipju tan-''non-refoulement'', hekk kif imniżżel fil-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus tar-refuġjati;	69. *Jistieden* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu politiki ta' migrazzjoni realistiċi u fuq medda twila ta' żmien kif ukoll ***biex jiggarantixxu aċċess ġenwin għat-territorju tagħhom u għal proċedura*** għall-persuni li jitolbu l-ażil, minflok jikkonċentraw l-isforzi kollha tagħhom fuq il-prevenzjoni tal-immigrazzjoni illegali, billi jużaw numru dejjem jikber ta' miżuri ta' kontroll fil-fruntieri, li għandhom *nuqqas* ta' mekkaniżmi neċessarji għall-identifikazzjoni ta' persuni potenzjali li jitolbu l-ażil fil-fruntieri tal-Ewropa, u dan iwassal għal ksur tal-prinċipju tan-''non-refoulement'', hekk kif imniżżel fil-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus tar-refuġjati;

Or. fr

Emenda 140
Mario Mauro, Stefano Zappalà, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 69

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
69. *Jitlob* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu politiki ta' migrazzjoni realistiċi u fuq medda twila ta' żmien ***kif ukoll regoli iktar flessibbli għall-persuni li jitolbu l-ażil, minflok jikkonċentraw l-isforzi kollha tagħhom fuq il-prevenzjoni*** tal-immigrazzjoni illegali, ***billi jużaw numru dejjem jikber ta' miżuri ta' kontroll fil-fruntieri, li għandhom in-nuqqas ta' mekkaniżmi neċessarji għall-identifikazzjoni ta' persuni potenzjali li jitolbu l-ażil fil-fruntieri tal-Ewropa, u dan iwassal għal ksur tal-prinċipju*** tan-"non-refoulement", hekk kif imniżżel fil-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus tar-refuġjati;	69. *Jistieden* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu politiki ta' migrazzjoni realistiċi u fuq medda twila ta' żmien ***flimkien ma' miżuri għall-prevenzjoni*** tal-immigrazzjoni illegali, ***fuq il-bażi tal-approċċ globali msemmi fil-komunikazzjoni ppubblikata mill-Kummissjoni f'Marzu 2007; barra minn hekk, jitlob koordinazzjoni akbar tar-regoli dwar l-ażil, skont il-prinċipju*** tan-"non-refoulement", hekk kif imniżżel fil-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus tar-refuġjati;

Or. it

Emenda 141
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 69

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
69. *Jitlob* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu politiki ta' migrazzjoni realistiċi u fuq medda twila ta' żmien kif ukoll regoli iktar flessibbli għall-persuni li jitolbu l-ażil, minflok jikkonċentraw l-isforzi kollha tagħhom fuq il-prevenzjoni tal-immigrazzjoni illegali, billi jużaw numru dejjem jikber ta' miżuri ta' kontroll fil-fruntieri, li għandhom *in-nuqqas* ta' mekkaniżmi neċessarji għall-identifikazzjoni ta' persuni potenzjali li	69. *Jistieden* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu politiki ta' migrazzjoni ***legali,*** realistiċi u fuq medda twila ta' żmien ***li għandhom jinkludu politika dwar il-viżi aktar miftuħa u aċċess effettiv għat-territorju tal-UE*** kif ukoll regoli iktar flessibbli għall-persuni li jitolbu l-ażil, ***inkluż aċċess ġenwin għall-proċedura*** minflok jikkonċentraw l-isforzi kollha tagħhom fuq il-prevenzjoni tal-immigrazzjoni illegali, billi jużaw numru

jitolbu l-ażil fil-fruntieri tal-Ewropa, u dan iwassal għal ksur tal-prinċipju tan-"non-refoulement", hekk kif imniżżel fil-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus tar-refuġjati;	dejjem jikber ta' miżuri ta' kontroll fil-fruntieri, li għandhom *nuqqas* ta' mekkaniżmi neċessarji għall-identifikazzjoni ta' persuni potenzjali li jitolbu l-ażil fil-fruntieri tal-Ewropa, u dan iwassal għal ksur tal-prinċipju tan-"non-refoulement", hekk kif imniżżel fil-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus tar-refuġjati;
	Or. en

Emenda 142
Maria Robsahm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 69 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	69a. Jistieden lill-Istati Membri biex japplikaw il-Linji gwida dwar is-Sessi tal-UNHCR (2002) fl-implimentazzjoni tad-direttivi Ewropej eżistenti dwar l-ażil. L-esperjenzi tan-nisa tal-attivitajiet politiċi u l-persekuzzjonijiet jistgħu jvarjaw minn dawk tal-irġiel. Il-kunċett ta' politika u persekuzzjoni ġew interpretati storikament mill-istati permezz ta' qafas ta' esperjenzi tal-irġiel, u għalhekk ħafna drabi kienu esklużi l-opinjonijiet politiċi tan-nisa dwar l-irwoli tas-sessi kif ukoll dwar atti ta' vjolenza u/jew diskriminazzjoni bbażati fuq is-sessi kemm mill-Istati kif ukoll minn persuni mhux marbuta mal-Istat. Il-ħarsien u l-promozzjoni tan-nisa refuġjati u spustjati jridu jkunu żgurati, u l-vjolenza sesswali fil-gwerer għandha titqies bħala raġuni għall-ażil;
	Or. en

Emenda 143
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 70

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
70. *Jitlob* lill-Kunsill sabiex jiċċara l-irwoli tal-Aġenzija Ewropea *għall-ġestjoni tal-koperazzjoni operattiva fil-fruntieri esterni* tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX) u tal-Istati Membri, minħabba li hemm nuqqas ta' ċarezza u ta' trasparenza fir-rigward tal-portata eżatta tal-ħidma ta' koordinazzjoni tal-FRONTEX, u tal-modi kif jitwettqu l-operazzjonijiet, sabiex jiġi garantit li l-kontrolli fil-fruntieri jitwettqu fir-rispett tad-Drittijiet tal-Bniedem; iqis li huwa urġenti li jiġi emendat il-mandat tal-FRONTEX, sabiex jinkludi s-salvataġġ fl-ibħra;	70. *Jistieden* lill-Kunsill sabiex jiċċara l-irwoli tal-Aġenzija Ewropea *għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni* tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX) u tal-Istati Membri, minħabba li hemm nuqqas ta' ċarezza u ta' trasparenza fir-rigward tal-portata eżatta tal-ħidma ta' koordinazzjoni tal-FRONTEX, u tal-modi kif jitwettqu l-operazzjonijiet, sabiex jiġi garantit li l-kontrolli fil-fruntieri jitwettqu fir-rispett tad-Drittijiet tal-Bniedem; iqis li huwa urġenti li jiġi emendat il-mandat tal-FRONTEX, sabiex jinkludi s-salvataġġ fl-ibħra; ***jitlob superviżjoni demokratika mill-Parlament Ewropew tal-konklużjoni minn Frontex ta' ftehimiet ma' pajjiżi terzi, partikolarment fir-rigward tal-organizzazzjoni konġunta tar-ritorni;***

Or. fr

Emenda 144
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 73

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
73. ***Jitlob li jkun hemm armonizzazzjoni fil-livell Ewropew tal-kriterji skont liema jingħata r-rikonoxximent ta' status ta' refuġjat bil-għan li r-rata ta' rikonoxximent ta' dan l-istatus tkun indaqs fl-Istati Membri kollha; josserva fil-fatt li s-sistema attwali toħloq "lotterija tal-ażil", hekk kif juru r-rati***	73. ***Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, u lill-Kunsill b'mod partikulari, biex malajr u b'mod ambizzjuż imexxu l-istrateġija għall-futur imbiegħed tal-Ewropa fil-qasam tal-ażil għall-implimentazzjoni tal-Faża II, inkluża r-reviżjoni tad-direttiva dwar l-istandards minimi rigward proċeduri fl-Istati Membri għall-kwalifika***

kompletament differenti ta' rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjati fost il-gruppi simili ta' persuni li jitolbu l-ażil fid-diversi Stati Membri; jenfasizza li l-kriterji għandhom jirrispettaw standards għoljin, u mhux minimi, peress li l-kapaċità li jintlaqgħu u jiġu protetti l-persuni li jitolbu ażil tikkostitwixxi punt identitarju tas-soċjetajiet Ewropej tagħna;	***u l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni bla stat bħala refuġjati jew bħala persuni li jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, u t-twaqqif ta' Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil;***

Or. en

Emenda 145
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 73

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
73. Jitlob li jkun hemm armonizzazzjoni fil-livell Ewropew tal-kriterji skont liema jingħata r-rikonoxximent ta' status ta' refuġjat bil-għan li r-rata ta' rikonoxximent ta' dan l-istatus tkun indaqs fl-Istati Membri kollha; josserva fil-fatt li ***s-sistema*** attwali ***toħloq "lotterija tal-ażil", hekk kif juru*** r-rati *kompletament differenti* ta' rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjati fost il-gruppi simili ta' persuni li jitolbu l-ażil fid-diversi Stati Membri; jenfasizza li l-kriterji għandhom jirrispettaw standards għoljin, u mhux minimi, peress li l-kapaċità li jintlaqgħu u jiġu protetti l-persuni li jitolbu ażil tikkostitwixxi punt identitarju tas-soċjetajiet Ewropej tagħna;	73. Jitlob li jkun hemm armonizzazzjoni fil-livell Ewropew tal-kriterji skont liema jingħata r-rikonoxximent ta' status ta' refuġjat bil-għan li r-rata ta' rikonoxximent ta' dan l-istatus tkun indaqs fl-Istati Membri kollha; josserva fil-fatt li ***skont is-sistema*** attwali r-rati ta' rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjati fost il-gruppi simili ta' persuni li jitolbu l-ażil *ivarjaw radikalment* fid-diversi Stati Membri; jenfasizza li l-kriterji għandhom jirrispettaw standards għoljin, u mhux minimi, peress li l-kapaċità li jintlaqgħu u jiġu protetti l-persuni li jitolbu ażil tikkostitwixxi punt identitarju tas-soċjetajiet Ewropej tagħna;

Or. en

Emenda 146
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 73

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
73. Jitlob li jkun hemm armonizzazzjoni fil-livell Ewropew tal-kriterji skont liema jingħata r-rikonoxximent ta' status ta' refuġjat bil-għan li r-rata ta' rikonoxximent ta' dan l-istatus tkun indaqs fl-Istati Membri kollha; josserva fil-fatt li s-sistema attwali toħloq "lotterija tal-ażil", hekk kif juru r-rati kompletament differenti ta' rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjati fost il-gruppi simili ta' persuni li jitolbu l-ażil fid-diversi Stati Membri; jenfasizza li l-kriterji għandhom jirrispettaw standards għoljin, u mhux ***minimi***, peress li l-kapaċità li jintlaqgħu u jiġu protetti l-persuni li jitolbu ażil tikkostitwixxi punt identitarju tas-soċjetajiet Ewropej tagħna;	73. Jitlob li jkun hemm armonizzazzjoni fil-livell Ewropew ***permezz tal-adozzjoni ta' sistema Ewropea komuni tal-ażil,*** tal-kriterji skont liema jingħata r-rikonoxximent ta' status ta' refuġjat bil-għan li r-rata ta' rikonoxximent ta' dan l-istatus tkun indaqs fl-Istati Membri kollha; josserva fil-fatt li s-sistema attwali toħloq "lotterija tal-ażil", hekk kif juru r-rati kompletament differenti ta' rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjati fost il-gruppi simili ta' persuni li jitolbu l-ażil fid-diversi Stati Membri; jenfasizza li l-kriterji għandhom jirrispettaw standards għoljin, u mhux ***armonizzazzjoni li tonqos***, peress li l-kapaċità li jintlaqgħu u jiġu protetti l-persuni li jitolbu ażil tikkostitwixxi punt identitarju tas-soċjetajiet Ewropej tagħna;
	Or. fr

Emenda 147
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 74

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
74. Jinsab inkwetat dwar il-prattika ta' bosta Stati Membri li, permezz ta' restrizzjonijiet proċedurali applikati għat-"trasferimenti ta' Dublin", jiċħdu t-talbiet għall-ażil imressqa mingħajr ma jkun hemm il-persuni li jkunu għamluhom, jew iqisu t-talba kkanċellata minħabba l-assenza ta' dawn tal-aħħar, u dan jiċħad potenzjalment bosta persuni mill-possibilità li jaraw li t-talba tagħhom tiġi eżaminata, jew li jkunu jistgħu jappellaw ċaħda;	***imħassar***
	Or. en

Emenda 148
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 75

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
75. Jikkundanna wkoll l-użu sistematiku minn ċerti Stati Membri tad-detenzjoni ta' min jitlob l-asil waqt li jkun qed jistenna li jiġi ttrasferit lejn l-Istat responsabbli mit-talba tiegħu; iqis li dawn il-persuni ma għandhomx ikunu soġġetti għal detenzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 149
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 76

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
76. Jitlob lill-Istati Membri kollha biex japplikaw ukoll id-dispożizzjonijiet tad-direttiva dwar l-Akkoljenza għat-"trasferimenti ta' Dublin" u biex jinkludu wkoll iz-zoni li huma esklużi minnha bħaċ-ċentri ta' detenzjoni u z-zoni ta' transitu; jinsisti dwar il-fatt li kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati huma essenzjali għat-tħaddin ta' proċedura ta' asil ġusta u effikaċi, u li l-akkoljenza għandha tiżgura l-benessri u d-dinjità ta' kull persuna;	***imħassar***

Or. en

Emenda 150
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 77

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
77. Jitlob lill-Istati Membri biex jorganizzaw akkoljenza materjali li tkun tista' tiżgura livell ta' għajxien tajjeb biżżejjed għas-saħħa u t-trejjiq tal-persuni kollha li jitolbu aż il;	***imħassar***

Or. en

Emenda 151
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 79

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
79. Ifakkar li l-migranti li ma jressqux talba għall-aż il għandhom ukoll jintlaqgħu fi strutturi nodfa u adegwati, fejn huma jkunu jistgħu jiġu mgħarrfa - bl-għajnuna ta' interpreti u ta' ombudsmen kulturali mogħtija taħriġ adegwat - bid-drittijiet u bil-possibilitajiet tagħhom skont il-liġi tal-pajjiż ospitanti, il-liġi Komunitarja u l-konvenzjonijiet internazzjonali; ***jenfasizza li l-istrutturi ta' akkoljenza ma jistgħux ikunu strutturi ta' detenzjoni;***	79. Ifakkar li l-migranti li ma jressqux talba għall-aż il għandhom ukoll jintlaqgħu fi strutturi nodfa u adegwati, fejn huma jkunu jistgħu jiġu mgħarrfa - bl-għajnuna ta' interpreti u ta' ombudsmen kulturali mogħtija taħriġ adegwat - bid-drittijiet u bil-possibilitajiet tagħhom skont il-liġi tal-pajjiż ospitanti, il-liġi Komunitarja u l-konvenzjonijiet internazzjonali;

Or. en

Emenda 152
Mario Mauro, Stefano Zappalà, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 79

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
79. Ifakkar li l-migranti li ma jressqux talba għall-ażil għandhom ukoll jintlaqgħu fi strutturi nodfa u adegwati, fejn huma jkunu jistgħu jiġu mgħarrfa - bl-għajnuna ta' interpreti u ta' ombudsmen kulturali mogħtija taħriġ adegwat - bid-drittijiet u bil-possibilitajiet tagħhom skont il-liġi tal-pajjiż ospitanti, il-liġi Komunitarja u l-konvenzjonijiet internazzjonali; ***jenfasizza li l-istrutturi ta' akkoljenza ma jistgħux ikunu strutturi ta' detenzjoni;***	79. Ifakkar li l-migranti li ma jressqux talba għall-ażil għandhom ukoll jintlaqgħu fi strutturi nodfa u adegwati, fejn huma jkunu jistgħu jiġu mgħarrfa - bl-għajnuna ta' interpreti u ta' ombudsmen kulturali mogħtija taħriġ adegwat - bid-drittijiet u bil-possibilitajiet tagħhom skont il-liġi tal-pajjiż ospitanti, il-liġi Komunitarja u l-konvenzjonijiet internazzjonali;

Or. it

Emenda 153
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 80

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
80. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tat-tfal refuġjati, li jitolbu l-ażil u li huma migranti, u tat-tfal ta' ġenituri li jitolbu l-ażil, refuġjati jew li ma jkollhomx dokumenti, sabiex jiġi żgurat li kull tifel u tifla jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom, hekk kif definiti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tat-tfal, u fosthom id-dritt għan-non-diskriminazzjoni, filwaqt li ***jitqiesu*** qabel kollox ***l-interessi*** tat-tifel jew tifla fl-azzjonijiet kollha li jseħħu; jikkundanna l-iżvilupp f'ċerti Stati Membri ta' sistema doppja għall-edukazzjoni, u ta' kura tas-saħħa u għajnuna differenti għat-tfal taċ-ċittadini u dawk tal-persuni mhux ċittadini; jikkundanna s-sitwazzjonijiet fejn tkun ngħatat prijorità lill-applikazzjoni tal-liġijiet relatati mal-immigrazzjoni fuq id-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tat-tfal;	80. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tat-tfal refuġjati, li jitolbu l-ażil u li huma migranti, u tat-tfal ta' ġenituri li jitolbu l-ażil, refuġjati jew li ma jkollhomx dokumenti, sabiex jiġi żgurat li kull tifel u tifla jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom, hekk kif definiti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tat-tfal, u fosthom id-dritt għan-non-diskriminazzjoni, filwaqt li ***jitqies*** qabel kollox ***l-interess ogħla*** tat-tifel jew tifla fl-azzjonijiet kollha li jseħħu; jikkundanna l-iżvilupp f'ċerti Stati Membri ta' sistema doppja għall-edukazzjoni, u ta' kura tas-saħħa u għajnuna differenti għat-tfal taċ-ċittadini u dawk tal-persuni mhux ċittadini; jikkundanna s-sitwazzjonijiet fejn tkun ngħatat prijorità lill-applikazzjoni tal-liġijiet relatati mal-immigrazzjoni fuq id-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tat-tfal;

Or. fr

Emenda 154
Konrad Szymański

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 80

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
80. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tat-tfal refuġjati, li jitolbu l-ażil u li huma migranti, u tat-tfal ta' ġenituri li jitolbu l-ażil, refuġjati jew li ma jkollhomx dokumenti, sabiex jiġi żgurat li kull tifel u tifla jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom, hekk kif definiti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tat-tfal, u fosthom id-dritt għan-non-diskriminazzjoni, filwaqt li jitqiesu qabel kollox l-interessi tat-tifel jew tifla fl-azzjonijiet kollha li jseħħu; jikkundanna l-iżvilupp f'ċerti Stati Membri ta' sistema doppja għall-edukazzjoni, u ta' kura tas-saħħa u għajnuna differenti għat-tfal taċ-ċittadini u dawk tal-persuni mhux ċittadini; jikkundanna s-sitwazzjonijiet fejn tkun ngħatat prijorità lill-applikazzjoni tal-liġijiet relatati mal-immigrazzjoni fuq id-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tat-tfal;	80. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tat-tfal refuġjati, li jitolbu l-ażil u li huma migranti, u tat-tfal ta' ġenituri li jitolbu l-ażil, refuġjati jew li ma jkollhomx dokumenti, sabiex jiġi żgurat li kull tifel u tifla jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom, hekk kif definiti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tat-tfal, u fosthom id-dritt għan-non-diskriminazzjoni, filwaqt li jitqiesu qabel kollox l-interessi tat-tifel jew tifla fl-azzjonijiet kollha li jseħħu***, madankollu filwaqt li jkunu rikonoxxuti għalkollox l-irwol importanti u r-responsabilità tal-ġenituri***; jikkundanna l-iżvilupp f'ċerti Stati Membri ta' sistema doppja għall-edukazzjoni, u ta' kura tas-saħħa u għajnuna differenti għat-tfal taċ-ċittadini u dawk tal-persuni mhux ċittadini; jikkundanna s-sitwazzjonijiet fejn tkun ngħatat prijorità lill-applikazzjoni tal-liġijiet relatati mal-immigrazzjoni fuq id-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tat-tfal;

Or. en

Emenda 155
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 80

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
80. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari	80. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari

lis-sitwazzjoni tat-tfal refuġjati, li jitolbu l-ażil u li huma migranti, u tat-tfal ta' ġenituri li jitolbu l-ażil, refuġjati jew li ma jkollhomx dokumenti, sabiex jiġi żgurat li kull tifel u tifla jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom, hekk kif definiti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tat-tfal, u fosthom id-dritt għan-non-diskriminazzjoni, filwaqt li jitqiesu qabel kollox l-interessi tat-tifel jew tifla fl-azzjonijiet kollha li jseħħu; ***jikkundanna l-iżvilupp f'ċerti Stati Membri ta' sistema doppja għall-edukazzjoni, u ta' kura tas-saħħa u għajnuna differenti għat-tfal taċ-ċittadini u dawk tal-persuni mhux ċittadini; jikkundanna s-sitwazzjonijiet fejn tkun ngħatat prijorità lill-applikazzjoni tal-liġijiet relatati mal-immigrazzjoni fuq id-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tat-tfal;***

lis-sitwazzjoni tat-tfal refuġjati, li jitolbu l-ażil u li huma migranti, u tat-tfal ta' ġenituri li jitolbu l-ażil, refuġjati jew li ma jkollhomx dokumenti, sabiex jiġi żgurat li kull tifel u tifla jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom, hekk kif definiti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tat-tfal, u fosthom id-dritt għan-non-diskriminazzjoni, filwaqt li jitqiesu qabel kollox l-interessi tat-tifel jew tifla fl-azzjonijiet kollha li jseħħu;

Or. en

Emenda 156
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jaime Mayor Oreja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 80

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
80. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tat-tfal refuġjati, li jitolbu l-ażil u li huma migranti, u tat-tfal ta' ġenituri li jitolbu l-ażil, refuġjati jew li ma jkollhomx dokumenti, sabiex jiġi żgurat li kull tifel u tifla jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom, hekk kif definiti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tat-tfal, u fosthom id-dritt għan-non-diskriminazzjoni, filwaqt li jitqiesu qabel kollox l-interessi tat-tifel jew tifla fl-azzjonijiet kollha li jseħħu; jikkundanna l-iżvilupp f'ċerti Stati Membri ta' sistema doppja għall-edukazzjoni, u ta' kura tas-saħħa u għajnuna differenti għat-	80. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tat-tfal refuġjati, li jitolbu l-ażil u li huma migranti, u tat-tfal ta' ġenituri li jitolbu l-ażil, refuġjati jew li ma jkollhomx dokumenti, sabiex jiġi żgurat li kull tifel u tifla jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom, hekk kif definiti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tat-tfal, u fosthom id-dritt għan-non-diskriminazzjoni, filwaqt li jitqiesu qabel kollox l-interessi tat-tifel jew tifla fl-azzjonijiet kollha li jseħħu***, madankollu filwaqt li jkunu rikonoxxuti għalkollox l-iwol importanti u r-responsabilità tal-ġenituri***; jikkundanna l-

tfal taċ-ċittadini u dawk tal-persuni mhux ċittadini; jikkundanna s-sitwazzjonijiet fejn tkun ngħatat prijorità lill-applikazzjoni tal-liġijiet relatati mal-immigrazzjoni fuq id-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tat-tfal;	iżvilupp f'ċerti Stati Membri ta' sistema doppja għall-edukazzjoni, u ta' kura tas-saħħa u għajnuna differenti għat-tfal taċ-ċittadini u dawk tal-persuni mhux ċittadini; jikkundanna s-sitwazzjonijiet fejn tkun ngħatat prijorità lill-applikazzjoni tal-liġijiet relatati mal-immigrazzjoni fuq id-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tat-tfal; ***jistieden lill-Istati Membri biex jirrispettaw id-dritt tal-ġenituri li jedukaw lil uliedhom skont it-twemmin tagħhom;***
	Or. en

Emenda 157
Giusto Catania

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 83

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
83. Jitlob li jkun hemm iktar koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali ta' integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' inizjattivi Ewropej f'dan il-qasam; jenfasizza li prinċipji bażiċi komuni għal kuntest Ewropew koerenti f'dan il-qasam għandhom jiggarantixxu li l-politika ta' integrazzjoni tinkludi, u tmur oltre, il-politika kontra d-diskriminazzjoni u hija estiża għal ċerti oqsma, bħall-impjieg u l-edukazzjoni;	*(Ma taffetwax il-verżjoni Ingliża)*
	Or. it

Emenda 158
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 83

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
83. Jitlob li jkun hemm iktar koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali ta'	83. Jitlob li jkun hemm iktar koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali ta'

integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' inizjattivi Ewropej f'dan il-qasam; jenfasizza li prinċipji bażiċi komuni għal kuntest Ewropew koerenti f'dan il-qasam għandhom jiggarantixxu li l-politika ta' integrazzjoni tinkludi, u tmur oltre, il-politika kontra d-diskriminazzjoni u hija estiża għal ċerti oqsma, bħall-impjieg ***u*** l-edukazzjoni;

integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' inizjattivi Ewropej f'dan il-qasam; jenfasizza li prinċipji bażiċi komuni għal kuntest Ewropew koerenti f'dan il-qasam għandhom jiggarantixxu li l-politika ta' integrazzjoni tinkludi, u tmur oltre, il-politika kontra d-diskriminazzjoni u hija estiża għal ċerti oqsma, bħall-impjieg***,*** l-edukazzjoni ***u t-taħriġ vokazzjonali***;

Or. en

Emenda 159
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 84

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
84. Jitlob li jiġu żviluppati programmi ta' inklużjoni maħsuba għall-prevenzjoni ta' tensjoni potenzjali bejn il-migranti intra-Komunitarji u l-komunitajiet awtoktoni fil-kuntest tal-fenomenu tal-migrazzjoni ta' wara t-tkabbir;	84. Jitlob li jiġu żviluppati programmi ta' inklużjoni ***u ta' djalogu interkulturali*** maħsuba għall-prevenzjoni ta' tensjoni potenzjali bejn il-migranti intra-Komunitarji u l-komunitajiet awtoktoni fil-kuntest tal-fenomenu tal-migrazzjoni ta' wara t-tkabbir;

Or. en

Emenda 160
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 85

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
85. Iqis li l-iktar bżonn urġenti tal-minoranzi ta' oriġini ta' immigranti hija li jintegraw malajr kemm jista' jkun fis-soċjetà tal-pajjiż fejn huma jgħixu, filwaqt li jiġi żgurat li dan iseħħ fi spirtu ta' reċiproċità; ***iqis li huwa wkoll importanti li***	85. Iqis li l-iktar bżonn urġenti tal-minoranzi ta' oriġini ta' immigranti hija li jintegraw malajr kemm jista' jkun fis-soċjetà tal-pajjiż fejn huma jgħixu, filwaqt li jiġi żgurat li dan iseħħ fi spirtu ta' reċiproċità;

jiġi rikonoxxut id-dritt ta' kull persuna li tkun twieldet u tgħix fi Stat Membru li jkollha aċċess għad-drittijiet ċivili marbuta maċ-ċittadinanza, anke f'każijiet fejn il-persuna ma tistax jew ma tixtieqx tiġi naturalizzata;

Or. en

Emenda 161
Mario Mauro, Stefano Zappalà, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 85

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
85. Iqis li l-iktar bżonn urġenti tal-minoranzi ta' oriġini ta' immigranti hija li jintegraw malajr kemm jista' jkun fis-soċjetà tal-pajjiż fejn huma jgħixu, filwaqt li jiġi żgurat li dan iseħħ fi spirtu ta' reċiproċità; iqis li huwa wkoll importanti li jiġi rikonoxxut id-dritt ta' kull persuna li tkun twieldet u tgħix fi Stat Membru li jkollha aċċess għad-drittijiet ċivili marbuta maċ-ċittadinanza***, anke f'każijiet fejn il-persuna ma tistax jew ma tixtieqx tiġi naturalizzata;***	85. Iqis li l-iktar bżonn urġenti tal-minoranzi ta' oriġini ta' immigranti hija li jintegraw malajr kemm jista' jkun fis-soċjetà tal-pajjiż fejn huma jgħixu, filwaqt li jiġi żgurat li dan iseħħ fi spirtu ta' reċiproċità; iqis li huwa wkoll importanti li jiġi rikonoxxut id-dritt ta' kull persuna li tkun twieldet u tgħix fi Stat Membru li jkollha aċċess għad-drittijiet ċivili marbuta maċ-ċittadinanza;

Or. it

Emenda 162
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 85

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
85. Iqis li l-iktar bżonn urġenti tal-minoranzi ta' oriġini ta' immigranti hija li jintegraw malajr kemm jista' jkun fis-soċjetà tal-pajjiż fejn huma jgħixu, filwaqt	85. Iqis li l-iktar bżonn urġenti tal-minoranzi ta' oriġini ta' immigranti hija li jintegraw malajr kemm jista' jkun fis-soċjetà tal-pajjiż fejn huma jgħixu, filwaqt

li jiġi żgurat li dan iseħħ fi spirtu ta' reċiproċità; iqis li huwa wkoll importanti li jiġi rikonoxxut id-dritt ta' kull persuna li ***tkun twieldet u*** tgħix fi Stat Membru li jkollha aċċess għad-drittijiet ċivili ***marbuta maċ-ċittadinanza***, anke f'każijiet fejn il-persuna ma tistax jew ma tixtieqx tiġi naturalizzata;	li jiġi żgurat li dan iseħħ fi spirtu ta' reċiproċità; iqis li huwa wkoll importanti li jiġi rikonoxxut id-dritt ta' kull persuna li tgħix fi Stat Membru li jkollha aċċess għad-drittijiet ċivili, anke f'każijiet fejn il-persuna ma tistax jew ma tixtieqx tiġi naturalizzata; ***jemmen li d-dritt ta' residenti fit-tul li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet Ewropej u lokali jippromwovi l-integrazzjoni soċjali u politika;***

Or. en

Emenda 163
Konrad Szymański

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 86

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
86. Jinsab inkwetat dwar il-fatt li n-nuqqas ta' politiki effikaċi ta' integrazzjoni jista' joħloq l-esklużjoni ta' mijiet ta' persuni mhux ċittadini u ta' persuni mingħajr stat mill-ħajja professjonali, soċjali ***u politika***;	86. Jinsab inkwetat dwar il-fatt li n-nuqqas ta' politiki effikaċi ta' integrazzjoni jista' joħloq l-esklużjoni ta' mijiet ta' persuni mhux ċittadini u ta' persuni mingħajr stat mill-ħajja professjonali ***u*** soċjali;

Or. en

Emenda 164
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 86

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
86. Jinsab inkwetat dwar il-fatt li n-nuqqas ta' politiki effikaċi ta' integrazzjoni jista' joħloq l-esklużjoni ta' mijiet ta' persuni mhux ċittadini u ta' persuni mingħajr stat mill-ħajja professjonali, soċjali u politika;	86. Jinsab inkwetat dwar il-fatt li n-nuqqas ta' politiki effikaċi ta' integrazzjoni jista' joħloq l-esklużjoni ta' mijiet ta' persuni mhux ċittadini u ta' persuni mingħajr stat mill-ħajja professjonali, soċjali u politika***; jirrikonoxxi r-riskju li l-esklużjoni tpoġġi lill-persuna f'pożizzjoni vulnerabbli, u***

tiftaħ it-triq għar-radikalizzazzjoni, għall-ittraffikar u għal forom oħra ta' sfruttament.

Or. en

Emenda 165
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 86

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
86. Jinsab inkwetat dwar il-fatt li n-nuqqas ta' politiki effikaċi ta' integrazzjoni jista' joħloq l-esklużjoni ta' mijiet ta' persuni mhux ċittadini u ta' persuni mingħajr stat mill-ħajja professjonali, soċjali u politika;	86. Jinsab inkwetat dwar il-fatt li n-nuqqas ta' politiki effikaċi ta' integrazzjoni jista' joħloq l-esklużjoni ta' mijiet ta' persuni mhux ċittadini u ta' persuni mingħajr stat mill-ħajja professjonali, soċjali u politika; ***li jxekkel l-għan tal-UE li żżid il-mobilità tal-ħaddiema sabiex tissaħħaħ il-kompettittività u l-prosperità ekonomika;***

Or. en

Emenda 166
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 87

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
87. Huwa serjament inkwetat dwar is-sitwazzjoni dejjem iktar prekarja tal-persuni li jitolbuażil, li t-talba tagħhom tkun ġiet miċħuda fl-Ewropa minħabba l-ineffiċjenza amministrattiva, proċeduri ta'ażil twal wisq, ritorn qabel iż-żmien jew lejn pajjiżi mhux siguri, l-użu dejjem jikber tad-detenzjoni qabel ir-ritorn, ritorn inadegwat ta' persuni vulnerabbli, irtir tal-għajnuna soċjali li jisforza ritorn u proċeduri ta' ritorn inadegwati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 167
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 87

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
87. Huwa serjament inkwetat dwar is-sitwazzjoni dejjem iktar prekarja tal-persuni li jitolbuażil, li t-talba tagħhom tkun ġiet miċħuda fl-Ewropa minħabba l-ineffiċjenza amministrattiva, proċeduri ta'ażil twal wisq, ritorn qabel iż-żmien jew lejn pajjiżi mhux siguri, l-użu dejjem jikber tad-detenzjoni qabel ir-ritorn, ritorn inadegwat ta' persuni vulnerabbli***, irtir tal-għajnuna soċjali li jisforza ritorn u proċeduri ta' ritorn inadegwati;***	87. Huwa serjament inkwetat dwar is-sitwazzjoni dejjem iktar prekarja tal-persuni li jitolbuażil, li t-talba tagħhom tkun ġiet miċħuda fl-Ewropa minħabba l-ineffiċjenza amministrattiva, proċeduri ta' żil twal wisq, ritorn qabel iż-żmien jew lejn pajjiżi mhux siguri, l-użu dejjem jikber tad-detenzjoni qabel ir-ritorn, ritorn inadegwat ta' persuni vulnerabbli;

Or. en

Emenda 168
Jeanine Hennis-Plasschaert

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 88

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
88. Jinsisti dwar il-fatt li l-persuni għandhom biss jintbagħtu lura f'pajjiżhom wara eżami ġust u sħiħ tat-talba tagħhom; iqis li meta ritorn ikun impossibbli jew inuman minħabba s-sitwazzjoni kritika fir-rigward tar-rispett tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-pajjiż ta' oriġini, il-persuni għandhom jirċievu permess ta' soġġorn li jippermettilhom jibqgħu fil-pajjiż ta' residenza b'mod regolari;	***imħassar***

Or. en

Emenda 169
Mario Mauro, Stefano Zappalà, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 88

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
88. Jinsisti dwar il-fatt li l-persuni għandhom biss jintbagħtu lura f'pajjiżhom wara eżami ġust u sħiħ tat-talba tagħhom; iqis li meta ritorn ikun impossibbli jew inuman minħabba s-sitwazzjoni kritika fir-rigward tar-rispett tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-pajjiż ta' oriġini, il-persuni għandhom jirċievu permess ta' soġġorn li jippermettilhom jibqgħu fil-pajjiż ta' residenza b'mod regolari;	***imħassar***

Or. it

Emenda 170
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 88

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
88. Jinsisti dwar il-fatt li l-persuni għandhom biss jintbagħtu lura f'pajjiżhom wara eżami ġust u sħiħ tat-talba tagħhom; ***iqis li meta ritorn ikun impossibbli jew inuman minħabba s-sitwazzjoni kritika fir-rigward tar-rispett tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-pajjiż ta' oriġini, il-persuni għandhom jirċievu permess ta' soġġorn li jippermettilhom jibqgħu fil-pajjiż ta' residenza b'mod regolari;***	88. Jinsisti dwar il-fatt li l-persuni għandhom biss jintbagħtu lura f'pajjiżhom wara eżami ġust u sħiħ tat-talba tagħhom;

Or. en

Emenda 171
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 89

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
89. Jenfasizza li hija responsabilità tal-Istati Membri li jikkontrollaw il-kundizzjonijiet ta' ħajja u ta' integrazzjoni tal-persuni mibgħuta lura fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom u li jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li dawn il-persuni jkollhom għajnuna adegwata; iqis li huwa iktar urġenti li jiġi stabbilit segwitu għas-sitwazzjoni tal-migranti li jkunu marru f'pajjiżi ta' transitu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 172
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 89

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
89. Jenfasizza li hija responsabilità tal-Istati Membri li jikkontrollaw il-kundizzjonijiet ta' ħajja u ta' integrazzjoni tal-persuni mibgħuta lura fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom u li jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li dawn il-persuni jkollhom għajnuna adegwata; iqis li huwa iktar urġenti li jiġi stabbilit segwitu għas-sitwazzjoni tal-migranti li jkunu marru f'pajjiżi ta' transitu;	89. Jenfasizza li hija responsabilità tal-Istati Membri li jikkontrollaw il-kundizzjonijiet ta' ħajja u ta' integrazzjoni tal-persuni mibgħuta lura fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom u li jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li dawn il-persuni jkollhom għajnuna adegwata; ***jistieden lill-Istati Membri biex jistħarrġu l-possibilità li jipprovdu għajnuna finanzjarja għal dawk li jirritornaw lura f'pajjiżhom, biex dawn il-persuni jkunu jistgħu jibdew ħajja ġdida għalihom infushom fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom;*** iqis li huwa iktar urġenti li jiġi stabbilit segwitu għas-sitwazzjoni tal-migranti li jkunu marru

f'pajjiżi ta' transitu;

Or. fr

Emenda 173
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 91

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
91. Jinsab inkwetat minħabba li, sa mill-2002, il-klawsoli ta' ammissjoni mill-ġdid huma inklużi fil-maġġor parti tal-ftehimiet bilaterali konklużi mill-UE ma' pajjiżi terzi, inkluż fil-ftehimiet kummerċjali, li jwasslu għalhekk għal esternalizzazzjoni dejjem tikber tal-politika migratorja tal-Unjoni Ewropea, li hija kkaratterizzata minn kontroll parlamentari insuffiċjenti, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ***sabiex iwaqqfu din il-prattika u, fil-każijiet fejn dawn il-klawsoli xorta jiddaħħlu,*** *li* jinvolvu lill-Parlament Ewropew sa minn fażi bikrija tan-negozjati ta' din il-ftehima u biex iressqulu rapport regolari dwar in-numru ta' persuni mkeċċija mill-UE fuq il-bażi ta' dawn il-klawsoli;	91. Jinsab inkwetat minħabba li, sa mill-2002, il-klawsoli ta' ammissjoni mill-ġdid huma inklużi fil-maġġor parti tal-ftehimiet bilaterali konklużi mill-UE ma' pajjiżi terzi, inkluż fil-ftehimiet kummerċjali, li jwasslu għalhekk għal esternalizzazzjoni dejjem tikber tal-politika migratorja tal-Unjoni Ewropea, li hija kkaratterizzata minn kontroll parlamentari insuffiċjenti, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Kunsill *biex* jinvolvu lill-Parlament Ewropew sa minn fażi bikrija tan-negozjati ta' din il-ftehima u biex iressqulu rapport regolari dwar in-numru ta' persuni mkeċċija mill-UE fuq il-bażi ta' dawn il-klawsoli;

Or. en

Emenda 174
Sarah Ludford

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 92

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
92. Jiddefendi l-libertà tal-espressjoni bħala valur fundamentali tal-UE; iqis li hija għandha tiġi eżerċitata fil-limiti tal-	92. Jiddefendi l-libertà tal-espressjoni bħala valur fundamentali tal-UE; iqis li hija għandha tiġi eżerċitata fil-limiti tal-

leġiżlazzjoni, flimkien mar-responsabilità personali, u għandha tkun ibbażata fuq ir-rispett *tal-liġi* ***u tas-sensibilitajiet*** tal-oħrajn; ***jirrikonoxxi li l-bilanċ bejn dawn l-esiġenzi dejjem għandu jkun is-suġġett ta' dibattitu demokratiku;***

leġiżlazzjoni, flimkien mar-responsabilità personali, u għandha tkun ibbażata fuq ir-rispett *tad-drittijiet* tal-oħrajn;

Or. en

Emenda 175
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 93

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
93. Jilqa' s-sitwazzjoni globalment sodisfaċenti tal-libertà tal-istampa fl-Istati Membri, billi ***25 fosthom*** jinsabu fost l-ewwel ***ħamsin*** *tal-*"Klassfika Dinjija 2007 tal-libertà tal-istampa" tar-Reporters sans Frontieres, filwaqt ***li l-Bulgarija u l-Polonja jinsabu rispettivament fil-51 u fis-56 post;***	93. Jilqa' s-sitwazzjoni globalment sodisfaċenti tal-libertà tal-istampa fl-Istati Membri, billi ***is-27 Stat Membru*** jinsabu fost l-ewwel ***56*** *fil-*"Klassfika Dinjija 2007 tal-libertà tal-istampa" tar-Reporters sans Frontieres;

Or. en

Emenda 176
Sarah Ludford

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 94

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
94. Jitlob lill-Istati Membri, li dawn l-aħħar snin użaw l-istituzzjonijiet ġudizzjarji tagħhom biex jiksru d-dritt tal-ġurnalisti għas-sigriet tas-sorsi tagħhom, *sabiex* itejbu l-leġiżlazzjoni tagħhom u l-prattiki bi qbil mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-27 ta' Marzu 1996 u mar-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat	94. Jitlob lill-Istati Membri, li dawn l-aħħar snin użaw l-istituzzjonijiet ġudizzjarji tagħhom***, jew li qed jippjanaw li jibdlu l-leġiżlazzjoni tagħha f'dawn ir-rigward,*** biex jiksru d-dritt tal-ġurnalisti għas-sigriet tas-sorsi tagħhom ***kif ukoll id-dritt tal-ġurnalisti u tal-edituri li jippubblikaw l-informazzjoni,*** *biex* itejbu l-leġiżlazzjoni

tal-ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-dritt tal-ġurnalisti li ma jikxfux is-sorsi tagħhom ta' informazzjoni, billi l-ksur ta' dan id-dritt illum jikkostitwixxi l-ikbar theddida għal-libertà tal-espressjoni tal-ġurnalisti fl-UE u li ma kienx hemm titjib sinifikattiv ta' din is-sitwazzjoni f'dawn l-aħħar snin;	tagħhom u l-prattiki bi qbil mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-27 ta' Marzu 1996 u mar-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-dritt tal-ġurnalisti li ma jikxfux is-sorsi tagħhom ta' informazzjoni[1] billi l-ksur ta' dan id-dritt illum jikkostitwixxi l-ikbar theddida għal-libertà tal-espressjoni tal-ġurnalisti fl-UE u li ma kienx hemm titjib sinifikattiv ta' din is-sitwazzjoni f'dawn l-aħħar snin;

Or. en

Emenda 177
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jaime Mayor Oreja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 96

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
96. Iqis li l-libertà tal-istampa dejjem għandha tiġi eżerċitata fil-limiti tal-liġi, iżda fl-istess ħin jinsab inkwetat dwar il-fatt li t-tendenza ta' dawn l-aħħar snin li ċerti suġġetti ma jissemmewx fid-dibattiti pubbliċi, f'ħafna Stati Membri, twassal għal forma ta' ċensura mhux uffiċjali jew għal awtoċensura fil-midja;	96. Iqis li l-libertà tal-istampa dejjem għandha tiġi eżerċitata fil-limiti tal-liġi, iżda fl-istess ħin jinsab inkwetat dwar il-fatt li t-tendenza ta' dawn l-aħħar snin li ċerti suġġetti ma jissemmewx fid-dibattiti pubbliċi, ***u b'mod partikulari l-isforz biex ir-reliġjon tiġi degradata b'mod strett għall-ambitu privat***, f'ħafna Stati Membri *jwassalu* għal forma ta' ċensura mhux uffiċjali jew għal awtoċensura fil-midja;

Or. en

Emenda 178
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jaime Mayor Oreja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 97

[1] (Rakkomandazzjoni R(2007 7)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
97. Jikkundanna kull forma ta' vjolenza fuq it-tfal u jinsisti b'mod partikolari dwar il-bżonn li jiġu miġġielda l-iktar forom kurrenti ta' vjolenza fl-Istati Membri; l-abbużi sesswali, il-vjolenza fil-familja, il-kastigi fuq il-ġisem fl-iskejjel u diversi forom ta' abbużi fl-istituzzjonijiet; jitlob li jiġu stabbiliti mekkaniżmi siguri, kunfidenzjali u aċċessibbli, li jippermettu lit-tfal fl-Istati Membri kollha li jiddenunċjaw il-vjolenza, u li jiżguraw li dawn l-episodji jirċievu ħafna attenzjoni;	97. Jikkundanna kull forma ta' vjolenza fuq it-tfal u jinsisti b'mod partikolari dwar il-bżonn li jiġu miġġielda l-iktar forom kurrenti ta' vjolenza fl-Istati Membri; ***il-pedofelija,*** l-abbużi sesswali, il-vjolenza fil-familja, il-kastigi fuq il-ġisem fl-iskejjel u diversi forom ta' abbużi fl-istituzzjonijiet; jitlob li jiġu stabbiliti mekkaniżmi siguri, kunfidenzjali u aċċessibbli, li jippermettu lit-tfal fl-Istati Membri kollha li jiddenunċjaw il-vjolenza, u li jiżguraw li dawn l-episodji jirċievu ħafna attenzjoni;

Or. en

Emenda 179
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jaime Mayor Oreja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 98

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
98. Jitlob lill-Istati Membri biex jimplimentaw miżuri ***drastiċi*** *għall-projbizzjoni ta'* diversi forom ta' sfruttament tat-tfal, inkluż l-isfruttament għall-prostituzzjoni, it-traffikar tad-drogi, is-serq minn ġol-bwiet, l-użu tat-tfal bħala tallaba u kull forma oħra ta' sfruttament;	98. Jitlob lill-Istati Membri biex jimplimentaw miżuri ***effettivi*** *biex jipprojbixxu* diversi forom ta' sfruttament tat-tfal, inkluż l-isfruttament għall-prostituzzjoni, ***il-produzzjoni ta' materjal pedo-pornografiku,*** it-traffikar tad-drogi, is-serq minn ġol-bwiet, l-użu tat-tfal bħala tallaba u kull forma oħra ta' sfruttament;

Or. en

Emenda 180
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 100

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
100. Jenfasizza l-bżonn li jiġi żgurat li l-politiki kollha, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali, iqisu l-eliminazzjoni tal-ħidma tat-tfal fil-forom kollha tagħha; iqis li l-edukazzjoni full-time hija l-aħjar mezz biex tissolva l-problema, kemm biex jiġu evitati abbużi simili kif ukoll biex fil-ġejjieni jinkiser iċ-ċirku vizzjuż tal-analfabetiżmu u tal-faqar;	100. Jenfasizza l-bżonn li jiġi żgurat li l-politiki kollha, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali, iqisu l-eliminazzjoni tal-ħidma tat-tfal fil-forom kollha tagħha; iqis li l-edukazzjoni full-time hija l-aħjar mezz biex tissolva l-problema, kemm biex jiġu evitati abbużi simili kif ukoll biex fil-ġejjieni jinkiser iċ-ċirku vizzjuż tal-analfabetiżmu u tal-faqar; ***jemmen li l-edukazzjoni b'xejn, tal-inqas fil-livell sekondarju, għandha tiġi garantita mill-Istati Membri kollha;***

Or. en

Emenda 181
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jaime Mayor Oreja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 102

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
102. Ifakkar li madwar 20% tat-tfal fl-UE jgħixu taħt il-limitu tal-faqar u li l-iktar vulnerabbli fosthom jiġu minn familji b'ġenitur wieħed u/jew għandhom ġenituri li twieldu barra l-pajjiż; jinsisti għalhekk fuq il-fatt li għandhom jittieħdu miżuri adegwati ta' għajnuna, iffukati fuq il-bżonnijiet tat-tfal, inklużi miżuri ta' appoġġ lill-familji, u jitlob lill-Istati Membri, partikolarment lil dawk li għandhom l-ogħla rati ta' faqar, sabiex jadottaw l-objettivi ambizzjużi u li jistgħu jitwettqu biex jitnaqqas il-faqar tat-tfal;	102. Ifakkar li madwar 20% tat-tfal fl-UE jgħixu taħt il-limitu tal-faqar u li l-iktar vulnerabbli fosthom jiġu minn familji b'ġenitur wieħed u/jew għandhom ġenituri li twieldu barra l-pajjiż; ***jenfasizza li l-ġlieda kontra l-firda tal-familji għandha titqies bħala miżura effettiva biex jinkiseb l-għan ipproklamat mill-mexxejja tal-UE li jissieltu kontra l-faqar tat-tfal;*** jinsisti għalhekk fuq il-fatt li għandhom jittieħdu miżuri adegwati ta' għajnuna, iffukati fuq il-bżonnijiet tat-tfal, inklużi miżuri ta' appoġġ lill-familji, u jitlob lill-Istati Membri, partikolarment lil dawk li għandhom l-ogħla rati ta' faqar, sabiex jadottaw l-objettivi ambizzjużi u li jistgħu jitwettqu biex jitnaqqas il-faqar tat-tfal;

Or. en

Emenda 182
Íñigo Méndez de Vigo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 102

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
102. Ifakkar li madwar 20% tat-tfal fl-UE jgħixu taħt il-limitu tal-faqar u li l-iktar vulnerabbli fosthom jiġu minn familji b'ġenitur wieħed u/jew għandhom ġenituri li twieldu barra l-pajjiż; jinsisti għalhekk fuq il-fatt li għandhom jittieħdu miżuri adegwati ***ta' għajnuna***, iffukati fuq il-bżonnijiet tat-tfal, inklużi miżuri ta' appoġġ lill-familji, u jitlob lill-Istati Membri, partikolarment lil dawk li għandhom l-ogħla rati ta' faqar, sabiex jadottaw l-objettivi ambizzjużi u li jistgħu jitwettqu biex jitnaqqas il-faqar tat-tfal;	102. Ifakkar li madwar 20% tat-tfal fl-UE jgħixu taħt il-limitu tal-faqar u li l-iktar vulnerabbli fosthom jiġu minn familji b'ġenitur wieħed u/jew għandhom ġenituri li twieldu barra l-pajjiż; jinsisti għalhekk fuq il-fatt li għandhom jittieħdu miżuri adegwati biex jingħata ***aċċess għad-drittijiet***, iffukati fuq il-bżonnijiet tat-tfal, inklużi miżuri ta' appoġġ lill-familji, u jitlob lill-Istati Membri, partikolarment lil dawk li għandhom l-ogħla rati ta' faqar, sabiex jadottaw l-objettivi ambizzjużi u li jistgħu jitwettqu biex jitnaqqas il-faqar tat-tfal ***u tal-familji tagħhom***;

Or. fr

Emenda 183
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 103

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
103. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tfittex l-integrazjoni tad-diversi strateġiji li speċifikament jindirizzaw il-faqar tat-tfal, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-inklużjoni soċjali tal-minoranzi fi ħdan l-istrateġiji tal-iżvilupp rilevanti, inkluż fid-Dokumenti ta' Strateġija għat-Tnaqqis tal-Faqar u l-Programmi Indikattivi;	103. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tfittex l-integrazjoni tad-diversi strateġiji li speċifikament jindirizzaw il-faqar tat-tfal, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-inklużjoni soċjali tal-minoranzi fi ħdan l-istrateġiji tal-iżvilupp rilevanti, inkluż fid-Dokumenti ta' Strateġija għat-Tnaqqis tal-Faqar u l-Programmi Indikattivi; ***u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni b'mod effettiv kontra t-traffikar tat-tfal, biex iżidu l-koperazzjoni transkonfinali, biex***

	jipprovdu taħriġ speċjalizzat u biex jimplimentaw standards legali ta' prevenzjoni favur dan l-għan;

Or. en

Emenda 184
Íñigo Méndez de Vigo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 103

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
103. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tfittex l-integrazjoni tad-diversi strateġiji li speċifikament jindirizzaw il-faqar tat-tfal, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-inklużjoni soċjali tal-minoranzi fi ħdan l-istrateġiji tal-iżvilupp rilevanti, inkluż fid-Dokumenti ta' Strateġija għat-Tnaqqis tal-Faqar u l-Programmi Indikattivi;	103. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tfittex l-integrazjoni tad-diversi strateġiji li speċifikament jindirizzaw il-faqar tat-tfal ***u tal-familji tagħhom***, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-inklużjoni soċjali tal-minoranzi fi ħdan l-istrateġiji tal-iżvilupp rilevanti, inkluż fid-Dokumenti ta' Strateġija għat-Tnaqqis tal-Faqar u l-Programmi Indikattivi;

Or. fr

Emenda 185
Íñigo Méndez de Vigo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 104

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
104. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni partikolari lid-diskriminazzjoni diversa li tikkonċerna lit-tfal, li spiss tkun ta' diversi tipi, u *jbagħtu* minnha partikolarment it-tfal tat-*toroq* li *jappartjenu għal* minoranzi etniċi u *għal* gruppi ta' migranti, kif ukoll it-tfal b'diżabilità, u li twassal għal nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni u għall-kura tas-saħħa;	104. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni partikolari lid-diskriminazzjoni diversa li tikkonċerna lit-tfal, li spiss tkun ta' diversi tipi, u *jbatu* minnha partikolarment it-tfal ***li jgħixu fil-faqar***, it-tfal tat-*triq* li *jkunu ġejjin minn* minoranzi etniċi u *minn* gruppi ta' migranti kif ukoll it-tfal b'diżabilità, u li twassal għal nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni u għall-kura tas-saħħa;

Or. fr

Emenda 186
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 106

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
106. Jagħfas lill-Istati Membri biex jeliminaw kull restrizzjoni fid-drittijiet tal-ġenituri li jkollhom kuntatt mat-tfal tagħhom, dovuta għal differenzi fin-nazzjonalità, partikolarment b'relazzjoni mal-għażla tagħhom li jitkellmu lingwa oħra li mhijiex dik uffiċjali f'pajjiż partikolari, minħabba li dawn il-prattiki jipperikolaw l-interessi tat-tfal ikkonċernati u jiddiskriminaw il-ġenituri u t-tfal fuq il-bażi tal-lingwa;	***imħassar***

Or. en

Emenda 187
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jaime Mayor Oreja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 110

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
110. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jaġixxu b'tali mod li jiggarantixxu d-dritt tat-tfal li jkollhom familja, u li għalhekk jagħmlu li jistgħu biex isibu soluzzjonijiet effikaċi biex jiġi evitat l-abbandun tat-tfal; jitlobhom biex ma jimxux mal-politika tal-istituzzjonijiet il-kbar u biex jirriformaw, jiżviluppaw u jsaħħu l-istrutturi edukattivi alternattivi effikaċi bbażati fuq il-familja u fuq il-komunità; ***jitlob lill-Kummissjoni biex tistudja u tippropponi definizzjoni komuni tal-adozzjoni internazzjonali u***	110. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jaġixxu b'tali mod li jiggarantixxu d-dritt tat-tfal li jkollhom familja, u li għalhekk jagħmlu li jistgħu biex isibu soluzzjonijiet effikaċi biex jiġi evitat l-abbandun tat-tfal; jitlobhom biex ma jimxux mal-politika tal-istituzzjonijiet il-kbar u biex jirriformaw, jiżviluppaw u jsaħħu l-istrutturi edukattivi alternattivi effikaċi bbażati fuq il-familja u fuq il-komunità;

politika tal-UE f'dan il-qasam;

Or. en

Emenda 188
Íñigo Méndez de Vigo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 110

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
110. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jaġixxu b'tali mod li jiggarantixxu d-dritt tat-tfal li jkollhom familja, u li għalhekk jagħmlu li jistgħu biex isibu soluzzjonijiet effikaċi biex jiġi evitat l-abbandun tat-tfal; jitlobhom biex ma jimxux mal-politika tal-istituzzjonijiet il-kbar u biex jirriformaw, jiżviluppaw u jsaħħu l-istrutturi edukattivi alternattivi effikaċi bbażati fuq il-familja u fuq il-komunità; jitlob lill-Kummissjoni biex tistudja u tipproponi definizzjoni komuni tal-adozzjoni internazzjonali u politika tal-UE f'dan il-qasam;	110. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jaġixxu b'tali mod li jiggarantixxu d-dritt tat-tfal li jkollhom familja, u li għalhekk jagħmlu li jistgħu biex isibu soluzzjonijiet effikaċi biex *jiġu evitati* ***l-firda bejn il-ġenituri u t-tfal u*** l-abbandun tat-tfal; jitlobhom biex ma jimxux mal-politika tal-istituzzjonijiet il-kbar u biex jirriformaw, jiżviluppaw u jsaħħu l-istrutturi edukattivi alternattivi effikaċi bbażati fuq il-familja u fuq il-komunità; ***fil-każ tat-tidħil fl-istituti, jitlob lill-Istati Membri għal mezzi li jippermettu lit-tfal li jmorru lura għand il-familji tagħhom;*** jitlob lill-Kummissjoni biex tistudja u tipproponi definizzjoni komuni tal-adozzjoni internazzjonali u politika tal-UE f'dan il-qasam;

Or. fr

Emenda 189
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 112

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
112. Josserva li d-disponibilità ta' gwardjan tat-tfal ta' età żgħira permezz ta' istituzzjonijiet kollettivi (crèches, skejjel) hija waħda mill-aħjar mezzi sabiex	***imħassar***

tissolva l-problema tal-bilanċ bejn il-ħajja familjari u dik professjonali u biex sa minn fażi bikrija tal-iżvilupp tat-tfal, tiġi żgurata l-ugwaljanza tal-opportunitajiet u s-soċjalizzazzjoni tagħhom;

Or. en

Emenda 190
Íñigo Méndez de Vigo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 116

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
116. Iqis li l-faqar u l-esklużjoni soċjali ma jistgħux jiġu miġġielda ħlief billi jiġu garantiti d-drittijiet ekonomiċi u soċjali ta' kulħadd; japprova f'dan ir-rigward id-deċiżjoni li s-sena 2010 issir is-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu u biex jilħqu objettivi ambizzjużi f'dan ir-rigward;	116. Iqis li l-faqar u l-esklużjoni soċjali ma jistgħux jiġu miġġielda ħlief billi jiġu garantiti ***d-drittijiet fundamentali kollha, inklużi*** d-drittijiet ekonomiċi u soċjali ta' kulħadd; japprova f'dan ir-rigward id-deċiżjoni li s-sena 2010 issir is-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu u biex jilħqu objettivi ambizzjużi f'dan ir-rigward;

Or. fr

Emenda 191
Íñigo Méndez de Vigo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 117

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
117. Jinsisti dwar il-fatt li hemm numru ta' drittijiet fundamentali indiviżibbli u interdipendenti, li għandhom jiġu garantiti lill-bnedmin kollha;	117. Jinsisti dwar il-fatt li hemm numru ta' drittijiet fundamentali indiviżibbli u interdipendenti, *u li għandu jiġi ggarantit li* l-bnedmin kollha ***ikollhom aċċess ġenwin għalihom***;

Or. fr

Emenda 192
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 117

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
117. Jinsisti dwar il-fatt li hemm numru ta' drittijiet fundamentali indiviżibbli u interdipendenti, li għandhom jiġu garantiti lill-bnedmin kollha;	117. Jinsisti dwar il-fatt li hemm numru ta' drittijiet fundamentali indiviżibbli u interdipendenti, li għandhom jiġu garantiti lill-bnedmin kollha; ***jitlob li jkun hemm elaborazzjoni dwar l-istandards komuni tal-UE fil-qasam tad-drittijiet soċjali;***

Or. en

Emenda 193
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 118

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
118. Jitlob lill-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Karta soċjali Ewropea riveduta tal-Kunsill tal-Ewropa sabiex jagħmlu dan mingħajr aktar dewmien;	***imħassar***

Or. en

Emenda 194
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 118

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
118. Jitlob lill-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Karta *soċjali* Ewropea riveduta tal-Kunsill tal-Ewropa sabiex	118. Jitlob lill-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Karta *soċjali* Ewropea riveduta tal-Kunsill tal-Ewropa sabiex

jagħmlu dan mingħajr aktar dewmien;	jagħmlu dan mingħajr aktar dewmien ***u biex jgħoddu lilhom innfushom marbuta b'għadd massimu ta' artikoli u ta' paragrafi nnumerati tagħha;***

Or. en

Emenda 195
Íñigo Méndez de Vigo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 118 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	118a. Jenfasizza li l-Artikolu 30 tal-Karta Soċjali Ewropea riveduta tistipula d-dtitt għall-ħarsien mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali, u jistieden lill-Istati Membri biex jirratifikawh;

Or. fr

Emenda 196
Íñigo Méndez de Vigo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 119 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	119a. Jenfasizza li l-faqar estrem u l-esklużjoni soċjali jikkonsistu fi ksur tad-drittijiet fundamentali b'mod ġenerali;

Or. fr

Emenda 197
Íñigo Méndez de Vigo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 120

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
120. Jixtieq li jkun hemm integrazzjoni reali tad-dimensjoni soċjali fil-politiki kollha tal-UE;	120. Jixtieq li jkun hemm integrazzjoni reali tad-dimensjoni soċjali ***u tad-drittijiet fundamentali*** fil-politiki kollha tal-UE;

Or. fr

Emenda 198
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 122

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
122. Jitlob li jitwaqqfu strumenti fil-livell Ewropew bil-għan li jiġu stabbiliti regoli soċjali ta' livell għoli, sabiex jiġi garantit aċċess lil kulħadd għal livell deċenti ta' dħul finanzjarju u għal servizzi ta' interess ġenerali ta' kwalità għolja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 199
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 122

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
122. Jitlob li jitwaqqfu strumenti fil-livell Ewropew bil-għan li jiġu stabbiliti regoli soċjali ta' livell għoli, sabiex jiġi garantit aċċess lil kulħadd għal livell deċenti ta' dħul finanzjarju u għal servizzi ta' interess ġenerali ta' kwalità għolja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 200
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 123

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
123. Iqis li aċċess universali għal servizzi ta' interess ġenerali jikkostitwixxi dritt soċjali importanti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 201
Mary Lou McDonald, Claude Moraes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Titolu ġdid bejn il-paragrafi 24 u 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Nuqqas ta' Akkomodazzjoni

Or. en

Emenda 202
Mary Lou McDonald, Claude Moraes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 124 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	124 a. Jistieden lill-Kunsill biex jasal għal qbil dwar impenn mill-UE kollha biex sal-2015 tintemm il-problema tal-persuni bla dar li jgħixu fit-triq;

Or. en

Emenda 203
Mary Lou McDonald, Claude Moraes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 124 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	124 b. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa definizzjoni Ewropea ta' qafas tal-problema ta' persuni bla djar, tiġbor dejta statistika kumparabbli u ta' min joqgħod fuqha u tipprovdi aġġornamenti annwali dwar l-azzjoni li tkun ittieħdet u l-progress li jkun sar fl-Istati Membri tal-UE sabiex tintemm il-problema ta' persuni bla dar;

Or. en

Emenda 204
Mary Lou McDonald, Claude Moraes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 124 c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	124 c. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex ifasslu 'pjanijiet ta' emerġenza għax-xitwa' bħala parti minn strateġija usa' għall-problema ta' persuni bla djar;

Or. en

Emenda 205
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 125

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
125. Jinsisti dwar il-fatt li l-irwol prinċipali f'kull sistema ta' kura tas-	***imħassar***

saħħa u ta' kura fuq medda twila ta' żmien għandu jkun tal-individwu bħala benefiċjarju tas-servizzi, u li d-drittijiet tiegħu huma prijoritarji meta mqabbla ma kemm irendu s-servizzi pubbliċi ta' kura tas-saħħa;

Or. en

Emenda 206
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 125

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
125. Jinsisti dwar il-fatt li l-irwol prinċipali f'kull sistema ta' kura tas-saħħa u ta' kura fuq medda twila ta' żmien għandu jkun tal-individwu bħala benefiċjarju tas-servizzi, u li d-drittijiet tiegħu huma prijoritarji meta mqabbla ma kemm irendu s-servizzi pubbliċi ta' kura tas-saħħa;	***imħassar***

Or. en

Emenda 207
Konrad Szymański

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 125

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
125. Jinsisti dwar il-fatt li l-irwol prinċipali f'kull sistema ta' kura tas-saħħa u ta' kura fuq medda twila ta' żmien għandu jkun tal-individwu bħala benefiċjarju tas-servizzi, u li ***d-drittijiet tiegħu huma prijoritarji*** meta mqabbla ma kemm irendu s-servizzi pubbliċi ta' kura tas-saħħa;	125. Jinsisti dwar il-fatt li l-irwol prinċipali f'kull sistema ta' kura tas-saħħa u ta' kura fuq medda twila ta' żmien għandu jkun tal-individwu bħala benefiċjarju tas-servizzi, u li *l-kunsiderazzjonijiet dwar* kemm irendu s-servizzi pubbliċi ta' kura tas-saħħa ***m'għandhomx jieħdu preċedenza fuq ir-rispett lejn id-dinjità umana;***

Or. en

Emenda 208
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 126

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
126. Josserva li ċerti Stati Membri qed iżidu l-parti mill-ispejjeż għall-kura tas-saħħa li għandha titħallas mill-pazjenti, u jitlob f'dan ir-rigward li l-gruppi żvantaġġjati jkun jista' jibqa' jkollhom aċċess għal kura tas-saħħa adegwata u mingħajr ħlas; jinsisti dwar il-fatt li l-kopertura universali għandha tkun ibbażata fuq is-solidarjetà u għandha tipprovdi mezz ta' sigurtà kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, li jkun ta' benefiċċju partikolari għal dawk li għandhom dħul finanzjarju baxx u għal dawk li l-istat ta' saħħithom jeħtieġ kura intensiva, fit-tul u għalja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 209
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 126

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
126. Josserva li ċerti Stati Membri qed iżidu l-parti mill-ispejjeż għall-kura tas-saħħa li għandha titħallas mill-pazjenti, u jitlob f'dan ir-rigward li l-gruppi żvantaġġjati jkun jista' jibqa' jkollhom aċċess għal kura tas-saħħa adegwata u mingħajr ħlas; jinsisti dwar il-fatt li l-kopertura universali għandha tkun ibbażata fuq is-solidarjetà u għandha	***imħassar***

tipprovdi mezz ta' sigurtà kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, li jkun ta' benefiċċju partikolari għal dawk li għandhom dħul finanzjarju baxx u għal dawk li l-istat ta' saħħithom jeħtieġ kura intensiva, fit-tul u għalja;

Or. en

Emenda 210
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 127

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
127. Jitlob lill-gvernijiet tal-Istati Membri biex jagħmlu sforz favur il-koordinazzjoni ta' programmi sanitarji preventivi mmirati lejn gruppi ta' età differenti u li jinkludu prijoritarjament il-promozzjoni tas-saħħa u l-edukazzjoni għas-saħħa, u li jagħtu ħafna iktar prijorità lill-prevenzjoni fl-użu tas-servizzi tas-saħħa;	***imħassar***

Or. en

Emenda 211
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 127 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	127a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-UE biex jiżguraw li l-persuni li jabbużaw minn sustanzi narkotiċi ikollhom aċċess shih għal servizzi tas-saħħa speċjalizzati u għal trattamenti alternattivi, u biex jaċċertaw li dawn il-persuni ma jkunux ittrattati bħala kriminali sempliċiment minħabba l-użu personali tagħhom ta'

drogi illeċiti;

Or. en

Emenda 212
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 129

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
129. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex, meta jkunu qed ifasslu proposti ġodda f'dawn l-oqsma, iżommu f'moħħhom li d-drittijiet eżistenti tal-ħaddiema għandhom ikunu kkumpletati bi drittijiet ġodda, bħad-dritt ta' aċċess għat-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 213
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 130

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
130. Jirrikonoxxi li f'bosta Stati Membri, is-salarju minimu huwa baxx ferm, jew taħt il-livell ta' għajxien minimu, u jixtieq għalhekk li titwaqqaf metodoloġija għad-definizzjoni tas-salarju minimu nazzjonali fil-livell Ewropew, sabiex jiġi garantit li l-ħaddiema kollha fl-UE jkunu mħallsa b'mod li jkunu jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet vitali tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 214
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 130

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
130. Jirrikonoxxi li f'bosta Stati Membri, is-salarju minimu huwa baxx ferm, jew taħt il-livell ta' għajxien minimu, u jixtieq għalhekk li titwaqqaf metodoloġija għad-definizzjoni tas-salarju minimu nazzjonali fil-livell Ewropew, sabiex jiġi garantit li l-ħaddiema kollha fl-UE jkunu mħallsa b'mod li jkunu jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet vitali tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 215
Íñigo Méndez de Vigo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 130

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
130. Jirrikonoxxi li f'bosta Stati Membri, is-salarju minimu huwa baxx ferm, jew taħt il-livell ta' għajxien minimu, u jixtieq għalhekk li titwaqqaf metodoloġija għad-definizzjoni tas-salarju minimu nazzjonali fil-livell Ewropew, sabiex jiġi garantit li l-ħaddiema kollha fl-UE jkunu mħallsa b'mod li jkunu jistgħu jissodisfaw ***il-bżonnijiet vitali tagħhom;***	130. Jirrikonoxxi li f'bosta Stati Membri, is-salarju minimu huwa baxx ferm, jew taħt il-livell ta' għajxien minimu, u jixtieq għalhekk li titwaqqaf metodoloġija għad-definizzjoni tas-salarju minimu nazzjonali fil-livell Ewropew, sabiex jiġi garantit li l-ħaddiema kollha fl-UE jkunu mħallsa b'mod li *jkun* ***jista' jkollhom ħajja dinjituża***;

Or. fr

Emenda 216
Martine Roure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 130

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
130. Jirrikonoxxi li f'bosta Stati Membri, is-salarju minimu huwa baxx ferm, jew taħt il-livell ta' għajxien minimu, u jixtieq għalhekk li titwaqqaf metodoloġija għad-definizzjoni tas-salarju minimu nazzjonali fil-livell Ewropew, sabiex jiġi garantit li l-ħaddiema kollha fl-UE jkunu mħallsa b'mod li jkunu jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet vitali tagħhom;	130. Jirrikonoxxi ***li xi Stati Membri m'għandhom l-ebda leġiżlazzjoni nazzjonali li tistipula salarju minimu u li*** f'bosta Stati Membri, is-salarju minimu huwa baxx ferm, jew taħt il-livell ta' għajxien minimu, u jixtieq għalhekk li titwaqqaf metodoloġija għad-definizzjoni tas-salarju minimu nazzjonali fil-livell Ewropew, sabiex jiġi garantit li l-ħaddiema kollha fl-UE jkunu mħallsa b'mod li jkunu jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet vitali tagħhom;

Or. fr

Emenda 217
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 132

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
132. Jinkoraġġixxi lin-negozji biex jadottaw politiki responsabbli u mhux diskriminatorji ta' reklutaġġ u ta' żvilupp professjonali, sabiex jagħtu spinta lill-impjegar tan-nisa u ta' dawk żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol;	132. Jinkoraġġixxi lin-negozji biex jadottaw politiki responsabbli u mhux diskriminatorji ta' reklutaġġ u ta' żvilupp professjonali, sabiex jagħtu spinta lill-impjegar tan-nisa***, taż-żgħażagħ*** u ta' dawk żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 218
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 132 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	132a. Ifakkar li d-diskriminazzjoni għandha titqies ukoll li tinterferixxi mal-erba' libertajiet fundamentali – b'mod partikulari l-moviment ħieles tal-persuni – u b'hekk tkun ta' ostaklu għall-funzjonament tas-suq intern; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jirrevedu d-dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni tagħhom li jirregolaw l-aċċess għas-swieq tax-xogħol tagħhom sabiex jiġi eliminat d-divrenzjar bejn iċ-ċittadini Ewropej f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 219
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 132 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	132a. Jitlob lil dawk l-Istati Membri li jipprojbixxu l-prostituzzjoni u li jikkriminalizzaw il-ħaddiema tas-sess biex jirrevedu l-liġijiet tagħhom sabiex jiżguraw li dawn ma jiġux sfruttati minn organizzazzjonijiet kriminali, li jkollhom id-drittijiet fundamentali tagħhom garantiti u li jkollhom aċċess xieraq għas-servizzi soċjali u għas-servizzi tas-saħħa;

Or. en

Emenda 220
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 133

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
133. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipproponu strateġiji bil-għan li jipprovdu impjiegi ta' kwalità lill-persuni żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol, u li jaffaċċjaw realment il-problema tal-"ħaddiema foqra"; iqis li strateġiji bħal dawn għandhom jittrattaw il-kwistjonijiet rigward livell ġust ta' salarju, bilanċ korrett bejn il-ħajja professjonali u dik familjari, kundizzjonijiet ta' xogħol ta' kwalità, sigurtà fl-impjieg.	***imħassar***

Or. en

Emenda 221
Metin Kazak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 133

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
133. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipproponu strateġiji bil-għan li jipprovdu impjiegi ta' kwalità lill-persuni żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol, u li jaffaċċjaw realment il-problema tal-"ħaddiema foqra"; iqis li strateġiji bħal dawn għandhom jittrattaw il-kwistjonijiet rigward livell ġust ta' salarju, bilanċ korrett bejn il-ħajja professjonali u dik familjari, kundizzjonijiet ta' xogħol ta' kwalità, sigurtà fl-impjieg.	133. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipproponu strateġiji bil-għan li jipprovdu impjiegi ta' kwalità lill-persuni żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol, u li jaffaċċjaw realment il-problema tal-"ħaddiema foqra"; iqis li strateġiji bħal dawn għandhom jittrattaw il-kwistjonijiet rigward livell ġust ta' salarju, bilanċ korrett bejn il-ħajja professjonali u dik familjari, kundizzjonijiet ta' xogħol ta' kwalità, ***ħarsien soċjali*** u sigurtà fl-impjieg.

Or. en

Emenda 222
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 133

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
133. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipproponu strateġiji bil-għan li jipprovdu impjiegi ta' kwalità lill-persuni żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol, u li jaffaċċjaw realment il-problema tal-"ħaddiema foqra"; iqis li strateġiji bħal dawn għandhom jittrattaw il-kwistjonijiet rigward livell ġust ta' salarju, bilanċ korrett bejn il-ħajja professjonali u dik familjari, kundizzjonijiet ta' xogħol ta' kwalità, ***sigurtà fl-impjieg***.	133. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipproponu strateġiji bil-għan li jipprovdu impjiegi ta' kwalità lill-persuni żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol, u li jaffaċċjaw realment il-problema tal-"ħaddiema foqra"; iqis li strateġiji bħal dawn għandhom jittrattaw il-kwistjonijiet rigward livell ġust ta' salarju, bilanċ korrett bejn il-ħajja professjonali u dik familjari, kundizzjonijiet ta' xogħol ta' kwalità *u* ***impjegabilità***.

Or. en

Emenda 223
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 133 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	133 a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex iħaffu l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Liżbona, b'enfasi partikulari fuq it-tisħih tal-impjegabilità.

Or. en

Emenda 224
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 138

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
138. ***Jinsisti dwar il-fatt li l-ewwel kompitu tal-ispezzjoni tal-ħidma huwa li jiġu protetti l-ħaddiema u mhux li jiġu applikati l-liġijiet dwar l-immigrazzjoni, u*** jitlob ***għalhekk*** lill-Istati Membri biex:	138. ***Jitlob*** lill-Istati Membri biex:

Or. en

Emenda 225
Mario Mauro, Stefano Zappalà, Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 138 – inċiż 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
- jiddistingwu l-kwistjonijiet relatati mal-istatus tal-immigranti mill-ispezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol u jiżguraw li l-ħaddiema mingħajr dokumenti jkunu jistgħu *jintroduċu lment kontra persuna li tħaddem abbużiva fis-sigurtà kollha* ***u migħajr ma jkollhom jaffaċċjaw theddid ta' tkeċċija***,	- jiddistingwu l-kwistjonijiet relatati mal-istatus tal-immigranti mill-ispezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol u jiżguraw li l-ħaddiema mingħajr dokumenti jkunu jistgħu *jressqu ilment dwar impjegaturi abbużivi b'mod sikur* ***u anonimu***;

Or. it

Emenda 226
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 138 – inċiż 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
- ***jiddistingwu l-kwistjonijiet relatati mal-istatus tal-immigranti mill-ispezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol*** u jiżguraw li l-ħaddiema mingħajr dokumenti jkunu jistgħu *jintroduċu lment kontra persuna li tħaddem abbużiva fis-sigurtà kollha* u	- u jiżguraw li l-ħaddiema mingħajr dokumenti jkunu jistgħu *jressqu ilment dwar impjegatur abbużiv b'mod sikur bla* ma jaffaċċjaw theddid ta' tkeċċija;

migħajr ma *jkollhom* jaffaċċjaw theddid ta' tkeċċija,

Or. en

Emenda 227
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 139

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
139. Josserva li l-alloġġ qed isir dejjem iktar ta' valur kummerċjali fl-Ewropa, u dan qed jikkawża żidiet kostanti u sproporzjonati fil-prezzijiet u jeskludi għalhekk bosta persuni mis-suq immobiljari billi jikser id-dritt għal alloġġ deċenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 228
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 139

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
139. Josserva li l-alloġġ qed isir dejjem iktar ta' valur kummerċjali fl-Ewropa, u dan qed jikkawża żidiet kostanti u sproporzjonati fil-prezzijiet u jeskludi għalhekk bosta persuni mis-suq immobiljari billi jikser id-dritt għal alloġġ deċenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 229
Tatjana Ždanoka

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 139

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
139. Josserva li l-alloġġ qed isir dejjem iktar ta' valur kummerċjali fl-Ewropa, u dan qed jikkawża żidiet kostanti u sproporzjonati fil-prezzijiet u jeskludi għalhekk bosta persuni mis-suq immobiljari billi jikser id-dritt għal alloġġ deċenti;	139. Josserva li l-alloġġ qed isir dejjem iktar ta' valur kummerċjali fl-Ewropa, u dan qed jikkawża żidiet kostanti u sproporzjonati fil-prezzijiet u jeskludi għalhekk bosta persuni mis-suq immobiljari billi jikser id-dritt għal alloġġ deċenti; ***ifakkar li r-restituzzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà lil djar ikkonfiskati f'ċerti Stati Membri ħolqot għadd kbir ta' problemi soċjali, li wħud minnhom għadhom ma ssolvewx;***

Or. en

Emenda 230
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 140

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
140. Iqis li n-nuqqas ta' alloġġi deċenti u bi prezz abbordabbli fl-Istati Membri kollha huwa fattur li jwassal lin-nies għall-faqar u jżommhom foqra; jitlob lill-Kummissjoni, minħabba l-irwol fundamentali tal-alloġġ fil-politiki tal-inklużjoni soċjali, li tgħin lill-Istati Membri fit-titjib tas-sistemi ta' alloġġ soċjali tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 231
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 140

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
140. Iqis li n-nuqqas ta' alloġġi deċenti u bi prezz abbordabbli fl-Istati Membri kollha huwa fattur li jwassal lin-nies għall-faqar u jżommhom foqra; ***jitlob lill-Kummissjoni, minħabba l-irwol fundamentali tal-alloġġ fil-politiki tal-inklużjoni soċjali, li tgħin lill-Istati Membri fit-titjib tas-sistemi ta' alloġġ soċjali tagħhom;***	140. Iqis li n-nuqqas ta' alloġġi deċenti u bi prezz abbordabbli fl-Istati Membri kollha huwa fattur li jwassal lin-nies għall-faqar u jżommhom foqra;

Or. en

Emenda 232
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 141

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
141. Jitlob lill-Istati Membri biex jistabbilixxu strateġiji ta' alloġġ b'objettivi, prijoritajiet u baġit definiti sew, ibbażati fuq l-elementi minimi deskritti fl-''Opinjoni'' tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-dritt għall-alloġġ ippubblikat f'Ottubru 2007;	***imħassar***

Or. en

Emenda 233
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 141

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
141. Jitlob lill-Istati Membri biex jistabbilixxu strateġiji ta' alloġġ b'objettivi, prijoritajiet u baġit definiti sew, ibbażati fuq l-elementi minimi deskritti fl-"Opinjoni" tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-dritt għall-alloġġ ippubblikat f'Ottubru 2007;	***imħassar***

Or. en

Emenda 234
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 142

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
142. Huwa tal-opinjoni li l-fatt li l-popolazzjoni dejjem tikber jikkostitwixxi sfida u għandu jitqies bħala opportunità sabiex il-persuni b'esperjenza twila u ta' kwalità jiġu involuti iktar fis-soċjetà, billi jikkontribwixxu b'hekk għall-promozzjoni ta' xjuħija attiva;	142. Huwa tal-opinjoni li l-fatt li l-popolazzjoni dejjem tikber jikkostitwixxi sfida u għandu jitqies bħala opportunità sabiex il-persuni b'esperjenza twila u ta' kwalità jiġu involuti iktar fis-soċjetà, billi jikkontribwixxu b'hekk għall-promozzjoni ta' xjuħija attiva; ***iqis li jeħtieġ isiru sforzi biex il-ħaddiema anzjani jiġu inkorporati fis-suq tax-xogħol.***

Or. en

Emenda 235
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 144

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
144. Jirrakkomanda lill-Istati Membri biex jistabbilixxu eżamijiet mediċi	***imħassar***

sistematiċi għall-anzjani, sabiex tiġi prevenuta d-deterjorazzjoni tal-kwalità tal-għajxien tagħhom u, jekk jista' jkun, jiġu evitati soġġorni fit-tul fi sptarijiet, u sabiex meta jkun possibbli jiġu ppreferiti l-kuri tal-infirmiera d-dar;

Or. en

Emenda 236
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 144

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
144. Jirrakkomanda lill-Istati Membri biex ***jistabbilixxu eżamijiet mediċi sistematiċi*** għall-anzjani, sabiex tiġi prevenuta d-deterjorazzjoni tal-kwalità tal-għajxien tagħhom u, jekk jista' jkun, jiġu evitati soġġorni fit-tul fi sptarijiet, u sabiex meta jkun possibbli jiġu ppreferiti l-kuri tal-infirmiera d-dar;	144. Jirrakkomanda lill-Istati Membri biex jiżguraw ***li jkun hemm faċilitajiet tal-kura tas-saħħa xierqa*** għall-anzjani, sabiex tiġi prevenuta d-deterjorazzjoni tal-kwalità tal-għajxien tagħhom u, jekk jista' jkun, jiġu evitati soġġorni fit-tul fi sptarijiet, u sabiex meta jkun possibbli jiġu ppreferiti l-kuri tal-infirmiera d-dar;

Or. en

Emenda 237
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 144 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	144a. Jitlob lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma daħħlux leġiżlazzjoni dwar il-'living wills' biex jiżguraw li, kif jgħid l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Oviedo dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina, "jitqiesu l-aħħar x-xewqat mistqarra dwar intervent mediku minn pazjent li, fil-mument tal-intervent, ma

jkunx fi stat li jistqarr ix-xewqat tiegħu”, u biex jirregolaw id-dritt għall-mewt dinjituża;

Or. en